# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1757

**tas-17 ta' Lulju 2017**

**dwar l-aċċettazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea ta' Emenda lill-Protokoll tal-1999 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) L-Unjoni hija Parti għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila ("il-Konvenzjoni") wara li ġiet approvata mill-Komunità Ekonomika Ewropea taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE ([2]).

(2) L-Unjoni hija Parti għall-Protokoll tal-1999 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku ("il-Protokoll ta' Gothenburg") wara l-adeżjoni miegħu tal-Komunità Ewropea taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/507/KE ([3]).

(3) Il-Partijiet għall-Protokoll ta' Gothenburg fetħu negozjati fl-2007 bil-ħsieb li jtejbu aktar il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, inkluż bl-istabbiliment ta' obbligi ġodda ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għal inkwinanti tal-arja speċifikati li għandu jinkiseb sas-sena 2020 u bl-aġġornament tal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet li jindirizzaw l-emissjonijiet tal-inkwinanti tal-arja mis-sors.

(4) Il-Partijiet preżenti għat-30 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni adottaw b'kunsens id-Deċiżjonijiet 2012/1 u 2012/2 li jemendaw il-Protokoll ta' Gothenburg.

(5) L-Emendi li jinsabu fid-Deċiżjoni 2012/1 daħlu fis-seħħ u saru effettivi abbażi tal-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 13(4) tal-Protokoll ta' Gothenburg.

(6) L-Emenda li tinsab fid-Deċiżjoni 2012/2 ("l-Emenda") tirrikjedi l-aċċettazzjoni mill-Partijiet għall-Protokoll ta' Gothenburg skont l-Artikolu 13(3) tiegħu.

([1]) Il-Kunsens tal-5 ta' Lulju 2017 (għad mhuwiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar it-tniġġiż transkonfini tal-arja f'distanza twila (ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/507/KE tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (ĠU L 179, 17.7.2003, p. 1).

(7) L-Unjoni diġà adottat strumenti dwar kwistjonijiet koperti mill-Emenda, inklużi d-Direttivi 2001/81/KE ([1]), (UE) 2016/2284 ([2]), 2010/75/UE ([3]) u (UE) 2015/2193 ([4]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 ([5]) u (KE) Nru 715/2007 ([6]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(8) L-Emenda għandha għalhekk tiġi approvata f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Emenda lill-Protokoll tal-1999 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku, li tinsab fid-Deċiżjoni 2012/2 tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni, hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Emenda jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina lill-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, l-istrument ta' aċċettazzjoni previst fl-Artikolu 13(3) tal-Protokoll, kif emendat ([7]).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
T. TAMM

([1]) Id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22).

([2]) Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal- kombustjoni medji (ĠU L 313, 28.11.2015, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

([7]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Emenda tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

TRADUZZJONI

*ANNESS*

**Emenda tat-test u l-Annessi II sa IX tal-Protokoll tal-1999 sabiex Titnaqqas l-Aċidifikazzjoni, l-wtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku u ż-żieda tal-Annessi ġodda X u XI**

A. **Preamblu**

1. Fit-tieni paragrafu preambulari, il-kliem "komposti organiċi volatili u komposti ridotti tan-nitroġenu" jinbidlu bil-kliem "komposti organiċi volatili, komposti ridotti tan-nitroġenu u materja partikulata".

2. Fit-tielet paragrafu preambulari, il-kliem "u l-materja partikulata" jiddaħħlu wara l-kelma "ożonu".

3. Fir-raba' paragrafu preambulari, il-kliem "kubrit u komposti volatili organiċi, kif ukoll sustanzi niġġiesa sekondarji bħall-ożonu" jinbidlu bil-kliem "kubrit, komposti organiċi volatili, ammonja u materja partikulata emessa direttament, kif ukoll sustanzi niġġiesa ffurmati sekondarjament bħall-ożonu, materja partikulata".

4. Il-paragrafu preambulari li ġej jiżdied bejn ir-raba' u l-ħames paragrafu preambulari:

"*Rikonixximent* tal-valutazzjonijiet tal-għarfien xjentifiku mill-organizzazzjonijiet intera'nazzjonali, bħall-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, u mill-Kunsill tal-Artiku, dwar il-kobenefiċċji fuq is-saħħa umana u l-klima mit-tnaqqis tal-iswed tal-karbonju u l-ożonu troposferiku, b'mod partikolari fl-Artiku u r-reġjuni Alpini,".

5. Fis-sitt paragrafu preambulari hemm bidla:

"*Rikonoxximent* ukoll li l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka qed jindirizzaw bilateralment it-tniġġis tal-arja transkonfini skont il-Ftehim tal-Kwalità tal-Arja bejn il-Kanada u l-Istati Uniti, li jinkludi impenji miż-żewġ pajjiżi biex inaqsu l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu u l-komposti organiċi volatili, u li ż-żewġ pajjiżi qed jikkunsidraw l-inklużjoni tal-impenji biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-materja partikulata,"

6. Fis-seba' paragrafu preambulari hemm bidla:

"*Rikonoxximent addizzjonali* li l-Kanada hija impenjata li tikseb tnaqqis fid-dijossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu, il-komposti organiċi volatili u l-materja partikulata biex tissodisfa l-Istandards Kanadiżi tal-Kwalità tal-Arja Ambjentali għall-ożonu u l-materja partikulata u l-għan nazzjonali biex tnaqqas l-aċidifikazzjoni, u li l-Istati Uniti hija impenjata li timplimenta l-programmi biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu, id-dijossidu tal-kubrit, il-komposti organiċi volatili u l-materja partikulata meħtieġa biex tissodisfa l-istandards tal-kwalità tal-arja ambjentali nazzjonali għall-ożonu u l-materja partikulata, li tagħmel progress kontinwat biex tnaqqas l-effetti tal-aċidifikazzjoni u l-ewtrofikazzjoni u biex ittejjeb il-viżibbiltà fil-parkijiet nazzjonali u bl-istess mod fiż-żoni urbani,"

7. Id-disa' u l-għaxar paragrafu preambulari jinbidlu permezz tal-paragrafi preambulari li ġejjin:

"*B'konsiderazzjoni* tal-għarfien xjentifiku dwar it-trasport emisferiku tat-tniġġis tal-arja, l-influwenza taċ-ċiklu tan-nitroġenu u s-sinerġiji potenzjali mat-tniġġis tal-arja u t-tibdil fil-klima u l-għażliet ta' kompromess bejniethom,

*Konxji* li l-emissjonijiet mit-trasport bil-baħar u l-avjazzjoni jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-effetti avversi fuq is-saħħa umana u l-ambjent u li huma kwistjonijiet importanti li qed jiġu kkunsidrati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali,".

8. Fil-ħmistax-il paragrafu preambulari, il-kliem "ammonja u komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "ammonja, komposti organiċi volatili u materja partikulata".

9. Fid-dsatax-il paragrafu preambulari, il-kliem "u l-materja partikulata, inkluż l-iswed tal-karbonju" qed jiddaħħlu wara l-kliem "komposti tan-nitroġenu".

10. L-għoxrin u l-wieħed u għoxrin paragrafu preambulari jitħassru.

11. Fit-tnejn u għoxrin paragrafu preambulari:

(a) Il-kliem "u ammonja" jinbidlu bil-kliem "u komposti mnaqqsa tan-nitroġenu", u

(b) Il-kliem "inkluż l-ossidu nitruż" jinbidlu bil-kliem, "inkluż l-ossidu nitruż u l-livelli tan-nitrat fl-ekosistemi,".

12. Fit-tlieta u għoxrin paragrafu preambulari, il-kelma "troposferika" tinbidel bil-kliem "fil-livell tal-art".

B. **Artikolu 1**

1. Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 1:

"1 bis. It-termini "dan il-Protokoll", "il-Protokoll" u "l-Protokoll preżenti" jfissru l-Protokoll tal-1999 sabiex Titnaqqas l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku, kif jiġi emendat minn żmien għal żmien;"

2. Il-kliem ", espress bħala ammonja ($NH_3$)" jiżdiedu fl-aħħar tal-paragrafu 9.

3. Il-paragrafi li ġejjin jiddaħħlu wara l-paragrafu 11:

"11 bis. "Materja partikulata" jew "PM (particulate matter)" hija sustanza niġġiesa tal-arja li tikkonsisti minn taħlita ta' partiċelli sospiżi fl-arja. Dawn il-partiċelli jvarjaw fil-proprjetajiet fiżiċi (bħad-daqs u l-forma) u l-kompożizzjoni kimika tagħhom. Sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor, ir-referenzi kollha għall-materja partikulata fil-Protokoll preżenti jirreferu għal partiċelli b'dijametru ajrudinamiku daqs jew inqas minn 10 microns (μm) (PM10), inkluż dawk b'dijametru ajrudinamiku daqs jew inqas minn 2,5 μm ($PM_{2,5}$);

11 ter. "Iswed tal-karbonju" tfisser materja partikulata karbonjuża li tassorbi d-dawl;

11 kwartal. "Prekursuri tal-ożonu" tfisser ossidi tan-nitroġenu, komposti organiċi volatili, metan u monossidu tal-karbonju;"

4. Fil-paragrafu 13, il-kliem "jew flussi għar-riċetturi" jiddaħħlu wara l-kelma "atmosfera".

5. Fil-paragrafu 15, il-kliem "komposti organiċi volatili jew ammonja" jinbidlu bil-kliem "komposti organiċi volatili, ammonja jew materja partikulata".

6. Fis-16-il paragrafu hemm bidla:

""Sors stazzjonarju ġdid" tfisser kwalunkwe sors stazzjonarju li l-kostruzzjoni jew il-modifika sostanzjali tiegħu tibda sena wara li tgħaddi sena waħda mid-data tad-dħul fis-seħħ għal Parti għall-Protokoll preżenti. Parti tista' tiddeċiedi li ma tittrattax bħala sors stazzjonarju ġdid kwlunkwe sors stazzjonarju li għalih diġà tkun ingħatat l-approvazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jixirqu mad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għal dik il-Parti u sakemm il-kostruzzjoni jew il-modifika sostanzjali tinbeda fi żmien 5 snin minn dik id-data. Għandha tkun kwistjoni għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali biex jiddeċiedu jekk modifika hix sostanzjali jew le, billi jikkunsidraw fatturi bħal ma huma l-benefiċċji ambjentali tal-modifika."

C. **Artikolu 2**

1. Fix-chapeau:

(a) Qabel il-kliem "L-għan tal-Protokoll preżenti" jiddaħħal "1";

(b) Il-kliem "ammonja u komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "ammonja, komposti organiċi volatili u materja partikulata";

(c) Il-kliem "u l-ambjent" jiddaħħlu wara "saħħa umana";

(d) Il-kliem "materjali u uċuħ tar-raba" jinbidlu bil-kliem "materjali, uċuħ tar-raba' u l-klima fit-terminu ta' żmien qasir u twil"; u

(e) Il-kliem ", materja partikulata" jiddaħħlu wara l-kelma "ewtrofikazzjoni".

2. Il-kliem ", li jippermettu l-irkupru tal-ekosistema" jiddaħħlu fl-aħħar tas-subparagrafu (a).

3. Fis-subparagrafu (b), il-kliem ", li jippermettu l-irkupru tal-ekosistema" jiżdiedu fl-aħħar tas-subparagrfu u l-kelma "u" titħassar wara l-punt u l-virgola.

4. Fis-subparagrafu (c) (ii), il-kliem "Standard għall-Kanada kollha" jinbidlu bil-kliem "Standard Kanadiż tal-Kwalità tal-Arja Ambjentali".

5. Wara s-subparagrafu (c) jiżdiedu s-subparagrafi ġodda (d), (e) u (f) kif ġej:

"(d) Għal materja partikulata:

(i) Għall-Partijiet li jinsabu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP, il-livelli kritiċi tal-materja partikulata, kif mogħtija fl-Anness I;

(ii) Għall-Kanada, l-Istandards Kanadiżi tal-Kwalità tal-Arja Ambjentali għall-materja partikulata; u

(iii) Għall-Istati Uniti tal-Amerka, l-Istandards Nazzjonali tal-Kwalità tal-Arja Ambjentali għall-materja partikulata;

(e) Għall-Partijiet li jinsabu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP, il-livelli kritiċi tal-ammonja, kif mogħtija fl-Anness I; u

(f) Għall-Partijiet li jinsabu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP, il-livelli aċċettabbli tan-niġġiesa tal-arja biex jipproteġu l-materjali, kif mogħtija fl-Anness I;"

6. Jiżdied paragrafu 2 ġdid fl-aħħar tal-Artikolu 2 kif ġej:

"2. Għan ieħor huwa li l-Partijiet għandhom, fl-implimentazzjoni tal-miżuri biex jiksbu l-miri nazzjonali tagħhom għall-materja partikulata, jagħtu prijorità, sal-limitu li huma jikkunsidraw xieraq, lill-miżuri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jnaqqsu b'mod sinifikanti wkoll l-iswed tal-karbonju sabiex jipprovdu benefiċċji għas-saħħa umana u l-ambjent u biex jgħinu jtaffu t-tibdil fil-klima tal-futur qarib."

D. **Artikolu 3**

1. Fil-paragrafu 1:

(a) Il-kelma "limitu" fl-ewwel linja tinbidel bil-kliem "impenn għat-tnaqqis";

(b) Il-kelma "limitu" fit-tieni linja tinbidel bil-kliem "impenn"; u

(c) Il-kliem "Fit-teħid ta' passi biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-materja partikulata, kull Parti għandha tfittex tnaqqis minn dawk il-kategoriji ta' sorsi magħrufa li jirrilaxxaw ammonti kbar ta' iswed tal-karbonju, sal-limitu li huma jikkunsidraw xieraq." jiżdiedu fl-aħħar tal-paragrafu.

2. Fil-paragrafi 2 u 3, il-kliem "V u VI" jinbidlu bil-kliem "V, VI u X".

3. Il-kliem "Suġġett għall-paragrafi 2 bis u 2 ter," jiddaħħlu fil-bidu tal-paragrafu 2.

4. Il-paragrafi ġodda 2 bis u 2 ter jiddaħħlu kif ġej:

"2 bis. Parti li diġà kienet Parti għall-Protokoll preżenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' emenda li tintroduċi kategoriji ġodda tas-sors tista' tapplika l-valuri limitu applikabbli għal "sors stazzjonarju eżistenti" għal kwalunkwe sors f'kategorija ġdida bħal din li l-kostruzzjoni jew il-modifika sostanzjali tiegħu tibda qabel ma tgħaddi sena waħda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dik l-emenda għal dik il-Parti, sakemm u sal-punt li dak is-sors aktar tard jesperjenza modifika sostanzjali.

2 ter. Parti li diġà kienet Parti għal Protokoll preżenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' emenda li tintroduċi valuri limitu ġodda applikabbli għal "sors stazzjonarju ġdid" tista' tkompli tapplika l-valuri limitu applikabbli preċedentament għal kwalunkwe sors li l-kostruzzjoni jew il-modifika sostanzjali tiegħu tibda qabel ma tgħaddi sena waħda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dik l-emenda għal dik il-Parti, sakemm u sal-punt li dak is-sors aktar tard jesperjenza modifika sostanzjali."

5. Il-paragrafu 4 jitħassar.

6. Fil-paragrafu 6 hemm bidla:

"Kull Parti għandha tapplika l-aħjar tekniki disponibbli għas-sorsi mobbli koperti mill-Anness VIII u għal kull sors stazzjonarju kopert mill-Annessi IV, V, VI u X, u, kif tqies li huwa xieraq, miżuri biex tikkontrolla l-iswed tal-karbonju bħala komponent tal-materja partikulata, b'konsiderazzjoni tal-gwida adottata mill-Korp Eżekuttiv."

7. Fil-paragrafu 7 hemm bidla:

"Kull Parti għandha, safejn huwa teknikament u ekonomikament fattibbli, u b'konsiderazzjoni tal-ispejjeż u l-vantaġġi, tapplika l-valuri limitu għall-kontenuti tal-VOC ta' prodotti kif identifikati fl-Anness XI f'konformità mal-iskali taż-żmien speċifikati fl-Anness VII."

8. Fil-paragrafu 8 (b):

(a) Il-kliem "dokument V" u "waqt l-isbattax-il sessjoni tagħha (id-Deċiżjoni 1999/1) u kwalunkwe emenda għaliha" jitħassru; u

(b) Is-sentenza li ġejja tiddaħħal fl-aħħar tal-paragrafu:

"Għandha tingħata attenzjoni speċjali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonja minn sorsi sinifikanti ta' ammonja għal dik il-Parti."

9. Fil-paragrafu 9 (b), il-kliem "ammonja u/jew komposti organiċi volatili li jikkontribwixxu għall-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni jew il-formazzjoni tal-ożonu" jinbidlu bil-kliem "ammonja, komposti organiċi volatiti u/jew materja partikulata li jikkontribwixxu għall-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni, il-formazzjoni tal-ożonu jew livelli ogħla ta' materja partikulata".

10. Fil-paragrafu 10 (b), il-kliem "kubrit u/jew komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "kubrit, komposti organiċi volatili u/jew materja partikulata".

11. Fl-paragrafu 11 hemm bidla kif ġej:

"Il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka għandhom, mar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni ta', jew l-adeżjoni mal-Protokoll preżenti jew l-emenda li tinsab fid-Deċiżjoni 2012/2 jissottomettu l-impenji rispettivi tagħhom tat-tnaqqis fl-emissjonijiet lill-Korp Eżekuttiv fir-rigward tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu, il-komposti organiċi volatili u l-materja partikulata sabiex jiġu inkorporati awtomatikament fl-Anness II."

12. Wara l-paragarfu 11 jiżdiedu paragrafi ġodda kif ġej:

"11 bis. Il-Kanada għandha wkoll mar-ratifika, l-aċċetazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Prokoll preżenti jew l-adeżjoni miegħu, tissottometti lill-Korp Eżekuttiv valuri limitu rilevanti għall-inkorporazzjoni awtomatika fl-Annessi IV, V, VI, VIII, X u XI.

11 ter. Kull Parti għandha tiżviluppa u żżomm inventarji u projezzjonijiet għall-emissjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu, l-ammonja, il-komposti organiċi volatili, u l-materja partikulata. Il-Partijiet li jinsabu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP għandhom jużaw il-metodoloġiji speċifikati fil-linji gwida ppreparati mill-Korp ta' Tmexxija tal-EMEP u adottat mill-Partijiet waqt sessjoni tal-Korp Eżekuttiv. Partijiet li jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP għandhom jużaw bħala gwida l-metodoloġiji żviluppati fil-pjan ta' ħidma tal-Korp Eżekuttiv.

11 quater. Kull Parti għandha tipparteċipa b'mod attiv fil-programmi skont il-Konvenzjoni dwar l-effetti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa umana u l-ambjent.

11 quinquies. Għall-fini tat-tqabbil tat-totali tal-emissjonijiet nazzjonali mal-impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet kif stipulati fil-paragrafu 1, Parti tista' tuża proċedura speċifikata fid-Deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv. Proċedura bħal din għandha tinkludi dispożizzjonijiet dwar is-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni ta' appoġġ u dwar ir-reviżjoni tal-użu tal-proċedura."

E. **Artikolu 3 bis**

1. Jiżdied Artikolu 3 bis ġdid kif ġej:

*"Artikolu 3 bis*

**Arranġamenti Tranżitorji Flessibbli**

1. Minkejja l-Artikolu 3, il-paragrafi 2, 3, 5 u 6, Parti għall-Konvenzjoni li ssir Parti għall-Protokoll preżenti bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2019, tista' tapplika arranġamenti tranżitorji flessibbli għall-implimentazzjoni tal-valuri limitu speċifikati fl-Annessi VI u/jew VIII skont il-kundizzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu.

2. Kwalunkwe Parti li tagħżel li tapplika l-arranġamenti tranżitorji flessibbli skont dan l-Artikolu għandha tindika fl-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tagħha jew l-adeżjoni mal-Protokoll preżenti dan li ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Anness VI u/jew VIII li għalih il-Parti tagħżel li tapplika arranġamenti tranżitorji flessibbli; u

(b) pjan ta' implimentazzjoni li jidentifika skeda ta' żmien għal implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet speċifikati.

3. Pjan ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 2 (b) għandu, bħala minimu, jipprovdi għall-implimentazzjoni tal-valuri limitu għal sorsi stazzjonarji ġodda u eżistenti speċifikati fit-Tabelli 1 u 5 tal-Anness VI u t-Tabellli 1, 2, 3, 13, u 14 tal-Anness VIII sa mhux iktar tard minn tminn snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll preżenti għall-Parti, jew il-31 ta' Diċembru, 2022, liema jkun l-iktar kmieni.

4. Fl-ebda każ ma tista' tiġi posposta l-implimentazzjoni ta' Parti ta' kwalunkwe valur limitu għal sorsi stazzjonarji ġodda u eżistenti speċifikati fl-Anness VI jew l-Anness VIII lil hinn mill-31 ta' Diċembru, 2030.

5. Parti li tagħżel li tapplika l-arranġamenti tranżitorji flessibbli skont dan l-Artikolu għandha tipprovdi lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni b'rapport ta' kull tliet snin dwar il-progress tagħha lejn l-implimentazzjoni tal-Anness VI u/jew VIII. Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni se jagħmel dawn ir-rapporti ta' kull tliet snin disponibbli għall-Korp Eżekuttiv."

F. **Artikolu 4**

1. Fil-paragrafu 1, il-kliem "ammonja u komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "ammonja, komposti organiċi volatili u materja partikulata, inkluż iswed tal-karbonju".

2. Fil-paragrafu 1 (a), il-kliem "berners b'emissjonijiet baxxi u prattika ambjentali tajba fl-agrikoltura" jinbidlu bil-kliem "berners tal-emissjonijiet baxxi, prattika ambjentali tajba fl-agrikoltura u miżuri li huma magħrufa li jtaffu l-emissjonijiet tal-iswed tal-karbonju bħala komponent tal-materja partikulata".

G. **Artikolu 5**

1. Fil-paragrafu 1 (a):

(a) Il-kliem "ammonja u komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "ammonja, komposti organiċi volatili u materja partikulata, inkluż iswed tal-karbonju", u

(b) Il-kliem "limiti nazzjonali tal-emissjonijiet jew" jinbidlu bil-kliem "impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u".

2. Fil-paragrafu 1 (c) hemm bidla:

"(c) Livelli tal-ożonu tal-livell tal-art u l-materja partikulata;"

3. Fil-paragrafu 1 (d), "6" jinbidel b'"6; u".

4. Jiżdied paragrafu 1 (e) ġdid kif ġej:

"(e) It-titjib ambjentali u fis-saħħa umana assoċjat mal-kisba tal-impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u lil hinn kif hemm elenkat fl-Anness II. Għall-pajjiżi li jinsabu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP, l-informazzjoni dwar titjib bħal dan se tiġi ppreżentata fil-gwida adottata mill-Korp Eżekuttiv."

5. Fil-paragrafu 2 (e):

(a) Il-kliem "Saħħa u ambjentali" jinbidlu bil-kliem "Saħħa umana, ambjentali u klima"; u

(b) Il-kliem "tnaqqis ta'" jiddaħħlu wara l-kliem "assoċjati ma'".

H. **Artikolu 6**

1. Fil-paragrafu 1 (b), il-kliem "ammonja u komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "ammonja, komposti organiċi volatili u materja partikulata".

2. Fil-paragrafu 1 (f), il-kliem "dokumenti 1 sa V" u "waqt l-isbattax-il sessjoni tagħha (id-Deċiżjoni 1999/1) u kwalunkwe emenda għaliha" jitħassru.

3. Fil-paragrafu 1 (g), il-kliem "dokument VI" u "waqt l-isbattax-il sessjoni tagħha (id-Deċiżjoni 1999/1) u kwalunkwe emenda għaliha" jitħassru.

4. Fil-paragrafu 1 (h), il-kliem "ammonja u komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "ammonja, komposti organiċi volatili u materja partikulata".

5. Fil-paragrafu 2 hemm bidla:

"Kull Parti għandha tiġbor u tmantni informazzjoni dwar:

(a) Konċentrazzjonijiet ambjentali u depożiti ta' komposti tal-kubrit u n-nitroġenu;

(b) Konċentrazzjonijiet ambjentali ta' ożonu, komposti organiċi volatili u materja partikulata; u

(c) Jekk prattikabbli, stimi tal-espożizzjoni tal-ożonu tal-livell tal-art u l-materja partikulata.

Kull Parti għandha, jekk prattikabbli, tiġbor u tmantni wkoll informazzjoni dwar l-effetti ta' dawn is-sustanzi niġġiesa kollha fuq is-saħħa umana, l-ekosistemi terrestri u akwatiċi, il-materjali u l-klima. Partijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP għandhom jużaw il-linji gwida adottati mill-Korp Eżekuttiv. Partijiet li jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP għandhom jużaw bħala gwida l-metodoloġiji żviluppati fil-pjan ta' ħidma tal-Korp Eżekuttiv."

6. Jiddaħħal paragrafu 2 bis ġdid kif ġej:

"2 bis. Kull Parti għandha, sal-limitu li tikkunsidra xieraq, tiżviluppa u tmantni wkoll inventarji u projezzjonijiet għall-emissjonijiet tal-iswed tal-karbonju, permezz tal-użu tal-linji gwida adottati mill-Korp Eżekuttiv."

I. **Artikolu 7**

1. Fil-paragrafu 1 (a) (ii), il-kliem "il-paragrafu 3" jinbidlu bil-kliem "il-paragrafi 3 u 7".

2. Hemm bidla fix-chapeau tal-paragrafu 1 (b):

"(b) Kull Parti li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP għandha tirrapporta lill-EMEP permezz tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja għall-emissjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu, l-ammonja, il-komposti organiċi volatili u l-materja partikulata, abbażi tal-linji gwida ppreparati mill-Korp ta' Tmexxija tal-EMEP u adottati mill-Korp Eżekuttiv:"

3. Fil-paragrafu 1 (b) (i), il-kliem "tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, ammonja u komposti organiċi volatili" jitħassru.

4. Fil-paragrafu 1 (b) (ii):

(a) Il-kliem "ta' kull sustanza" jitħassru; u

(b) In-numru "(1990)" jinbidel bil-kliem "speċifikat fl-Anness II".

5. Fil-paragrafu 1 (b) (iii), il-kliem "u l-pjanijiet ta' tnaqqis attwali" jitħassru.

6. Fil-paragrafu 1 (b) (iv) hemm bidla:

"(iv) Rapport Informattiv tal-Inventarju li fih informazzjoni dettaljata dwar l-inventarji tal-emissjonijiet rapportati u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet;"

7. Jiddaħħal paragrafu 1 (b bis) ġdid kif ġej:

"(b bis) Kull Parti li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP għandha tirrapporta l-informazzjoni disponibbli lill-Korp Eżekuttiv, permezz tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, dwar il-programmi tal-effetti tat-tniġġis tal-arja tagħha fuq is-saħħa umana u l-ambjent u l-monitoraġġ atmosferiku u l-programmi tal-immudellar skont il-Konvenzjoni, permezz tal-użu tal-linji gwida adottati mill-Korp Eżekuttiv;"

8. Fil-paragrafu 1 (c) hemm bidla:

"(c) Partijiet f'żoni li jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP għandhom jirrapportaw l-informazzjoni disponibbli dwar il-livelli tal-emissjonijiet, inkluż għas-sena ta' referenza speċifikata fl-Anness II u li tixraq għaż-żona ġeografika koperta mill-impenji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tagħhom. Partijiet f'żoni li jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EMEP għandhom jagħmlu disponibbli informazzjoni simili għal dik speċifikata fis-subparagrafu (b bis), jekk ikunu mitluba jagħmlu dan mill-Korp Eżekuttiv."

9. Jiżdied subpararafu (d) ġdid wara s-subparagrafu 1 (c) kif ġej:

"(d) Kull Parti għandha tirraporta wkoll, fejn disponibbli, l-inventarji u l-projezzjonijiet tagħha tal-emissjonijiet tal-iswed tal-karbonju permezz tal-użu tal-linji gwida adottati mill-Korp Eżekuttiv."

10. Fix-chapeau tal-paragrafu 3, hemm bidla:

"Fuq domanda u f'konformità mal-iskali taż-żmien deċiżi mill-Korp Eżekuttiv, EMEP u korpi sussidjarji oħrajn għandhom jipprovdu lill-Korp Eżekuttiv l-informazzjoni rilevanti dwar:"

11. Fil-paragrafu 3 (a), il-kliem "materja partikulata inkluż l-iswed tal-karbonju," jiddaħħlu wara l-kliem "konċentrazzjonijiet ta'".

12. Fil-paragrafu 3 (b), il-kliem "ożonu u l-prekursuri tiegħu." jinbidlu bil-kliem "materja partikulata, ożonu tal-livell tal-art u l-prekursuri tagħhom;".

13. Jiżdiedu s-subparagrafi (c) u (d) ġodda wara s-subparagrafu 3 (b) kif ġej:

"(c) Effetti avversi fuq is-saħħa umana, l-ekosistemi naturali, il-materjali u l-uċuħ tar-raba', inkluż l-interazzjonijiet mat-tibdil fil-klima u l-ambjent marbuta mas-sustanzi koperti mill-Protokoll preżenti, u l-progress fil-kisba ta' titjib fis-saħħa umana u ambjentali kif deskritt fil-gwida adottata mill-Korp Eżekuttiv; u

(d) Il-kalkolu tal-baġits tan-nitroġenu, l-effiċjenza tal-użu tan-nitroġenu u n-nitroġenu żejjed u t-titjib tagħhom fi ħdan iż-żona ġeografika tal-EMEP, permezz tal-użu tal-gwida adottata mill-Korp Eżekuttiv."

14. L-aħħar sentenza tal-paragrafu 3 titħassar.

15. Fil-paragrafu 4, il-kliem "u materja partikulata" jiżdiedu fl-aħħar tal-paragrafu.

16. Fil-paragrafu 5, il-kliem "konċentrazzjonijiet attwali tal-ożonu u l-livelli kritiċi tal-ożonu" jinbidlu bil-kliem "konċentrazzjonijiet attwali tal-ożonu u tal-materja partikulata u l-livelli kritiċi tal-ożonu u l-materja partikulata".

17. Jiddaħħal paragrafu 6 ġdid kif ġej:

"6. Minkejja l-Artikolu 7.1 (b), Parti tista' titlob lill-Korp Eżekuttiv permess biex tirrapporta inventarju limitat għal sustanza jew sustanzi niġġiesa partikulari jekk:

(a) Il-Parti preċedentament ma kellix obbligi ta' rappurtar skont il-Protokoll preżenti jew kwalunkwe protokoll ieħor għal dik is-sustanza niġġiesa; u

(b) L-inventarju limitat tal-Parti jinkludi, bħala minimu, is-sorsi kbar tal-punt kollha tas-sustanza jew sustanzi niġġiesa fi ħdan il-Parti jew PEMA (pollution emissions management area — żona ta' ġestjoni tal-emissjonijiet ta' tniġġis) rilevanti.

Il-Korp Eżekuttiv għandu jagħti domanda bħal din annwalment sa ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll preżenti għal Parti, iżda fl-ebda każ għar-rappurtar tal-emissjonijiet għal kwalunkwe sena wara l-2019. Domanda bħal din se tkun akkumpanjata minn informazzjoni dwar il-progress lejn l-iżvilupp ta' inventarju iktar komplut bħala parti mir-rappurtar annwali tal-Parti."

J. **Artikolu 8**

1. Fil-paragrafu (b), il-kliem "materja partikulata, inkluż l-iswed tal-karbonju," jiddaħħlu wara l-kliem "dawk dwar".

2. Fil-paragrafu (c), il-kliem "komposti tan-nitroġenu u komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "komposti tan-nitroġenu, komposti organiċi volatili u materja partikulata, inkluż l-iswed tal-karbonju".

3. Wara l-paragrafu (d), jiddaħħal paragrafu (d bis) ġdid kif ġej:

"It-titjib tal-fehim xjentifiku tal-kobenefiċċji potenzjali għat-taffija tat-tibdil fil-klima assoċjat ma' xenarji ta' tnaqqis potenzjali għan-niġġiesa tal-arja (bħall-metan, il-monossidu tal-karbonju u l-iswed tal-karbonju) li għandhom effetti ta' sfurzar radjattiv fit-terminu qasir u effetti klimatiċi oħrajn;"

4. Fil-paragrafu (e), il-kliem "ewtrofikazzjoni u tniġġis fotokimiku" jinbidlu bil-kliem "ewtrofikazzjoni, tniġġis fotokimiku u materja partikulata".

5. Fil-paragrafu (f), il-kliem "ammonja u komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "ammonja, komposti organiċi volatili u prekursuri oħrajn tal-ożonu, u materja partikulata".

6. Fil-paragrafu (g):

(a) Il-kliem "nitroġenu u komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "nitroġenu, komposti organiċi volatili u materja partikulata";

(b) Il-kliem "inkluż il-kontribuzzjoni tagħhom għal konċentrazzjonijiet ta' materja partikulata," jitħassru; u

(c) Il-kliem "komposti organiċi volatili u ożonu troposferiku" jinbidlu bil-kliem "komposti organiċi volatili, materja partikulata u ożonu tal-livell tal-art".

7. Fil-paragrafu (k):

(a) Il-kliem "ambjent u saħħa umana" jinbidlu bil-kliem "ambjent, saħħa umana u l-impatti fuq il-klima"; u

(b) Il-kliem "ammonja u komposti organiċi volatili" jinbidlu bil-kliem "ammonja, komposti organiċi volatili u materja partikulata".

K. **Artikolu 10**

1. Fil-paragrafu 1, il-kliem "kubrit u komposti tan-nitroġenu" jinbidlu bil-kliem "kubrit, komposti tan-nitroġenu u materja partikulata".

2. Fil-paragrafu 2 (b):

(a) Il-kliem "effetti fuq is-saħħa" jinbidlu bil-kliem "effetti fuq is-saħħa umana, kobenefiċċji tal-klima"; u

(b) Il-kliem "materja partikulata" jiddaħħlu wara l-kliem "marbutin ma'".

3. Il-paragrafi 3 u 4 ġodda jiżdiedu kif ġej:

"3. Il-Korp Eżekuttiv għandu jinkludi fir-reviżjonijiet tiegħu skont dan l-Artikolu, evalwazzjoni tal-miżuri ta' taffija għall-emissjonijiet tal-iswed tal-karbonju, sa mhux aktar tard mit-tieni sessjoni tal-Korp Eżekuttiv wara d-dħul fis-seħħ tal-emenda li tinsab fid-Deċiżjoni 2012/2.

4. Il-Partijiet għandhom, sa mhux aktar tard mit-tieni sessjoni tal-Korp Eżekuttiv wara d-dħul fis-seħħ tal-emenda li tinsab fid-Deċiżjoni 2012/2, jevalwaw il-miżuri ta' kontroll tal-ammonja u jikkunsidraw il-ħtieġa li jirrevedu l-Anness IX."

L. **Artikolu 13**

Fl-Artikolu 13 hemm bidla:

"*Artikolu 13*

**Aġġustamenti**

1. Kull Parti għall-Konvenzjoni tista' tipproponi aġġustament fl-Anness II tal-Protokoll preżenti sabiex jiżdied isimha, flimkien mal-livelli tal-emissjonijiet, il-limiti tal-emissjonijiet u l-perċentwali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

2. Kwalunkwe Parti tista' tipproponi aġġustament tal-impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tagħha diġà elenkati fl-Anness II. Proposta bħal din trid tinkludi dokumentazzjoni ta' appoġġ, u għandha tiġi riveduta, kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv. Din ir-reviżjoni għandha sseħħ qabel ma tiġi diskussa l-proposta mill-Partijiet f'konformità mal-paragrafu 4.

3. Kwalunkwe Parti eliġibbli skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 9, tista' tipproponi aġġustament fl-Anness III biex iżżid PEMA waħda jew iktar jew tagħmel bidliet f'PEMA fil-ġurisdizzjoni tagħha li tkun elenkata f'dak l-Anness.

4. L-aġġustamenti proposti għandhom jiġu sottomessi bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, li għandu jikkomunikahom lill-Partijiet kollha. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-aġġustamenti proposti waqt is-sessjoni sussegwenti tal-Korp Eżekuttiv, sakemm dawk il-proposti jkunu ġew iċċirkulati mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Partijiet mill-inqas disgħin jum qabel.

5. L-aġġustamenti għandhom jiġu addottati permezz ta' kunsens tal-Partijiet preżenti waqt sessjoni tal-Korp Eżekuttiv u għandhom isiru effettivi għall-Partijiet kollha tal-Protokoll preżenti fid-disgħin jum wara d-data li fiha s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni jinnotifika lil dawk il-Partijiet bil-miktub dwar l-adozzjoni tal-aġġustament.

*Artikolu 13 bis*

**Emendi**

1. Kwalunkwe Parti tista' tipproponi emendi għall-Protokoll preżenti.

2. L-emendi proposti għandhom jingħataw bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni li jikkomunikawhom lill-Partijiet kollha. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-emendi proposti waqt is-sessjoni sussegwenti tal-Korp Eżekuttiv, sakemm dawk il-proposti jkunu ġew iċċirkolati mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Partijiet mill-inqas disgħin jum qabel.

3. L-emendi fil-Protokoll preżenti apparti mill-Annessi I u III għandhom jiġu adottati permezz ta' kunsens tal-Partijiet preżenti f'sessjoni tal-Korp Eżekuttiv, u għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Partijiet li jkunu aċċettawhom fid-disgħin jum wara d-data li fiha żewġ terzi ta' dawk li kienu Partijiet fil-mument tal-adozzjoni tagħhom ikunu ddepożitaw mad-Depożitarju l-istrumenti tagħhom tal-aċċettazzjoni tagħhom. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ għal kwalunkwe Parti oħra fid-disgħin jum wara d-data li fiha dik il-Parti tkun iddepożitat l-istrument tagħha tal-aċċettazzjoni tagħhom.

4. L-emendi fl-Annessi I u III tal-Protokoll preżenti għandhom jiġu adottati permezz tal-kunsens tal-Partijiet preżenti f'sessjoni tal-Korp Eżekuttiv. Hekk kif jiskadu mija u tmenin jum mid-data tal-komunikazzjoni tagħha lill-Partijiet kollha mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, din l-emenda għal kwalunwke anness bħal dan għandha ssir effettiva għal dawk il-Partijiet li ma jkunux issottomettew notifika lid-Depositarju f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5, ipprovdut li mill-inqas sittax-il Parti ma jkunux issottomettew notifika bħal din.

5. Kwalunkwe Parti li ma tkunx tista' tapprova emenda tal-Annessi I u/jew III, għandha tinnotifika lid-Depożitarju b'dan bil-miktub fi żmien disgħin jum mid-data tal-komunikazzjoni tal-adozzjoni tagħha. Id-Depożitarju għandu jinnotifika lill-Partijiet kollha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe notifika bħal din li jkun rċieva. Parti tista' fi kwalunwke mument tissostitwixxi aċċettazzjoni għal notifika preċedenti tagħha u, mad-depożitu ta' strument ta' aċċettazzjoni mad-Depożitarju, l-emenda għal Anness bħal dan għandha ssir effettiva għal dik il-Parti.

6. Għal dawk il-Partijiet li jkunu aċċettawha, il-proċedura prevista fil-paragrafu 7 tieħu post il-proċedura prevista fil-paragrafu 3 fir-rigward tal-emendi tal-Annessi IV sa XI.

7. L-emendi fl-Annessi IV sa XI għandhom jiġu adottati permezz tal-kunsens tal-Partijiet preżenti f'sessjoni tal-Korp Eżekuttiv. Hekk kif tiskadi sena waħda mid-data tal-komunikazzjoni tagħha lill-Partijiet kollha mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, emenda ta' kwalunkwe anness bħal dan għandha ssir effettiva għal dawk il-Partijiet li ma jkunux issottomettew notifika mad-Depositarju f'konformità mad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (a):

(a) Kwalunkwe Parti li ma tkunx tista' tapprova emenda tal-Annessi IV sa XI għandha tavża lid-Depożitarju b'dan bil-miktub fi żmien sena waħda mid-data tal-komunikazzjoni tal-adozzjoni tagħha. Id-Depożitarju għandu jinnotifika lill-Partijiet kollha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe notifika bħal din li jirċievi. Parti tista' fi kwalunkwe mument tissostitwixxi aċċettazzjoni għan-notifika preċedenti tagħha u, mad-depożitu ta' strument ta' aċċettazzjoni mad-Depożitarju, l-emenda ta' anness bħal dan għandha ssir effettiva għal dik il-Parti.

(b) Kwalunkwe emenda tal-Annessi IV sa XI ma għandhiex tidħol fis-seħħ jekk ammont aggregat ta' sittax-il Parti jew iktar ikunu:

   (i) Issottomettew notifika f'konformità mad-dispożizzjonijiet tas-subpargarfu (a); jew

   (ii) Ma jkunux aċċettaw il-proċedura stabbilita f'dan il-paragrafu u jkunu għadhom ma ddepożitawx strument ta' aċċetazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3."

M. **Artikolu 15**

Jiżdied paragrafu 4 ġdid kif ġej:

"4. Stat jew Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika għandhom jiddikjaraw l-istrument ta' ratifika, aċċetazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni tagħhom jekk ma għandhomx l-intenzjoni li jkunu marbuta bil-proċeduri previsti fl-Artikolu 13bis, il-paragrafu 7, fir-rigward tal-emenda tal-Annessi IV–XI."

N. **Artikolu 18 bis ġdid**

Jiżdied Artikolu 18 bis ġdid wara l-Artikolu 18 kif ġej:

*"Artikolu 18 bis*

**Tmiem tal-Protokolli**

Meta l-Partijiet kollha ta' kwalunkwe mill-Protokolli li ġejjin ikunu ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika, aċċetazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni tagħhom tal-Protokoll preżenti mad-Depożitarju f'konformità mal-Artikolu 15, dak il-Protokoll għandu jiġi kkunsidrat mitmum:

(a) Il-Protokoll ta' Ħelsinki tal-1985 dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Kubrit jew il-Flussi Transkonfini tagħhom b'tal-inqas 30 %;

(b) Il-Protokoll ta' Sofia tal-1988 dwar il-Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Ossidi tan-Nitroġenu jew il-Flussi Transkonfini tagħhom;

(c) Il-Protokoll ta' Ġinevra tal-1991 dwar il-Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Komposti Organiċi Volatili jew il-Flussi Transkonfini tagħhom;

(d) Il-Protokoll ta' Oslo tal-1994 dwar it-Tkomplija fit-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Kubrit."

O. **Anness II**

Hemm bidla fit-test li ġej tal-Anness II:

**"Impenji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet**

1. L-impenji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet elenkati fit-tabelli hawn taħt huma marbuta mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 10, tal-Protokoll preżenti.

2. It-Tabella 1 tinkludi l-limiti tal-emissjonijiet għad-dijossidu tal-kubrit ($SO_2$), l-ossidi tan-nitroġenu ($NO_x$), l-ammonja ($NH_3$) u l-komposti organiċi volatili (VOCs) għall-2010 sal-2020 espressi f'eluf ta' tunnellati metriċi (tunnellati) għal dawk il-Partijiet li rratifikaw l-Protokoll preżenti qabel l-2010.

3. It-Tabelli 2–6 jinkludu impenji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għal $SO_2$, $NO_x$, $NH_3$, VOCs u $PM_{2,5}$ għall-2020 u lil hinn. Dawn l-impenji huma espressi bħala perċentwal ta' tnaqqis mil-livell tal-emissjonijiet tal-2005.

4. L-istimi tal-emissjonijiet tal-2005 elenkati fit-tabella 2-6 huma f'eluf ta' tunnellati u jirrapreżentaw l-aħjar dejta disponibbli l-iktar riċenti, irraportata mill-Partijiet fl-2012. Dawn l-istimi qed jingħataw għal skopijiet ta' informazzjoni biss, u jistgħu jiġu aġġornati mill-Partijiet matul ir-rapportar tagħhom tad-dejta dwar l-emissjonijiet skont il-Protokoll preżenti jekk issir disponibbli informazzjoni aħjar. Is-Segretarjat se jżomm u jaġġorna regolarment tabella fuq is-sit tal-internet tal-Konvenzjoni, tal-istimi l-iktar aġġornati rapportati mill-Partijiet, għall-informazzjoni. Il-perċentwal tal-impenji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet elenkati fit-tabelli 2–6 huma applikabbli għall-istimi l-iktar aġġornati tal-2005 kif rapportat mill-Partijiet lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni.

5. Jekk matul sena partikolari Parti tiskopri li, minħabba xitwa partikolarment kiesħa, sajf partikolarment xott jew varjazzjonijiet mhux previsti fl-attivitajiet ekonomiċi, bħal telf ta' kapaċità fis-sistema ta' forniment tal-qawwa domestika jew f'pajjiż ġarr, ma tistax tkun konformi mal-impenji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tagħha, tista' tissodisfa dawk l-impenji billi tieħu medja tal-emissjonijiet annwali nazzjonali tagħha għas-sena inkwistjoni, is-sena ta' qabel dik is-sena u s-sena ta' warajha, sakemm din il-medja ma taqbiżx l-impenn tagħha.

*Tabella 1*

**Limiti tal-emissjonijiet għall-2010 sal 2020 għal Partijiet li rratifikaw il-Protokoll preżenti qabel l-2010 (espressi f'eluf ta' tunnellati kull sena)**

| | *Parti* | *Ratifika* | $SO_2$ | $NO_x$ | $NH_3$ | *VOCs* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Il-Belġju | 2007 | 106 | 181 | 74 | 144 |
| 2 | Il-Bulgarija | 2005 | 856 | 266 | 108 | 185 |
| 3 | Il-Kroazja | 2008 | 70 | 87 | 30 | 90 |
| 4 | Ċipru | 2007 | 39 | 23 | 9 | 14 |

| | *Parti* | *Ratifika* | $SO_2$ | $NO_x$ | $NH_3$ | *VOCs* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | Ir-Repubblika Ċeka | 2004 | 283 | 286 | 101 | 220 |
| 6 | Id-Danimarka | 2002 | 55 | 127 | 69 | 85 |
| 7 | Il-Finlandja | 2003 | 116 | 170 | 31 | 130 |
| 8 | Franza | 2007 | 400 | 860 | 780 | 1 100 |
| 9 | Il-Ġermanja | 2004 | 550 | 1 081 | 550 | 995 |
| 10 | L-Ungerija | 2006 | 550 | 198 | 90 | 137 |
| 11 | Il-Latvja | 2004 | 107 | 84 | 44 | 136 |
| 12 | Il-Litwanja | 2004 | 145 | 110 | 84 | 92 |
| 13 | Il-Lussemburgu | 2001 | 4 | 11 | 7 | 9 |
| 14 | In-Netherlands | 2004 | 50 | 266 | 128 | 191 |
| 15 | In-Norveġja | 2002 | 22 | 156 | 23 | 195 |
| 16 | Il-Portugall | 2005 | 170 | 260 | 108 | 202 |
| 17 | Ir-Rumanija | 2003 | 918 | 437 | 210 | 523 |
| 18 | Is-Slovakkja | 2005 | 110 | 130 | 39 | 140 |
| 19 | Is-Slovenja | 2004 | 27 | 45 | 20 | 40 |
| 20 | Spanja [a] | 2005 | 774 | 847 | 353 | 669 |
| 21 | L-Iżvezja | 2002 | 67 | 148 | 57 | 241 |
| 22 | L-Iżvizzera | 2005 | 26 | 79 | 63 | 144 |
| 23 | Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq | 2005 | 625 | 1 181 | 297 | 1 200 |
| 24 | L-Istati Uniti tal-Amerka | 2004 | [b] | [c] | | [d] |
| 25 | L-Unjoni Ewropea | 2003 | 7 832 | 8 180 | 4 294 | 7 585 |

[a] Iċ-ċifri japplikaw għall-parti Ewropea tal-pajjiż.

[b] Mal-aċċettazzjoni tal-Protokoll preżenti fl-2004, l-Istati Uniti tal-Amerka pprovdiet mira indikattiva għall-2010 ta' 16 013 000 tunnellata għall-emissjonijiet totali tal-kubrit mill-PEMA identifikata għall-kubrit, it-48 Stati Uniti kontigwi u District of Columbia. Din iċ-ċifra tikkonverti għal 14 527 000 tunnellata.

[c] Mal-aċċettazzjoni tal-Protokoll preżenti fl-2004, l-Istati Uniti tal-Amerka pprovdiet mira indikattiva għall-2010 ta' 6 897 000 tunnellata għall-emissjonijiet totali ta' $NO_x$ mill-PEMA identifikata għal $NO_x$, Connecticut, Delaware, District of Columbia, Illinois, Indiana, Kentucky, Maine, Maryland, Massachusetts, Michigan, New Hampshire, New Jersey, New York, Ohio, Pennsylvania, Rhode Island, Vermont, West Virginia, u Wisconsin. Din iċ-ċifra tikkonverti għal 6 257 000 tunnellata.

[d] Mal-aċċettazzjoni tal-Protokoll preżenti fl-2004, l-Istati Uniti tal-Amerka pprovdiet mira indikattiva għall-2010 ta' 4 972 000 tunnellata għall-emissjonijiet totali tal-VOC mill-PEMA identifikata għall-VOCs, Connecticut, Delaware, District of Columbia, Illinois, Indiana, Kentucky, Maine, Maryland, Massachusetts, Michigan, New Hampshire, New Jersey, New York, Ohio, Pennsylvania, Rhode Island, Vermont, West Virginia, u Wisconsin. Din iċ-ċifra tikkonverti għal 4 511 000 tunnellata.

*Tabella 2*

**Impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għad-dijossidu tal-kubrit għall-2020 u lil hinn**

| | *Parti għall-Konvenzjoni* | *Livelli tal-emissjonijiet fl-2005 f'eluf ta' tunnellati ta' $SO_2$* | *Tnaqqis mil-livell tal-2005 (%)* |
|---|---|---|---|
| 1 | L-Awstrija | 27 | 26 |
| 2 | Il-Belarus | 79 | 20 |
| 3 | Il-Belġju | 145 | 43 |
| 4 | Il-Bulgarija | 777 | 78 |

| | *Parti għall-Konvenzjoni* | *Livelli tal-emissjonijiet fl-2005 f'eluf ta' tunnellati ta' $SO_2$* | *Tnaqqis mil-livell tal-2005 (%)* |
|---|---|---|---|
| 5 | Il-Kanada [a] | | |
| 6 | Il-Kroazja | 63 | 55 |
| 7 | Ċipru | 38 | 83 |
| 8 | Ir-Repubblika Ċeka | 219 | 45 |
| 9 | Id-Danimarka | 23 | 35 |
| 10 | L-Estonja | 76 | 32 |
| 11 | Il-Finlandja | 69 | 30 |
| 12 | Franza | 467 | 55 |
| 13 | Il-Ġermanja | 517 | 21 |
| 14 | Il-Greċja | 542 | 74 |
| 15 | L-Ungerija | 129 | 46 |
| 16 | L-Irlanda | 71 | 65 |
| 17 | L-Italja | 403 | 35 |
| 18 | Il-Latvja | 6,7 | 8 |
| 19 | Il-Litwanja | 44 | 55 |
| 20 | Il-Lussemburgu | 2,5 | 34 |
| 21 | Malta | 11 | 77 |
| 22 | In-Netherlands [b] | 65 | 28 |
| 23 | In-Norveġja | 24 | 10 |
| 24 | Il-Polonja | 1 224 | 59 |
| 25 | Il-Portugall | 177 | 63 |
| 26 | Ir-Rumanija | 643 | 77 |
| 27 | Is-Slovakkja | 89 | 57 |
| 28 | Is-Slovenja | 40 | 63 |
| 29 | Spanja [b] | 1 282 | 67 |
| 30 | L-Iżvezja | 36 | 22 |
| 31 | L-Iżvizzera | 17 | 21 |
| 32 | Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq | 706 | 59 |
| 33 | L-Istati Uniti tal-Amerka [c] | | |
| 34 | L-Unjoni Ewropea | 7 828 | 59 |

[a] Mar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni ta', jew l-adeżjoni mal-Protokoll preżenti, il-Kanada għandha tipprovdi: (a) valur għal-livelli totali tal-emissjonijiet tal-kubrit stmati għall-2005, nazzjonali jew għall-PEMA tagħha, jekk tkun issottomettiet waħda; u (b) valur indikattiv għal tnaqqis tal-livelli totali tal-emissjonijiet tal-kubrit għall-2020 mil-livelli tal-2005, fil-livell nazzjonali jew għall-PEMA tagħha. Partita (a) se tkun inkluża fit-tabella, u partita (b) se tkun inkluża fin-nota tal-qiegħ tat-tabella. PEMA, jekk sottomessa, se tkun offruta bħala aġġustament tal-Anness III tal-Protokoll.

[b] Iċ-ċifri japplikaw għall-parti Ewropea tal-pajjiż.

[c] Mar-ratifika, l-aċċetazzjoni jew l-approvazzjoni ta', jew l-adeżjoni mal-emenda li żżid ma' din it-tabella tal-Protokoll preżenti, l-Istati Uniti tal-Amerka għandha tipprovdi: (a) valur għal-livelli totali tal-emissjonijiet tal-kubrit stmati għall-2005, nazzjonali jew għal PEMA; (b) valur indikattiv għat-tnaqqis tal-livelli totali tal-emissjonijiet tal-kubrit għall-2020 mil-livelli identifikati tal-2005; u (c) kwalunkwe bidla fil-PEMA identifikata meta l-Istati Uniti saret Parti għall-Protokoll. Partita (a) se tkun inkluża fit-tabella, partita (b) se tkun inkluża fin-nota tal-qiegħ tat-tabella, u partita (c) se tkun offruta bħala aġġustament tal-Anness III.

*Tabella 3*

**Impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ossidi tan-nitroġenu għall-2020 u lil hinn** [a]

| | *Parti għall-Konvenzjoni* | *Livelli tal-emissjonijiet fl-2005 f'eluf ta' tunnellati ta' $NO_2$* | *Tnaqqis mil-livell tal-2005 (%)* |
|---|---|---|---|
| 1 | L-Awstrija | 231 | 37 |
| 2 | Il-Belarus | 171 | 25 |
| 3 | Il-Belġju | 291 | 41 |
| 4 | Il-Bulgarija | 154 | 41 |
| 5 | Il-Kanada [b] | | |
| 6 | Il-Kroazja | 81 | 31 |
| 7 | Ċipru | 21 | 44 |
| 8 | Ir-Repubblika Ċeka | 286 | 35 |
| 9 | Id-Danimarka | 181 | 56 |
| 10 | L-Estonja | 36 | 18 |
| 11 | Il-Finlandja | 177 | 35 |
| 12 | Franza | 1 430 | 50 |
| 13 | Il-Ġermanja | 1 464 | 39 |
| 14 | Il-Greċja | 419 | 31 |
| 15 | L-Ungerija | 203 | 34 |
| 16 | L-Irlanda | 127 | 49 |
| 17 | L-Italja | 1 212 | 40 |
| 18 | Il-Latvja | 37 | 32 |
| 19 | Il-Litwanja | 58 | 48 |
| 20 | Il-Lussemburgu | 19 | 43 |
| 21 | Malta | 9,3 | 42 |
| 22 | In-Netherlands [c] | 370 | 45 |
| 23 | In-Norveġja | 200 | 23 |
| 24 | Il-Polonja | 866 | 30 |
| 25 | Il-Portugall | 256 | 36 |
| 26 | Ir-Rumanija | 309 | 45 |
| 27 | Is-Slovakkja | 102 | 36 |
| 28 | Is-Slovenja | 47 | 39 |
| 29 | Spanja [c] | 1 292 | 41 |
| 30 | L-Iżvezja | 174 | 36 |
| 31 | L-Iżvizzera [d] | 94 | 41 |
| 32 | Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq | 1 580 | 55 |

| | *Parti għall-Konvenzjoni* | *Livelli tal-emissjonijiet fl-2005 f'eluf ta' tunnellati ta' $NO_2$* | *Tnaqqis mil-livell tal-2005 (%)* |
|---|---|---|---|
| 33 | L-Istati Uniti tal-Amerka [e] | | |
| 34 | L-Unjoni Ewropea | 11 354 | 42 |

[a] L-emissjonijiet mill-ħamrija mhumiex inklużi fl-istimi tal-2005 għall-Istati Membri tal-UE.

[b] Mar-ratifika, l-aċċetazzjoni jew l-approvazzjoni ta', jew l-adeżjoni mal-Protokoll preżenti, il-Kanada għandha tipprovdi: (a) valur għal-livelli totali ta' emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu stmati għall-2005, nazzjonali jew għall-PEMA tagħha, jekk tkun issottomettiet wieħed; u (b) valur indikattiv għal tnaqqis tal-livelli tal-emissjonijiet totali tal-ossidu tan-nitroġenu għall-2020 mil-livelli tal-2005, fil-livell nazzjonali jew għall-PEMA tagħha. Partita (a) se tkun inkluża fit-tabella, u partita (b) se tkun inkluża fin-nota tal-qiegħ tat-tabella. Il-PEMA, jekk sottomessa, se tkun offruta bħala aġġustament tal-Anness III tal-Protokoll.

[c] Iċ-ċifri japplikaw għall-parti Ewropea tal-pajjiż.

[d] Inkluż emissjonijiet mill-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' jew ħamrija agrikola (NFR 4D).

[e] Mar-ratifika, l-aċċetazzjoni jew l-approvazzjoni ta', jew l-adeżjoni mal-emenda li żżid ma' din it-tabella tal-Protokoll preżenti, l-Istati Uniti tal-Amerka għandha tipprovdi: (a) valur għal-livelli totali tal-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu stmati għall-2005, nazzjonali jew għal PEMA; (b) valur indikattiv għat-tnaqqis tal-livelli tal-emissjonijiet totali tal-ossidi tan-nitroġenu għall-2020 mil-livelli identifikati tal-2005; u (c) kwalunkwe bidla fil-PEMA identifikata meta l-Istati Uniti saret Parti għall-Protokoll. Partita (a) se tkun inkluża fit-tabella, partita (b) se tkun inkluża fin-nota tal-qiegħ għat-tabella, u partita (c) se tkun offruta bħala aġġustament tal-Anness III.

*Tabella 4*

**Impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ammonja għall-2020 u lil hinn**

| | *Parti għall-Konvenzjoni* | *Livelli tal-emissjonijiet fl-2005 f'eluf ta' tunnellati ta' $NH_3$* | *Tnaqqis mil-livell tal-2005 (%)* |
|---|---|---|---|
| 1 | L-Awstrija | 63 | 1 |
| 2 | Il-Belarus | 136 | 7 |
| 3 | Il-Belġju | 71 | 2 |
| 4 | Il-Bulgarija | 60 | 3 |
| 5 | Il-Kroazja | 40 | 1 |
| 6 | Ċipru | 5,8 | 10 |
| 7 | Ir-Repubblika Ċeka | 82 | 7 |
| 8 | Id-Danimarka | 83 | 24 |
| 9 | L-Estonja | 9,8 | 1 |
| 10 | Il-Finlandja | 39 | 20 |
| 11 | Franza | 661 | 4 |
| 12 | Il-Ġermanja | 573 | 5 |
| 13 | Il-Greċja | 68 | 7 |
| 14 | L-Ungerija | 80 | 10 |
| 15 | L-Irlanda | 109 | 1 |
| 16 | L-Italja | 416 | 5 |
| 17 | Il-Latvja | 16 | 1 |
| 18 | Il-Litwanja | 39 | 10 |
| 19 | Il-Lussemburgu | 5,0 | 1 |
| 20 | Malta | 1,6 | 4 |
| 21 | In-Netherlands [a] | 141 | 13 |
| 22 | In-Norveġja | 23 | 8 |
| 23 | Il-Polonja | 270 | 1 |

| | *Parti għall-Konvenzjoni* | *Livelli tal-emissjonijiet fl-2005 f'eluf ta' tunnellati ta' $NH_3$* | *Tnaqqis mil-livell tal-2005 (%)* |
|---|---|---|---|
| 24 | Il-Portugall | 50 | 7 |
| 25 | Ir-Rumanija | 199 | 13 |
| 26 | Is-Slovakkja | 29 | 15 |
| 27 | Is-Slovenja | 18 | 1 |
| 28 | Spanja [a] | 365 | 3 |
| 29 | L-Iżvezja | 55 | 15 |
| 30 | L-Iżvizzera | 64 | 8 |
| 31 | Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq | 307 | 8 |
| 32 | L-Unjoni Ewropea | 3 813 | 6 |

[a] Iċ-ċifri japplikaw għall-parti Ewropea tal-pajjiż.

*Tabella 5*

**Impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-Komposti Organiċi Volatili għall-2020 u lil hinn**

| | *Parti għall-Konvenzjoni* | *Livelli tal-emissjonijiet fl-2005 f'eluf ta' tunnellati ta' VOC* | *Tnaqqis mil-livell tal-2005 (%)* |
|---|---|---|---|
| 1 | L-Awstrija | 162 | 21 |
| 2 | Il-Belarus | 349 | 15 |
| 3 | Il-Belġju | 143 | 21 |
| 4 | Il-Bulgarija | 158 | 21 |
| 5 | Il-Kanada [a] | | |
| 6 | Il-Kroazja | 101 | 34 |
| 7 | Ċipru | 14 | 45 |
| 8 | Ir-Repubblika Ċeka | 182 | 18 |
| 9 | Id-Danimarka | 110 | 35 |
| 10 | L-Estonja | 41 | 10 |
| 11 | Il-Finlandja | 131 | 35 |
| 12 | Franza | 1 232 | 43 |
| 13 | Il-Ġermanja | 1 143 | 13 |
| 14 | Il-Greċja | 222 | 54 |
| 15 | L-Ungerija | 177 | 30 |
| 16 | L-Irlanda | 57 | 25 |
| 17 | L-Italja | 1 286 | 35 |
| 18 | Il-Latvja | 73 | 27 |
| 19 | Il-Litwanja | 84 | 32 |
| 20 | Il-Lussemburgu | 9,8 | 29 |
| 21 | Malta | 3,3 | 23 |
| 22 | In-Netherlands [b] | 182 | 8 |
| 23 | In-Norveġja | 218 | 40 |
| 24 | Il-Polonja | 593 | 25 |

| | *Parti għall-Konvenzjoni* | *Livelli tal-emissjonijiet fl-2005 f'eluf ta' tunnellati ta' VOC* | *Tnaqqis mil-livell tal-2005 (%)* |
|---|---|---|---|
| 25 | Il-Portugall | 207 | 18 |
| 26 | Ir-Rumanija | 425 | 25 |
| 27 | Is-Slovakkja | 73 | 18 |
| 28 | Is-Slovenja | 37 | 23 |
| 29 | Spanja [b] | 809 | 22 |
| 30 | L-Iżvezja | 197 | 25 |
| 31 | L-Iżvizzera [c] | 103 | 30 |
| 32 | Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq | 1 088 | 32 |
| 33 | L-Istati Uniti tal-Amerka [d] | | |
| 34 | L-Unjoni Ewropea | 8 842 | 28 |

[a] Mar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni ta', jew l-adeżjoni mal-Protokoll preżenti, il-Kanada għandha tipprovdi: (a) valur għal-livelli totali tal-emissjonijiet tal-VOC stmati għall-2005, nazzjonali jew għall-PEMA tagħha, jekk tkun issottomettiet waħda; u (b) valur indikattiv għat-tnaqqis tal-livelli tal-emissjonijiet totali tal-VOC għall-2020 mil-livelli tal-2005, fil-livell nazzjonali jew għall-PEMA tagħha. Partita (a) se tkun inkluża fit-tabella, u partita (b) se tkun inkluża fin-nota tal-qiegħ tat-tabella. Il-PEMA, jekk sottomessa, se tkun offruta bħala aġġustament tal-Anness III tal-Protokoll.

[b] Iċ-ċifri japplikaw għall-parti Ewropea tal-pajjiż.

[c] Inkluż emissjonijiet mill-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' u ħamrija agrikola (NFR 4D).

[d] Mar-ratifika, l-aċċetazzjoni jew l-approvazzjoni ta', jew l-adeżjoni mal-emenda li żżid din it-tabella mal-Protokoll preżenti, l-Istati Uniti tal-Amerka għandha tipprovdi: (a) valur għal-livelli totali tal-emissjonijiet tal-VOC stmati għall-2005, nazzjonali jew għal PEMA; (b) valur indikattiv għal tnaqqis tal-livelli tal-emissjonijiet totali tal-VOC għall-2020 mil-livelli identifikati tal-2005, u (c) kwalunkwe bidla fil-PEMA identifikata meta l-Istati Uniti saret Parti għall-Protokoll. Partita (a) se tkun inkluża fit-tabella, partita (b) se tkun inkluża fin-nota tal-qiegħ għat-tabella, u partita (c) se tkun offruta bħala aġġustament tal-Anness III.

*Tabella 6*

**Impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal $PM_{2,5}$ għall-2020 u lil hinn**

| | *Parti għall-Konvenzjoni* | *Livelli tal-emissjonijiet fl-2005 f'eluf ta' tunnellati ta' $PM_{2,5}$* | *Tnaqqis mil-livell tal-2005 (%)* |
|---|---|---|---|
| 1 | L-Awstrija | 22 | 20 |
| 2 | Il-Belarus | 46 | 10 |
| 3 | Il-Belġju | 24 | 20 |
| 4 | Il-Bulgarija | 44 | 20 |
| 5 | Il-Kanada [a] | | |
| 6 | Il-Kroazja | 13 | 18 |
| 7 | Ċipru | 2,9 | 46 |
| 8 | Ir-Repubblika Ċeka | 22 | 17 |
| 9 | Id-Danimarka | 25 | 33 |
| 10 | L-Estonja | 20 | 15 |
| 11 | Il-Finlandja | 36 | 30 |
| 12 | Franza | 304 | 27 |
| 13 | Il-Ġermanja | 121 | 26 |
| 14 | Il-Greċja | 56 | 35 |

| | *Parti għall-Konvenzjoni* | *Livelli tal-emissjonijiet fl-2005 f'eluf ta' tunnellati ta' $PM_{2,5}$* | *Tnaqqis mil-livell tal-2005 (%)* |
|---|---|---|---|
| 15 | L-Ungerija | 31 | 13 |
| 16 | L-Irlanda | 11 | 18 |
| 17 | L-Italja | 166 | 10 |
| 18 | Il-Latvja | 27 | 16 |
| 19 | Il-Litwanja | 8,7 | 20 |
| 20 | Il-Lussemburgu | 3,1 | 15 |
| 21 | Malta | 1,3 | 25 |
| 22 | In-Netherlands [b] | 21 | 37 |
| 23 | In-Norveġja | 52 | 30 |
| 24 | Il-Polonja | 133 | 16 |
| 25 | Il-Portugall | 65 | 15 |
| 26 | Ir-Rumanija | 106 | 28 |
| 27 | Is-Slovakkja | 37 | 36 |
| 28 | Is-Slovenja | 14 | 25 |
| 29 | Spanja [b] | 93 | 15 |
| 30 | L-Iżvezja | 29 | 19 |
| 31 | L-Iżvizzera | 11 | 26 |
| 32 | Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq | 81 | 30 |
| 33 | L-Istati Uniti tal-Amerka [c] | | |
| 34 | L-Unjoni Ewropea | 1 504 | 22 |

[a] Mar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni ta', jew l-adeżjoni mal-Protokoll preżenti, il-Kanada għandha tipprovdi: (a) valur għal-livelli totali tal-emissjonijiet ta' PM stmati għall-2005, nazzjonali jew għall-PEMA tagħha, jekk tkun issottomettiet waħda; u (b) valur indikattiv għal tnaqqis tal-livelli tal-emissjonijiet totali għal PM għall-2020 mil-livelli tal-2005, fil-livell nazzjonali jew għall-PEMA tagħha. Partita (a) se tkun inkluża fit-tabella, u partita (b) se tkun inkluża fin-nota tal-qiegħ tat-tabella. Il-PEMA, jekk sottomessa, se tkun offruta bħala aġġustament tal-Anness III tal-Protokoll.

[b] Iċ-ċifri japplikaw għall-parti Ewropea tal-pajjiż.

[c] Mar-ratifika, l-aċċetazzjoni jew l-approvazzjoni ta', jew l-adeżjoni mal-emenda li żżid ma' din it-tabella tal-Protokoll preżenti, l-Istati Uniti tal-Amerka għandha tipprovdi: (a) valur għal-livelli totali tal-emissjonijiet ta' $PM_{2,5}$ stmati għall-2005, nazzjonali jew għal PEMA; u (b) valur indikattiv għal tnaqqis tal-livelli tal-emissjonijiet totali ta' $PM_{2,5}$ għall-2020 mil-livelli identifikati tal-2005. Partita (a) se tkun inkluża fit-tabella, u partita (b) se tkun inkluża fin-nota tal-qiegħ tat-tabella."

P. **Anness III**

1. Fis-sentenza ta' taħt l-intestatura, il-kliem "PEMA hija" jinbidlu bil-kliem "PEMAs huma".

2. Jiżdiedu subintestatura u pargarafu ġdid qabel l-entrata għall-PEMA tal-Federazzjoni Russa kif ġej:

**"PEMA tal-Kanada**

Il-PEMA għall-kubrit għall-Kanada hija żona ta' 1 miljun kilometru kwadru li tinkludi t-territorju kollu tal-Provinċji ta' Prince Edward Island, Nova Scotia u New Brunswick, it-territorju tal-Provinċja ta' Québec fin-Nofsinhar ta' linja dritta bejn Havre-St. Pierre fil-kosta tat-Tramuntana ta' Gulf of Saint Lawrence u l-punt fejn il-konfini ta' Québec-Ontario jaqsam mal-linja tal-kosta ta' James Bay, u t-territorju kollu tal-Provinċja ta' Ontario fin-Nofsinhar ta' linja dritta bejn il-punt fejn il-konifini ta' Ontario-Québec jaqsam il-linja tal-kosta ta' James Bay u x-Xmara Nipigon viċin tax-xatt tat-Tramuntana ta' Lake Superior."

3. Hemm bidla fil-paragrafu taħt is-subintestatura "PEMA tal-Federazzjoni Russa":

"Il-PEMA tal-Federazzjoni Russa tikkorrispondi għat-territorju Ewropew tal-Federazzjoni Russa. It-territorju Ewropew tal-Federazzjoni Russa huwa parti mit-Territorju tar-Russja fi ħdan il-konfini amministrattivi u ġeografiċi tal-enititajiet tal-Federazzjoni Russa li jinsabu fil-Lvant tal-Ewropa li jmiss mal-kontinentAżjatiku f'konformità mal-konfini konvenzjonali li jgħaddi mit-Tramuntana għan-Nofsinhar matul il-Muntanji Ural, il-konfini mal-Każakstan lejn il-Baħar Kaspju, u wara matul il-konfini tal-Istat mal-Ażerbajġan u l-Ġeorġja fil-Kawkassu tat-Tramuntana lejn il-Baħar l-Iswed."

Q. **Anness IV**

1. Fl-Anness IV jinbidel it-test li ġej:

**"Valuri limitu għall-emissjonijiet tal-kubrit minn sorsi stazzjonarji**

1. It-taqsima A tapplika għall-Partijiet apparti l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka, it-taqsima B tapplika għall-Kanada u t-taqsima C tapplika għall-Istati Uniti tal-Amerka.

A. **Partijiet oħra apparti l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka**

2. Għall-fini ta' din it-taqsima "valur limitu tal-emissjonijiet" (ELV) tfisser il-kwantità ta' $SO_2$ (jew $SO_x$ meta jissemma b'dan il-mod) li tinsab fil-gassijiet ta' skart minn installazzjoni li ma għandhiex tinqabeż. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandu jiġi kkalkulat f'termini ta' massa ta' $SO_2$ ($SO_x$, espress bħala $SO_2$) għal kull volum tal-gassijiet ta' skart (espress bħala $mg/m^3$), billi jassumi kundizzjonijiet standard għat-temperatura u l-pressjoni għall-gass niexef (volum f'273,15 K, 101,3 kPa). Fir-rigward ta' kontenut ta' ossiġenu ta' gass ta' skart, għandhom japplikaw il-valuri mogħtija hawn taħt għal kull kategorija ta' sors. Mhix permessa d-dilwizzjoni sabiex jonqsu l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fil-gassijiet ta' skart. Il-bidu u t-tmiem tal-operat u l-manteniment tal-apparat huma esklużi.

3. Il-konformità mal-ELVs, ir-rati minimi tat-tneħħija tal-kubrit, ir-rati ta' rkupru tal-kubrit u l-valuri limitu tal-kontenut tal-kubrit għandhom jiġu vverifikati:

(a) L-emissjonijiet għandhom jiġu mmonitorjati permezz ta' kejl jew permezz ta' kalkoli li jiksbu mill-inqas l-istess korrettezza. Il-konformità mal-ELV's għandha tiġi vverifikata permezz ta' kejl kontinwu jew mhux kontinwu, l-approvazzjoni tat-tip, jew kwalunkwe metodu tekniku stabbli ieħor inkluż metodi ta' kalkolu vverifikati. Fil-każ ta' kejl kontinwu, il-konformità mal-ELV tinkiseb jekk il-medja validata tal-emissjonijiet ta' kull xahar ma taqbiżx il-livell limitu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor għal kategorija individwali ta' sors. F'każ ta' kejl mhux kontinwu jew proċeduri ta' determinazzjoni jew kalkolu li jixirqu oħrajn, il-konformità mal-ELV tinkiseb jekk il-valur medju bbażat fuq għadd xieraq ta' kejl taħt kundizzjonijiet rappreżentattivi ma jaqbiżx l-ELV. L-iskorettezza tal-metodi ta' kejl tista' tiġi kkunsidrata għal fini ta' verifika;

(b) Fil-każ ta' impjanti tal-kombustjoni li japplikaw ir-rati minimi ta' tneħħija ta' kubrit stipulati fil-paragrafu 5 (a) (ii), il-kontenut tal-kubrit tal-fjuwil għandu jiġi mmonitorjat regolarment ukoll u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu informati dwar tibdil sostanzjali fit-tip ta' fjuwil użat. Ir-rati ta' neħħija tal-kubrit għandhom japplikaw bħala valuri medji kull xahar;

(c) Il-konformità mar-rati minimi ta' rkupru tal-kubrit għandhom jiġu vverifikati permezz ta' kejl regolari jew metodu tekniku stabbli ieħor;

(d) Il-konformità mal-valuri limitu tal-kubrit għaż-żejt tal-gass għandhom jiġu vverifikati permezz ta' kejl immirat regolari.

4. Il-monitoraġġ tas-sustanzi niġġiesa rilevanti u l-kejl tal-parametri ta' proċess, kif ukoll l-assigurazzjoni tal-kwalità tas-sistemi ta' kejl awtomizzati u l-kejl ta' referenza għall-kalibrazzjoni ta' dawk is-sistemi, għandhom jitwettqu f'konformità mal-istandards tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Jekk l-istandards tas-CEN ma jkunux disponibbli, għandhom japplikaw l-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), l-istandards nazzjonali jew internazzjonali li jiżguraw il-forniment ta' dejta ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

5. Is-subparagrafi li ġejjin jiffissaw dispożizzjonijiet speċjali għall-impjanti tal-kombustjoni msemmija fil-paragrafu 7:

(a) Parti tista' tidderoga mill-obbligu li tikkonforma mal-valuri limitu tal-emissjonijiet previsti fil-paragrafu 7 fil-każijiet li ġejjin:

(i) Għal impjant tal-kombustjoni li għal din il-fini normalment juża fjuwil li huwa baxx fil-kubrit, f'każijiet fejn l-operatur ma jkunx jista' jkun konformi ma' dawk il-valuri limitu minħabba interuzzjoni fil-provvista tal-fjuwil baxx fil-kubrit li tirriżulta min-nuqqas serju ta' provvista;

(ii) Għal impjant tal-kombustjoni li jaħraq fjuwil solidu indiġenu, li ma jistax jikkonforma mal-valuri limitu tal-emissjonijiet previsti fil-paragrafu 7, minflok iridu jiġu ssodisfati mill-inqas il-valuri limitu li ġejjin għar-rati ta' tneħħija tal-kubrit:

(aa) Impjanti eżistenti: 50–100 MWth: 80 %;

(bb) Impjanti eżistenti: 100–300 MWth: 90 %;

(cc) Impjanti eżistenti: > 300 MWth: 95 %;

(dd) Impjanti ġodda: 50–300 MWth: 93 %;

(ee) Impjanti ġodda: > 300 MWth: 97 %;

(iii) Għal impjanti tal-kombustjoni li normalment jużaw fjuwil gassuż li b'mod eċċezzjonali jridu jduru għall-użu ta' fjuwils oħrajn minħabba interuzzjoni f'daqqa fil-provvista tal-gass u għal din ir-raġuni jkunu jeħtieġu li jkunu mgħammra b'faċilità ta' purifikazzjoni tal-gass ta' skart.

(iv) Għal impjanti tal-kombustjoni eżistenti li ma joperawx iktar minn 17 500 siegħa ta' operat, li jibdew fl-1 ta' Jannar 2016 u jispiċċaw sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023;

(v) Għal impjanti tal-kombustjoni eżistenti li jużaw fjuwils solidi jew likwidi li ma joperawx iktar minn 1 500 siegħa ta' operat kull sena bħala medja rolling matul perjodu ta' ħames snin, minflok japplikaw l-ELVs li ġejjin:

(aa) Għal fjuwils solidi: 800 mg/m³;

(bb) Għall-fjuwils likwidi: 850 mg/m³ għal impjanti b'input termali nominali li jaqbeż it-300 MWth u l-400 mg/m³ għal impjanti b'input termali nominali ikbar minn 300 MWth;

(b) Fejn impjant tal-kombustjoni huwa estiż b'mill-inqas 50 MWth, għandu japplika l-ELV speċifikat fil-paragrafu 7 għal installazzjonijiet ġodda għall-parti estiża affettwata mill-bidla. L-ELV huwa kkalkulat bħala medja ppeżata permezz tal-input termali attwali kemm għall-parti eżistenti tal-impjant kif ukoll dik ġdida;

(c) Il-Partijiet għandhom jiżguraw li jkun hemm dispożizzjonijiet għal proċeduri marbuta ma' funzjonament ħażin jew ħsara fit-tagħmir ta' taffija;

(d) Fil-każ ta' impjant tal-kombustjoni li jaħraq fjuwils differenti bl-involviment tal-użu simultaneju ta' żewġ fjuwils differenti jew iktar, l-ELV għandu jkun determinat bħala medja ppeżata tal-ELVs għall-fjuwils individwali, abbażi tal-input termali mwassal minn kull fjuwil.

6. Il-partijiet jistgħu japplikaw regoli li bihom l-impjanti tal-kombustjoni u l-impjanti tal-proċess f'raffinerija taż-żejt minerali jistgħu jkunu eżentati mill-konformità mal-valuri limitu individwali tal-$SO_2$ stipulati f'dan l-Anness, sakemm huma konformi ma' valur limitu bubble tal-$SO_2$ determinat abbażi tal-aħjar tekniċi disponibbli.

7. Impjanti ta' kombustjoni b'input termali nominali li jaqbeż il-50 MWth: ([1])

*Tabella 1*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' $SO_2$ rilaxxati mill-impjanti ta' kombustjoni** [a]

| *Tip ta' fjuwil* | *Input termali (MWth)* | *ELV għal $SO_2$ mg/m³* [b] |
|---|---|---|
| Fjuwils solidi | 50–100 | Impjanti ġodda:<br>400 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn)<br>300 (pit)<br>200 (bijomassa) |

([1]) L-input termali nominali tal-impjant tal-kombustjoni jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-inputs tal-unitajiet kollha konnessi ma' stack komuni. L-unitajiet individwali inqas minn 15 MWth ma għandhomx jiġu kkunsidrati meta jiġi kkalkulat it-total tal-input termali nominali.

| *Tip ta' fjuwil* | *Input termali (MWth)* | *ELV għal $SO_2$ mg/m³* [b] |
|---|---|---|
| | | Impjanti eżistenti:<br>400 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn)<br>300 (pit)<br>200 (bijomassa) |
| | 100–300 | Impjanti ġodda:<br>200 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn)<br>300 (pit)<br>200 (bijomassa) |
| | | Impjanti eżistenti:<br>250 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn)<br>300 (pit)<br>200 (bijomassa) |
| | > 300 | Impjanti ġodda:<br>150 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn) (FBC: 200)<br>150 (pit) (FBC: 200)<br>150 (bijomassa) |
| | | Impjanti eżistenti:<br>200 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn)<br>200 (pit)<br>200 (bijomassa) |
| Fjuwils likwidi | 50–100 | Impjanti ġodda: 350 |
| | | Impjanti eżistenti: 350 |
| | 100–300 | Impjanti ġodda: 200 |
| | | Impjanti eżistenti: 250 |
| | > 300 | Impjanti ġodda: 150 |
| | | Impjanti eżistenti: 200 |
| Fjuwils gassużi inġenerali | > 50 | Impjanti ġodda: 35 |
| | | Impjanti eżistenti: 35 |
| Gass likwifikat | > 50 | Impjanti ġodda: 5 |
| | | Impjanti eżistenti: 5 |
| Gass tal-forn tal-kok jew gass tal-forn tal-blast | > 50 | Impjanti ġodda:<br>200 għall-gass tal-forn tal-blast<br>400 għall-gass tal-forn tal-kok |
| | | Impjanti eżistenti:<br>200 għall-gass tal-forn tal-blast<br>400 għall-gass tal-forn tal-kok |

| *Tip ta' fjuwil* | *Input termali (MWth)* | *ELV għal $SO_2$ mg/m³* [b] |
|---|---|---|
| Residwi tar-raffineriji gassifikati | > 50 | Impjanti ġodda: 35<br>Impjanti eżistenti: 800 |

*Nota:* FBC = kombustjoni fuq sodda fluwidizzata (tiċċirkola, taħt pressjoni, tbaqbaq).

[a] B'mod partikolari, l-ELVs ma għandhomx japplikaw għal:
- Impjanti fejn il-prodotti tal-kombustjoni jintużaw biex isaħħnu direttament, inixxfu, jew kwalunkwe trattament ieħor ta' oġġetti jew materjali;
- Impjanti ta' postkombustjoni ddiżinjati biex jippurifikaw il-gassijiet ta' skart permezz tal-kombustjoni li mhumiex operati bħala impjanti tal-kombustjoni indipendenti;
- Faċilitajiet għar-riġenerazzjoni ta' katalisti tal-ikkrekkjar katalitiku;
- Faċilitajiet għall-konverżjoni ta' sulfur tal-idroġenu f'kubrit;
- Reatturi użati fl-industrija tal-kimika;
- Fran tal-batterija tal-kok;
- Cowpers;
- Bojlers ta' rkupru fl-installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-polpa;
- Inċineraturi tal-iskart; u
- Impjanti li jaħdmu bil-magni tad-diżil, petrol jew gass jew bit-turbini tal-gass, irrispettivament mill-fjuwil użat.

[b] Il-kontenut ta' referenza ta' $O_2$ huwa 6 % għall-fjuwils solidi u 3 % għall-fjuwils likwidi u gassużi.

8. Żejt tal-gass:

*Tabella 2*

**Valuri limitu għall-kontenut tal-kubrit taż-żejt tal-gass** [a]

| | *Kontenut tal-kubrit (perċentwal skont il-piż)* |
|---|---|
| Żejt tal-gass | < 0,10 |

[a] 'Żejt tal-gass' tfisser kwalunkwe fjuwil likwidu derivat mill-petroljum, eskluż il-fjuwil marittimu, li jidħol fil-kodiċi tan-NM 2710 19 25, 2710 19 29, 2710 19 45 jew 2710 19 49, jew kwalunkwe fjuwil likwidu derivat mill-petroljum, eskluż il-fjuwil marittimu, fejn inqas minn 65 % bħala volum (inkluż it-telf) jiddistilla f'250 °C u fejn mill-inqas 85 % bħala volum minnu (inkluż it-telf) jiddistilla f'350 °C permezz tal-metodu ASTM D86. Il-fjuwils tad-diżil, jiġifieri żjut tal-gass li jidħlu fil-kodiċi tan-NM 2710 19 41 u użati għal vetturi awtopropulsivi, huma esklużi minn din id-definizzjoni. Il-fjuwils użati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq u tratturi agrikoli huma wkoll esklużi minn din id-definizzjoni;

9. Raffineriji taż-żejt minerali u l-gass:

Unitajiet ta' rkupru tal-kubrit: għal impjanti li jipproduċu iktar minn 50 Mg ta' kubrit kuljum:

*Tabella 3*

**Valur limitu espress bħala rata minima ta' rkupru tal-kubrit tal-unitajiet ta' rkupru tal-kubrit**

| *Tip ta' impjant* | *Rata minima ta' rkupru tal-kubrit* [a] *(%)* |
|---|---|
| Impjant ġdid | 99,5 |
| Impjant eżistenti | 98,5 |

[a] Ir-rata ta' rkupru tal-kubrit hija l-perċentwal tal-$H_2S$ importat kkonvertit f'kubrit elementali bħala medja annwali.

10. Produzzjoni tad-dijossidu tat-titanju:

*Tabella 4*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' $SO_x$ rilaxxati mill-produzzjoni tad-dijossidu tat-titanju (medja annwali)**

| *Tip ta' impjant* | *ELV għal $SO_x$ (espress bħala $SO_2$) (kg/t ta' $TiO_2$)* |
|---|---|
| Proċess tas-sulfat, emissjoni totali | 6 |
| Proċess tal-klorur, emissjoni totali | 1,7 |

B. **Il-Kanada**

11. Il-valuri limitu għall-kontroll tal-emissjonijiet tal-ossidi tal-kubrit se jkunu determinati għal sorsi stazzjonarji, kif jixraq, b'konsiderazzjoni tal-informazzjoni dwar teknoloġiji ta' kontroll disponibbli, valuri limitu applikati f'ġurisdizzjonijiet oħrajn, u d-dokumenti ta' hawn taħt:

(a) Order Adding Toxic Substances to Schedule 1 to the Canadian Environmental Act, 1999. SOR/2011-34;

(b) Proposed Regulation, Order Adding Toxic Substances to Schedule 1 to the Canadian Environmental Protection Act, 1999;

(c) New Source Emission Guidelines for Thermal Electricity Generation;

(d) National Emission Guidelines for Stationary Combustion Turbines. PN1072; u

(e) Operating and Emission Guidelines for Municipal Solid Waste Incinerators. PN1085.

C. **L-Istati Uniti tal-Amerka**

12. Il-valuri limitu għall-kontroll tal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit minn sorsi stazzjonarji fil-kategoriji ta' sorsi stazzjonarji li ġejjin, u s-sorsi li għalihom japplikaw, huma speċifikati fid-dokumenti li ġejjin:

(a) Electric Utility Steam Generating Units — 40 Code of Federal Regulations (C.F.R.) Part 60, Subpart D, and Subpart Da;

(b) Industrial-Commercial-Institutional Steam Generating Units — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Db, and Subpart Dc;

(c) Sulphuric Acid Plants — 40 C.F.R. Part 60, Subpart H;

(d) Petroleum Refineries — 40 C.F.R. Part 60, Subpart J and Subpart Ja;

(e) Primary Copper Smelters — 40 C.F.R. Part 60, Subpart P;

(f) Primary Zinc Smelters — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Q;

(g) Primary Lead Smelters — 40 C.F.R. Part 60, Subpart R;

(h) Stationary Gas Turbines — 40 C.F.R. Part 60, Subpart GG;

(i) Onshore Natural Gas Processing — 40 C.F.R. Part 60, Subpart LLL;

(j) Municipal Waste Combustors — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Ea, and Subpart Eb;

(k) Hospital/Medical/Infectious Waste Incinerators — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Ec;

(l) Stationary Combustion Turbines — 40 C.F.R. Part 60, Subpart KKKK;

(m) Small Municipal Waste Combustors — 40 C.F.R. Part 60, Subpart AAAA;

(n) Commercial and Industrial Solid Waste Combustors — 40 C.F.R. Part 60, Subpart CCCC; u

(o) Other Solid Waste Combustors — 40 C.F.R. Part 60, Subpart EEEE."

R. **Anness V**

Hemm bidla fit-test tal-Anness V li ġej:

**"Valuri limitu għall-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu minn sorsi stazzjonarji**

1. It-taqsima A tapplika għall-Partijiet apparti l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka, it-taqsima B tapplika għall-Kanada u t-taqsima C tapplika għall-Istati Uniti tal-Amerka.

A. **Partijiet oħra apparti l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka**

2. Għall-fini ta' din it-taqsima "valur limitu tal-emissjonijiet" (ELV) tfisser il-kwantità ta' $NO_x$ (somma ta' NO u $NO_2$, espressi bħala $NO_2$) li tinsab fil-gassijiet ta' skart minn installazzjoni li ma tistax tinqabeż. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandu jiġi kkalkolat f'termini ta' massa ta' $NO_x$ għal kull volum tal-gassijiet ta' skart (expressi bħala $mg/m^3$), billi jassumi kundizzjonijiet standard għat-temperatura u l-pressjoni għall-gass niexef (volum f'273,15 K, 101,3 kPa). Fir-rigward ta' kontenut ta' ossiġenu tal-gass ta' skart, għandhom japplikaw il-valuri mogħtija hawn taħt għal kull kategorija ta' sors. Mhix permessa d-dilwizzjoni sabiex jonqsu l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fil-gassijiet ta' skart. Il-bidu u t-tmiem tal-operat u l-manteniment tal-apparat huma esklużi.

3. L-emissjonijiet għandhom jiġu mmonitorjati fil-każijiet kollha permezz ta' kejl ta' $NO_x$ jew permezz ta' kalkoli jew kombinazzjoni tat-tnejn li mill-inqas jiksbu l-istess korrettezza. Il-konformità mal-ELV's għanda tiġi vverifikata permezz ta' kejl kontinwu jew mhux kontinwu, l-approvazzjoni tat-tip, jew kwalunkwe metodu stabbli tekniku ieħor inkluż metodi tal-kalkolu vverifikati. Fil-każ ta' kejl kontinwu, il-konformità mal-ELVs tinkiseb jekk il-medja validata tal-emissjonijiet kull xahar ma taqbiżx il-valuri limitu. F'każ ta' kejl mhux kontinwu jew proċeduri ta' determinazzjoni jew kalkolu li jixirqu oħrajn, il-konformità mal-ELVs tinkiseb jekk il-valur medju bbażat fuq għadd xieraq ta' kejl taħt kundizzjonijiet rappreżentattivi ma jaqbiżx l-ELV. L-iskorettezza tal-metodi ta' kejl tista' tiġi kkunsidrata għal fini ta' verifika.

4. Il-monitoraġġ ta' sustanzi niġġiesa rilevanti u l-kejl tal-parametri ta' proċess, kif ukoll l-assigurazzjoni tal-kwalità tas-sistemi ta' kejl awtomizzati u l-kejl ta' referenza għall-kalibrazzjoni ta' dawk is-sistemi, għandhom jitwettqu skont l-istandards tas-CEN. Jekk l-istandards tas-CEN ma jkunux disponibbli, l-istandards tal-ISO jew standards nazzjonali jew internazzjonali li jiżguraw il-forniment ta' dejta ta' kwalità xjentifika ekwivalenti għandhom japplikaw.

5. Dispożizzjonijiet speċjali għall-impjanti ta' kombustjoni msemmija fil-paragrafu 6:

   (a) Parti tista' tidderoga mill-obbligu ta' konformità mal-ELVs previsti fil-paragrafu 6 fil-każijiet li ġejjin:

      (i) Għall-impjanti tal-kombustjoni li normalment jużaw il-fjuwil gassuż li b'mod eċċeżżjonali jridu jużaw fjuwils oħrajn għaliex hemm interruzzjoni f'daqqa fil-provvista tal-gass u għal din ir-raġuni jkunu jeħtieġa li jkunu mgħammra b'faċilità tal-purifikazzjoni tal-gass ta' skart;

      (ii) Għal impjanti tal-kombustjoni eżistenti li ma joperawx iktar minn 17 500 siegħa ta' operat, li jibdew mill-1 ta' Jannar 2016 u jispiċċaw mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023; jew

      (iii) Għal impjanti tal-kombustjoni eżistenti apparti mit-turbini tal-gass fuq l-art (koperti mill-paragrafu 7) li jużaw fjuwils solidi jew likwidi li ma joperawx iktar minn 1 500 siegħa ta' operat kull sena bħala medja rolling matul perjodu ta' ħames snin, minflok japplikaw l-ELVs li ġejjin:

         (aa) Għal fjuwils solidi: 450 $mg/m^3$;

         (bb) Għall-fjuwils likwidi: 450 $mg/m^3$.

   (b) Fejn impjant tal-kombustjoni jiġi estiż b'mill-inqas 50MWth, l-ELV speċifikat fil-paragrafu 6 għall-installazzjonijiet ġodda għandu japplika għall-parti estiża affettwata mill-bidla. L-ELV huwa kkalkulat bħala medja ppeżata permezz tal-input termali attwali kemm għall-parti eżistenti tal-impjant kif ukoll dik ġdida;

   (c) Il-Partijiet għandhom jiżguraw li jsiru dispożizzjonijiet għall-proċeduri marbuta mal-funzjonament ħażin jew il-ħsara fit-tagħmir tat-taffija;

(d) Fil-każ ta' impjant tal-kompustjoni li juża fjuwil differenti li jinvolvi l-użu simultaneju ta' żewġ fjuwils jew iktar, l-ELV għandu jiġi determinat bħala l-medja ppeżata tal-ELVs għall-fjuwils individwali, abbażi tal-input termali mwassal minn kull fjuwil. Il-partijiet jistgħu japplikaw regoli li bihom l-impjanti tal-kombustjoni u l-impjanti tal-proċess f'raffinerija taż-żejt minerali jistgħu jkunu eżentati mill-konformità mal-valuri limitu individwali tal-$NO_x$ stipulati f'dan l-Anness, sakemm huma konformi ma' valur limitu bubble tal-$NO_x$ determinat abbażi tal-aħjar tekniki disponibbli.

6. Impjanti ta' kombustjoni b'input termali nominali li jaqbeż il-50 MWth: [1]

*Tabella 1*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' $NO_x$ rilaxxati mill-impjanti ta' kombustjoni** [a]

| *Tip ta' fjuwil* | *Input termali (MWth)* | *ELV għal $NO_x$ ($mg/m^3$)* [b] |
|---|---|---|
| Fjuwils solidi | 50-100 | Impjanti ġodda:<br>300 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn)<br>450 (irmied tal-linjite)<br>250 (bijomassa, pit)<br>Impjanti eżistenti:<br>300 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn)<br>450 (irmied tal-linjite)<br>300 (bijomassa, pit) |
| | 100–300 | Impjanti ġodda:<br>200 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn)<br>200 (bijomassa, pit)<br>Impjanti eżistenti:<br>200 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn)<br>250 (bijomassa, pit) |
| | > 300 | Impjanti ġodda:<br>150 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn) (ġenerali)<br>150 (bijomassa, pit)<br>200 (irmied tal-linjite)<br>Impjanti eżistenti:<br>200 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn)<br>200 (bijomassa, pit) |
| Fjuwils likwidi | 50–100 | Impjanti ġodda: 300<br>Impjanti eżistenti: 450 |
| | 100-300 | Impjanti ġodda: 150<br>Impjanti eżistenti:<br>200 (ġenerali)<br>Impjanti eżistenti f'raffineriji u installazzjonijiet kimiċi:<br>450 (għat-tqabbid ta' residwi tad-distillazzjoni u l-konverżjoni mir-raffinament taż-żejt mhux maħdum għall-konsum tiegħu stess fl-impjanti tal-kombustjoni u għat-tqabbid tar-residwu tal-produzzjoni tal-likwidu bħala fjuwil mhux kummerċjali) |

[1] L-input termali nominali tal-impjant tal-kombustjoni jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-inputs tal-unitajiet kollha konnessi ma' stack komuni. L-unitajiet individwali inqas minn 15 MWth ma għandhomx jiġu kkunsidrati meta jiġu kkalkulat it-total tal-input nominali.

| *Tip ta' fjuwil* | *Input termali (MWth)* | *ELV għal $NO_x$ ($mg/m^3$)* [b] |
|---|---|---|
| | > 300 | Impjanti ġodda: 100 |
| | | Impjanti eżistenti: |
| | | 150 (ġenerali) |
| | | Impjanti eżistenti f'raffineriji u installazzjonijiet kimiċi: |
| | | 450 (għat-tqabbid ta' residwi tad-distillazzjoni u l-konverżjoni mir-raffinament taż-żejt mhux maħdum għall-konsum tiegħu stess fl-impjanti tal-kombustjoni u għat-tqabbid tar-residwu tal-produzzjoni tal-likwidu bħala fjuwil mhux kummerċjali (< 500 MWth)) |
| Gass naturali | 50–300 | Impjanti ġodda: 100 |
| | | Impjanti eżistenti: 100 |
| | > 300 | Impjanti ġodda: 100 |
| | | Impjanti eżistenti: 100 |
| Fjuwils gassużi oħrajn | > 50 | Impjanti ġodda: 200 |
| | | Impjanti eżistenti: 300 |

[a] B'mod partikolari, l-ELVs ma għandhomx japplikaw għal:
— Impjanti fejn il-prodotti tal-kombustjoni huma użati biex isaħħnu direttament, inixxfu, jew kwalunkwe trattament ieħor ta' oġġetti jew materjali;
— Impjanti ta' postkombustjoni ddiżinjati biex jippurifikaw il-gassijiet ta' skart permezz tal-kombustjoni li mhumiex operati bħala impjanti tal-kombustjoni indipendenti;
— Faċilitajiet għar-riġenerazzjoni ta' katalisti tal-ikkrekkjar katalitiku;
— Faċilitajiet għall-konverżjoni tas-sulfur tal-idroġenu f'kubrit;
— Reatturi użati fl-industrija tal-kimika;
— Fran tal-batterija tal-kok;
— Cowpers;
— Bojlers ta' rkupru fl-installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-polpa;
— Inċineraturi tal-iskart; u
— Impjanti li jaħdmu bil-magni tad-diżil, petrol jew gass jew bit-turbini tal-gass, irrispettivament mill-fjuwil użat.

[b] Il-kontenut ta' referenza ta' $O_2$ huwa 6 % għall-fjuwils solidi u 3 % għall-fjuwils likwidi u gassużi.

7. Turbini tal-kombustjoni fuq l-art b'input termali nominali li jaqbeż il-50MWth: l-ELVs ta' $NO_x$ huma espressi bħala $mg/m^3$ (f'kontenut ta' referenza tal-$O_2$ ta' 15 %) għandhom jiġu applikati għal turbin uniku. L-ELVs fit-tabella 2 japplikaw biss 'il fuq minn tagħbija ta' 70 %.

*Tabella 2*

**Valuri limitu tal-emissjonijiet ta' $NO_x$ rilaxxati minn turbini tal-kombustjoni fuq l-art (inkluż turbini tal-Gass taċ-Ċiklu Ikkombinat (CCGT))**

| *Tip ta' fjuwil* | *Input termali (MWth)* | *ELV għal $NO_x$ ($mg/m^3$)* [a] |
|---|---|---|
| Fjuwils likwidi (distillati ħfief u medji) | > 50 | Impjanti ġodda: 50 |
| | | Impjanti eżistenti: |
| | | 90 (ġenerali) |
| | | 200 (impjanti li joperaw inqas minn 1 500 siegħa annwalment) |
| Gass naturali [b] | > 50 | Impjanti ġodda: |
| | | 50 (ġenerali) [d] |
| | | Impjanti eżistenti: |
| | | 50 (ġenerali) [c] [d] |
| | | 150 (impjanti li joperaw inqas minn 1 500 siegħa annwalment) |

| *Tip ta' fjuwil* | *Input termali (MWth)* | *ELV għal $NO_x$ (mg/m³)* [a] |
|---|---|---|
| Gassijiet oħra | > 50 | Impjanti ġodda: 50<br>Impjanti eżistenti:<br>120 (ġenerali)<br>200 (impjanti li joperaw inqas minn 1 500 siegħa annwalment) |

[a] Turbini tal-gass għall-użu f'ermerġenza li joperaw inqas minn 500 siegħa annwalment ma humiex koperti.
[b] Il-gass naturali huwa metan li jokkorri naturali b'mhux iktar minn 20 % (bħala volum) ta' gassijiet inerti u kostitwenti oħrajn.
[c] 75 mg/m³ fil-każijiet li ġejjin, fejn l-effiċjenza tat-turbin tal-gass tiġi determinata fil-kundizzjonijiet tat-tagħbija bażi tal-ISO:
— Turbini tal-gass, użati f'sistemi ta' sħana u qawwa kombinati li għandhom effiċjenza globali ta' iktar minn 75 %;
— Turbini tal-gass, użati f'impjanti ta' ċiklu kombinat li għandhom effiċjenza elettrika globali medja annwali ta' iktar minn 55 %;
— Turbini tal-gass għal drives mekkaniċi.
[d] Għal turbini ta' gass wieħed li ma jaqgħu taħt l-ebda waħda mill-kategoriji msemmija fin-nota tal-qiegħ c/, iżda li għandhom effiċjenza ta' iktar minn 35 % — determinati skont il-kundizzjonijiet ta' tagħbija bażi tal-ISO — l-ELV għall-$NO_x$ għandu jkun 50 x η / 35 fejn η hija l-effiċjenza tat-turbin tal-gass f'kundizzjonijiet ta' tagħbija bażi tal-ISO espressa bħala perċentwal.

8. Produzzjoni tas-siment:

*Tabella 3*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' $NO_x$ rilaxxati mill-produzzjoni tal-gagazza** [a]

| *Tip ta' impjant* | *ELV għal $NO_x$ (mg/m³)* |
|---|---|
| Ġenerali (installazzjonijiet eżistenti u ġodda) | 500 |
| Kalkara lepol jew rotarja twila eżistenti fejn ma jkunx hemm skart li jiġi koinċinerat. | 800 |

[a] Installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-gagazza fil-kalkara rotajra b'kapaċità ta' > 500 Mg/jum jew fi fran oħrajn b'kapaċità ta' > 50 Mg/jum. Il-kontenut ta' referenza ta' $O_2$ huwa 10 %.

9. Magni stazzjonarji:

*Tabella 4*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' $NO_x$ rilaxxati minn magni stazzjonarji ġodda**

| *Tip ta' magna, qawwa, speċifikazzjoni tal-fjuwil* | *ELV* [a] [b] [c] *(mg/m³)* |
|---|---|
| Magni tal-gass > 1 MWth | |
| Magni li jieħdu bi spark (=Otto) il-fjuwils gassużi kollha | 95 (ħarqa dgħajfa meġħjuna)<br>190 (ħarqa dgħajfa standard jew ħarqa rikka bil-katalist) |
| Magni tal-fjuwil doppju > 1 MWth | |
| F'modalità gass (il-fjuwils gassużi kollha) | 190 |
| F'modalità likwida (il-fjuwils likwidi kollha) [d] | |
| 1–20 MWth | 225 |
| > 20 MWth | 225 |
| Magni tad-diżil > 5 MWth | |
| (jieħdu b'kompressjoni) | |
| *Veloċità bil-mod (< 300 rpm) / Medja (300-1 200 rpm)* | |
| 5–20 MWth | |

| *Tip ta' magna, qawwa, speċifikazzjoni tal-fjuwil* | *ELV [a] [b] [c] (mg/m³)* |
|---|---|
| Żejt tal-fjuwil tqil (HFO) u bijożjut | |
| Żejt tal-fjuwil ħafif (LFO) u Gass Naturali (NG) | 225 |
| | 190 |
| > 20 MWth | |
| HFO u bijożjut | 190 |
| LFO u NG | 190 |
| Veloċità qawwija (> 1 200 rpm) | 190 |

*Nota:* Il-kontenut ta' referenza tal-ossiġenu huwa 15 % ([1])

[a] Dawn l-ELVs ma japplikawx għal magni li jintużaw għal inqas minn 500 siegħa annwalment.

[b] Fejn ir-Riduzzjoni Katalitika Selettiva (SCR) bħalissa ma tistax tiġi applikata għal raġunijiet tekniċi u loġistiċi bħal ġejjer remoti jew fejn id-disponibbiltà ta' ammonti suffiċjenti ta' fjuwil ta' kwalità għolja ma jistgħux ikunu garantiti, jista' jiġi applikat perjodu tranżitorju ta' 10 snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll preżenti għal Parti għall-magni tad-dīżil u l-magni tal-fjuwil doppju li matulhom japplikaw l-ELVs li ġejjin:
— Magni tal-fjuwil doppju: 1 850 mg/m³ f'modalità likwida; 380 mg/m³ f'modalità gass;
— Magni tad-dīżil — Veloċità/Baxxa (< 300 rpm) u Medja (300–1 200 rpm) 1 300 mg/m³ għal magni bejn 5 u 20 MWth u 1 850 mg/m³ għal magni > 20 MWth;
— Magni tad-dīżil — Veloċità qawwija (> 1 200 rpm): 750 mg/m³.

[c] Magni li jaħdmu bejn 500 u 1 500 siegħa operattiva kull sena jistgħu jkunu eżentati mill-konformità ma' dawn l-ELVs fil-każ li jkunu qed japplikaw miżuri primarji biex jillimitaw l-emissjonijiet ta' $NO_x$ u jissodisfaw l-ELVs stipulati fin-nota tal-qiegħ b;

[d] Parti tista' tidderoga mill-obbligu li tikkonforma mal-valuri limitu tal-emissjonijiet mill-impjanti tal-kombustjoni li jużaw fjuwil gassuż li b'mod eċċezzjonali jridu jużaw fjuwils oħrajn għaliex hemm interuzzjoni f'daqqa fil-provvista tal-gass u għal din ir-raġuni jkunu jeħtieġu li jkunu mgħammra b'faċilità tal-purifikazzjoni tal-gass ta' skart. Il-perjodu ta' żmien eċċezzjonali ma għandux jaqbeż 10 ijiem ħlief meta jkun hemm ħtieġa kumplessiva biex jinżammu l-provvisti tal-enerġija.

10. Impjanti tas-sinter tal-minerali tal-ħadid:

*Tabella 5*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' $NO_x$ rilaxxati mill-impjanti tas-sinter tal-minerali tal-ħadid**

| *Tip ta' impjant* | *ELV għal $NO_x$ (mg/m³)* |
|---|---|
| Impjanti tas-sinter: Installazzjoni ġdida | 400 |
| Impjanti tas-sinter: Installazzjoni eżistenti | 400 |

([a]) Produzzjoni u proċessar ta' metalli: xiwi tal-minerali tal-metall jew installazzjonijiet tas-sintering, installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-ħadid fondut grezz jew azzar (fużjoni primarja jew sekondarja) inkluż l-kasting kontinwu b'kapaċità li taqbeż it-2,5 Mg/siegħa, installazzjonijiet għall-ipproċessar ta' metalli ferrużi (mtieħen sħan tar-rolling > 20 Mg/siegħa ta' azzar mhux maħdum).

([b]) Bħala eżenzjoni mill-paragrafu 3, dawn l-ELVs għandhom jiġu kkunsidrati bħala medjati fuq perjodu sostanzjali ta' żmien.

11. Produzzjoni tal-aċidu nitriku:

*Tabella 6*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet tal-$NO_x$ mill-produzzjoni tal-aċidu nitriku bl-esklużjoni tal-unitajiet tal-konċentrazzjoni tal-aċidu**

| *Tip ta' installazzjonijiet* | *ELV għal $NO_x$ (mg/m³)* |
|---|---|
| Installazzjonijiet ġodda | 160 |
| Installazzjonijiet eżistenti | 190 |

([1]) Il-fattur ta' konverżjoni mill-valuri limitu fil-Protokoll preżenti (f'kontenut ta' ossiġenu ta' 5 %) huwa 2,66 (16/6). Għalhekk, il-valur limitu ta':
— 190 mg/m³ fi 15 % $O_2$ jikkorrispondi għal 500 mg/m³ fi 5 % $O_2$;
— 95 mg/m³ fi 15 % $O_2$ jikkorrispondi għal 250 mg/m³ fi 5 % $O_2$;
— 225 mg/m³ fi 15 % $O_2$ jikkorrispondi għal 600 mg/m³ fi 5 % $O_2$.

B. **Il-Kanada**

12. Il-valuri limitu għall-kontroll tal-emissjonijiet tal-$NO_x$ se jkunu determinati għal sorsi stazzjonarji, kif jixraq, b'kunsiderazzjoni tal-informazzjoni dwar it-teknoloġiji ta' kontroll disponibbli, il-valuri limitu applikati f'ġurisdizzjonijiet oħrajn, u d-dokumenti ta' hawn taħt:

(a) New Source Emission Guidelines for Thermal Electricity Generation;

(b) National Emission Guidelines for Stationary Combustion Turbines. PN1072;

(c) National Emission Guidelines for Cement Kilns. PN1284;

(d) National Emission Guidelines for Industrial/Commercial Boilers and Heaters. PN1286;

(e) Operating and Emission Guidelines for Municipal Solid Waste Incinerators. PN1085;

(f) Management Plan for Nitrogen Oxides ($NO_x$) and Volatile Organic Compounds (VOCs) — Phase I. PN1066; u

(g) Operating and Emission Guidelines for Municipal Solid Waste Incinerators. PN1085.

C. **L-Istati Uniti tal-Amerka**

13. Il-valuri limitu għall-kontroll tal-emissjonijiet ta' $NO_x$ minn sorsi stazzjonarji fil-kategoriji tas-sorsi stazzjonarji li ġejjin, u s-sorsi li għalihom japplikaw, huma speċifikati fid-dokumenti li ġejjin:

(a) Coal-fired Utility Units — 40 Code of Federal Regulations (C.F.R.) Part 76;

(b) Electric Utility Steam Generating Units — 40 C.F.R. Part 60, Subpart D, and Subpart Da;

(c) Industrial-Commercial-Institutional Steam Generating Units — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Db;

(d) Nitric Acid Plants — 40 C.F.R. Part 60, Subpart G;

(e) Stationary Gas Turbines — 40 C.F.R. Part 60, Subpart GG;

(f) Municipal Waste Combustors — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Ea, and Subpart Eb;

(g) Hospital/Medical/Infectious Waste Incinerators — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Ec;

(h) Petroleum Refineries — 40 C.F.R. Part 60, Subpart J, and Subpart Ja;

(i) Stationary Internal Combustion Engines — Spark Ignition, 40 C.F.R. Part 60, Subpart JJJJ;

(j) Stationary Internal Combustion Engines — Compression Ignition, 40 C.F.R. Part 60, Subpart IIII;

(k) Stationary Combustion Turbines — 40 C.F.R. Part 60, Subpart KKKK;

(l) Small Municipal Waste Combustors — 40 C.F.R. Part 60, Subpart AAAA;

(m) Portland Cement —40 C.F.R. Part 60, Subpart F;

(n) Commercial and Industrial Solid Waste Combustors — 40 C.F.R. Part 60, Subpart CCCC; u

(o) Other Solid Waste Combustors — 40 C.F.R. Part 60, Subpart EEEE."

S. **Anness VI**

Fl-Anness VI jinbidel it-test li ġej:

**"Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili minn sorsi stazzjonarji**

1. It-taqsima A tapplika għall-Partijiet apparti l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka, it-taqsima B tapplika għall-Kanada u t-taqsima C tapplika għall-Istati Uniti tal-Amerka.

A. **Partijiet oħra apparti l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka**

2. Din it-taqsima tal-Anness preżenti tkopri s-sorsi stazzjonarji tal-emissjonijiet ta' VOC elenkati fil-paragrafi 8 sa 22 hawn taħt. L-installazzjonijiet jew partijiet minn installazzjonijiet għal riċerki, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' prodotti ġodda u l-proċessi m'humiex koperti. Il-valuri tal-livell limitu qed jingħataw fit-tabelli ta' hawn taħt illi huma speċifiċi skont is-settur. Dawn ġeneralment jirreferu għall-konsum tas-solvent jew fluss ta' massa ta' emissjoni. Fejn operatur wieħed iwettaq diversi attivitajiet li jaqgħu taħt l-istess subintestatura fl-istess installazzjoni fl-istess sit, il-konsum tas-solvent jew il-fluss tal-massa tal-emissjoni ta' attivitajiet bħal dawn jingħadu flimkien. Jekk ma jkunx indikat valur ta' livell limitu, il-valur limitu mogħti japplika għall-installazzjonijiet kollha konċernati.

3. Għall-fini tat-taqsima A tal-Anness preżenti:

(a) "Ħażna u distribuzzjoni ta' petrol" tfisser it-tagħbija tat-trakkijiet, vaguni tal-ferrovija, braken u vapuri tal-baħar f'depots u stazzjonijiet ta' skarigu tar-raffinar ta' żejt minerali, inkluż vetturi li jagħtu l-fjuwil fl-istazzjonijiet tas-servizz;

(b) "Kisi adessiv" tfisser kwalunkwe attività fejn adessiv huwa applikat fuq wiċċ ta' oġġett, bl-eċċezzjoni ta' kisi adessiv u laminar assoċjat ma' attività ta' stampar u laminar ta' injam u plastik;

(c) "Laminar ta' injam u plastik" tfisser kwalunkwe attività biex twaħħal flimkien injam u/jew plastik sabiex jipproduċu prodotti laminati;

(d) "Attività ta' kisi" tfisser kwalunkwe attività fejn titpoġġa applikazzjoni waħda jew applikazzjonijiet multipli ta' rita kontinwa ta' kisi fuq:

(i) Vetturi ġodda definiti bħala vetturi tal-kategorija M1 u tal-kategorija N1 safejn huma miksija fl-istess installazzjoni bħall-vetturi M1;

(ii) Kabini tat-trakkijiet, definiti bħala l-post fejn joqgħod ix-xufier, u l-post fejn jitpoġġa l-makkinarju tekniku kollu ta' vetturi fil-kategoriji N2 u N3;

(iii) Vannijiet u trakkijiet definiti bħala vetturi fil-kategoriji N1, N2 u N3, minbarra l-kabini tat-trakkijiet;

(iv) Xarabankijiet definiti bħala vetturi fil-kategoriji M2 u M3;

(v) Uċuħ ta' oġġetti oħrajn metalliċi jew tal-plastik inkluż dawk tal-ajruplani, il-vapuri, il-ferroviji, eċċ.;

(vi) Uċuħ ta' oġġetti tal-injam;

(vii) Uċuħ ta' oġġetti tat-tessut, drapp, rita u karti; u

(viii) Ġilda;

Din il-kategorija ta' sorsi ma tinkludix il-kisi ta' substrati b'metalli permezz ta' tekniċi elettroforetiċi jew ta' sprejjar bil-kimika. Jekk l-attività tal-kisi tinkludi stadju fejn l-istess artikolu jiġi stampat, dak l-istadju ta' stampar huwa kunsidrat bħala parti mill-attività tal-kisi. Madankollu, attivitajiet ta' stampar operati bħala attività separata mhumiex koperti minn din id-definizzjoni. F'din id-definizzjoni:

— Vetturi M1 huma dawk użati għall-ġarr tal-passiġġieri u li jkollhom mhux aktar minn tminn siġġijiet minbarra dak tax-xufier,

— Vetturi M2 huma dawk użati għall-ġarr tal-passiġġieri u li jkollhom aktar minn tminn siġġijiet minbarra dak tax-xufier u li għandhom massa massima li ma taqbiżx il-5 Mg;

— Vetturi M3 huma dawk użati għall-ġarr tal-passiġġieri u li jkollhom aktar minn tminn siġġijiet minbarra dak tax-xufier u li għandhom massa massima li taqbeż il-5 Mg;

— Vetturi N1 huma dawk użati għall-ġarr ta' merkanzija u li għandhom massa massima li ma taqbiżx it-3,5 Mg;

— Vetturi N2 huma dawk użati għall-ġarr ta' merkanzija u li għandhom massa massima li taqbeż it-3,5 Mg iżda ma taqbiżx it-12 Mg;

— Vetturi N3 huma dawk użati għall-ġarr ta' merkanzija u li għandhom massa massima li taqbeż it-12 Mg;

(e) "Kisi ta' kojl" tfisser kwalunkwe attività fejn azzar ikkojljat, azzar inossidabbli, azzar miksi, ligi tar-ram jew strippi tal-aluminju jkunu miskija b'kisja li tifforma rita jew laminat fi proċess kontinwu;

(f) "Tindif fix-xott" tfisser kwalunkwe attività industrijali jew kummerċjali li tuża l-VOCs f'installazzjoni għat-tindif tal-ħwejjeġ, tagħmir domestiku u oġġetti tal-konsumatur simili bl-eċċezzjoni tat-tneħħija manwali tat-tbajja u tikek fl-industrija tat-tessut u l-ħwejjeġ;

(g) "Manifattura ta' kisi, verniċ, linek u adessivi" tfisser il-manifattura ta' preparazzjonijiet ta' kisi, verniċ, linek u adesivi, u tal-intermedjarji safejn huma prodotti fl-istess installazzjoni permezz ta' taħlit ta' pigments, reżini u materjali adesivi ma' solventi organiċi jew trasportaturi oħrajn. Din il-kategorija tinkludi wkoll id-dispersjoni, il-predispersjoni, ir-realizzar ta' ċerta viżkożità jew kulur u l-imballaġ tal-prodotti finali fil-kontenituri;

(h) "Stampar" tfisser kwalunkwe attività tar-riproduzzjoni ta' test u/jew immaġni fejn, permezz tal-użu ta' trasportatur tal-immaġni, il-linka tiġi ttrasferita fuq il-wiċċ ta' oġġett u tapplika għas-subattivitajiet li ġejjin:

(i) Flessografija: attività tal-istampar li tuża trasportatur ta' immaġni ta' fotopolimeri tal-gomma jew tal-lastku fuqiex il-linek tal-istampar ikunu aktar 'il fuq miż-żoni li mhumiex għall-istampar, permezz tal-użu ta' linek likwidi li jinxfu permezz tal-evaporazzjoni;

(ii) Heat-set web offset: attività ta' stampar ġestita bil-web bl-użu ta' trasportatur tal-immaġni li fiha ż-żoni tal-istampar u ta' mingħajr stampar huma fl-istess linja, fejn web-fed tfisser li l-materjal li jrid jiġi stampat jidħol fil-magna permezz ta' rukkell li huwa distint mill-karti separati. Iż-żona fejn ma jsirx stampar hija trattata sabiex tattira l-ilma u għalhekk tirrifjuta l-linka. Iż-żona ta' stampar hija trattata biex tirċievi u tittrażmetti l-linka għall-wiċċ tal-oġġett li jrid jiġi stampat. L-evaporazzjoni ssir ġo forn fejn tintuża arja sħuna biex issaħħan il-materjal stampat;

(iii) Rotokalk tal-pubblikazzjoni: rotokalk li jintuża għall-karti tal-istampar għar-rivisti, fuljetti, katalgi jew prodotti simili, permezz tal-użu tal-linka bbażata fuq it-toluwen;

(iv) Rotokalk: attività tal-istampar li tuża trasportatur ta' immaġni ċilindrika li fiha ż-żona ta' stampar tkun taħt iż-żona li mhix stampata, li tuża linka likwida li tinxef permezz tal-evaporazzjoni. Ir-riċessi huma mimlija bil-linka u ż-żejjed jitnaddaf minn fuq iż-żona fejn ma jsirx stampar qabel ma jmiss maċ-ċilindru l-wiċċ tal-oġġett li se jiġi stampat u jiġbor il-linka mir-riċessi;

(v) Stampar bl-iskrin rotatorju: proċess tal-istampar web-fed li fih il-linka titmexxa fuq il-wiċċ tal-oġġett li jrid jiġi stampat billi jiġi sfurzat minn trasportatur ta' immaġni poruż, fejn iż-żona tal-istampar hija miftuħa u ż-żona li mhix tal-istampar hija ssiġillata, bl-użu ta' linek likwidi li jinxfu biss permezz tal-evaporazzjoni. Web-fed tfisser li l-materjal li jrid jiġi stampat jiddaħħal fil-magna permezz ta' rukkell li huwa distint mill-karti separati;

(vi) Laminar assoċjat ma' attività tal-istampar: it-twaħħil ta' żewġ materjali flessibbli jew iktar biex jipproduċu il-laminati; u

(vii) Varniċ: attività fejn varniċ jew kisi adeżiv jiġu applikati fuq materjal flessibbli sabiex aktar tard jissiġilla l-materjal tal-imballaġ;

(i) "Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi" tfisser sinteżi kimika, fermentazzjoni, estrazzjoni, formulazzjoni u tlestija ta' prodotti farmaċewtiċi u, meta jitwettqu fl-istess sit, il-manifattura tal-prodotti intermedjarji;

(j) "Konverżjoni ta' gomma naturali jew sintetika" tfisser kwalunkwe attività ta' taħlit, tifrik, ibblendjar, kalendratura u estrużjoni u vulkanizzazzjoni ta' gomma naturali jew sintetika u attivitajiet addizzjonali għall-ipproċessar ta' gomma naturali jew sintetika sabiex jirriżulta prodott finali;

(k) "Tindif ta' wiċċ ta' oġġett" tfisser kwalunkwe attività ħlief tindif bin-niexef li tuża solventi organiċi biex tneħħi l-kontaminazzjoni mill-wiċċ ta' materjal, inkluż l-isgrassar; attività ta' tindif li tikkonsisti minn iktar minn stadju wieħed qabel jew wara kwalunwke stadju ieħor ta' proċessar hija kkunsidrata bħala attività waħda ta' tindif ta' wiċċ ta' oġġett. L-attività tirreferi għat-tindif tal-wiċċ ta' prodotti u mhux għat-tindif tal-makkinarju ta' proċess;

(l) "Kundizzjonijiet standard" tfisser temperatura ta' 273,15 K u pressjoni ta' 101,3 kPa;

(m) "Kompost organiku" tfisser kwalunkwe kompost li jkollu fih minn tal-anqas l-element karbonju u wieħed jew aktar ta' idroġenu, aloġeni, ossiġenu, kubrit, fosfru, silikon jew nitroġenu, bl-eċċezzjoni ta' ossidi tal-karbonju u karbonati u bikarbonati inorganiċi;

(n) "Kompost organiku volatili" (VOC) tfisser kwalunkwe kompost organiku kif ukoll il-frazzjoni tal-krijożot, li f'293,15 K jkollu pressjoni ta' fwar ta' 0,01 kPa jew aktar, jew li jkollu volatilità korrispondenti skont il-kundizzjonijiet partikolari tal-użu;

(o) "Solvent organiku" tfisser kwalunkwe VOC li jintuża waħdu jew flimkien ma' aġenti oħra, u mingħajr ma' jgħaddi minn tibdil kimiku, biex idewweb materja mhix maħduma, prodotti jew materjali tal-iskart, jew li jintuża bħala aġent tat-tindif biex idewweb il-kontaminanti, jew bħala dewwieb, jew bħala midjum ta' dispersjoni, jew bħala aġġustatur tal-viskożità, jew bħala aġġustatur tat-tensjoni tal-wiċċ tal-oġġett, jew bħala plastiċizzatur, jew bħala preservattiv;

(p) "Gassijiet ta' skart" tfisser l-iskariga gassuża finali li fiha l-VOCs jew sustanzi niġġiesa oħrajn minn stack jew minn apparat ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fl-arja. Ir-rati ta' ċirkolazzjoni volumetrika għandhom ikunu espressi bħala $m^3/h$ taħt kundizzjonijiet standard;

(q) "Estrazzjoni ta' żejt veġetali u xaħam tal-annimali u irfinar taż-żejt veġetali" tfisser l-estrazzjoni ta' żejt veġetali minn żrieragħ u materja veġetali oħra, il-proċess ta' residwi niexfa sabiex jiġi prodott l-għalf tal-annimali, u l-purifikazzjoni tax-xaħmijiet u ż-żjut veġetali miksuba miż-żrieragħ, materja veġetali u/jew materja tal-annimali;

(r) "Refinishing ta' vettura" tfisser kwalunkwe attività ta' kisi industrijali jew kummerċjali u attivitajiet ta' sgrassar assoċjati li jwettqu:

(i) Il-kisi oriġinali tal-vetturi tat-triq, jew parti minnhom, li għandhom materjali tat-tip tar-refinishing, li jitwettaq lil hinn mil-linja oriġinali ta' manifattura, jew il-kisi tal-karrijiet (inkluż is-semikarrijiet);

(ii) Ir-refinishing ta' vettura, definit bħala il-kisi tal-vetturi tat-triq, jew parti minnhom, li jitwettaq bħala parti mit-tiswija tal-vettura, konservazzjoni jew dekorazzjoni barra mill-installazzjonijiet ta' manifattura, mhux kopert minn dan l-Anness. Il-prodotti użati bħala parti minn din l-attività huma kkunsidrati fl-Anness XI;

(s) "Imprenjazzjoni tal-injam" tfisser kwalunkwe attività li tagħti tagħbija ta' preservattiv fl-injam;

(t) "Kisi tal-wajer spirali" tfisser kwalunkwe attività tal-kisi ta' kondutturi metalliċi użati għad-dawran tal-kojls fit-transformers u l-muturi,

(u) "Emissjoni li taħrab" tfisser kwalunkwe emissjoni, mhux f'gassijiet ta' skart, ta' VOCs fl-arja, il-ħamrija u l-ilma kif ukoll, sakemm ma jingħadx mod ieħor, solventi li jkunu jinsabu fi kwalunkwe prodott; din tinkludi emissjonijiet mhux maqbuda ta' VOCs rilaxxati fl-ambjent ta' barra mit-twieqi, bibien, fetħiet u aperturi simili. L-emissjonijiet li jaħarbu jistgħu jiġu kkalkolati abbażi ta' pjan ta' ġestjoni tas-solventi (ara l-Appendiċi I tal-Anness preżenti);

(v) "Emissjoni totali ta' VOCs" tfisser is-somma tal-emissjonijiet li jaħarbu ta' VOCs u l-emissjoni ta' VOCs fil-gassijiet ta' skart;

(w) "Input" tfisser il-kwantità ta' solventi organiċi u l-kwantità tagħhom fil-preparazzjonijiet użati meta jkunu f'xi proċess, inkluż solventi riċiklati ġewwa jew barra l-installazzjoni, u li jingħaddu kull darba li jintużaw biex titwettaq l-attivita;

(x) "Valur limitu tal-emissjonijiet" (ELV) tfisser il-kwantità massima ta' VOC (ħlief il-metan) emessa minn installazzjoni li ma għandhiex tinqabeż matul l-operat normali. Fil-gassijiet ta' skart, huwa espress f'termini ta' massa ta' VOC għal kull volum ta' gassijiet ta' skart (espressi bħala mg $C/m^3$ sakemm mhux speċifikat mod ieħor), billi jassumi kundizzjonijiet standard għat-temperatura u l-pressjoni għall-gass niexef. Volumi ta' gass li jiżdiedu mal-gassijiet ta' skart għall-finijiet ta' tkessieħ u dilwizzoni ma għandhomx ikunu kunsidrati meta tiġi determinata l-konċentrazzjoni tal-massa tas-sustanza niġġiesa fil-gassijiet ta' skart. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-gassijiet ta' skart huma indikati bħala ELVc; il-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-emissjonijiet li jaħarbu huma indikati bħala ELVf;

(y) "Operat normali" tfisser il-ħinijiet kollha tal-operat minbarra l-bidu u t-tmiem tal-operazzjonijiet u l-manteniment tal-apparat;

(z) "Sustanzi perikoluži għas-saħħa umana" huma subdiviżi f'żewġ kategoriji:

(i) VOCs aloġenati li possibbilment iġorru r-riskju ta' effetti irriversibbli; jew

(ii) Sustanzi perikoluži li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni jew li jistgħu jikkawżaw il-kanċer, jistgħu jikkawżaw ħsara ġenetika li tintiret, jistgħu jikkawżaw il-kanċer permezz tal-inalazzjoni, jistgħu jfixklu l-fertilità jew jistgħu jikkawżaw ħsara lill-fetu:

(aa) "Manifattura taż-żraben" tfisser kwalunwke attività tal-produzzjoni ta' żraben kompluti jew parti minnhon;

(bb) "Konsum tas-solvent" ifisser l-input totali ta' solventi organiċi ġewwa installazzjoni kull sena kalendarja, jew kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar ieħor, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe VOC li jiġi rkuprat biex jerġa' jintuża.

4. Ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati:

(a) L-emissjonijiet għandhom jiġu mmonitorjati fil-każijiet kollha permezz ta' kejl jew permezz ta' kalkoli ([1]) li jiksbu mill-inqas l-istess korrettezza. Il-konformità mal-ELVs għandha tiġi verifikata permezz ta' kejl kontinwu jew mhux kontinwu, approvazzjoni tat-tip, jew kwalunkwe metodu ieħor teknikament sod. Għall-emissjonijiet fil-gassijiet ta' skart, fil-każ ta' kejl kontinwu, il-konformità mal-ELVs tinkiseb jekk il-medja validata tal-emissjonijiet ta' kuljum ma taqbiżx l-ELVs. Fil-każ ta' kejl mhux kontinwu jew proċeduri ta' determinazzjoni oħrajn li jixirqu, il-konformità mal-ELVs tinkiseb jekk il-medja tal-kejl kollu jew proċeduri oħrajn f'eżerċizzju wieħed tal-monitoraġġ ma taqbiżx il-valuri limitu. L-iskorettezza tal-metodi ta' kejl jistgħu jiġu kkunsidrati għal fini ta' verifika. L-ELV's li jaħarbu u dawk totali japplikaw bħala medji annwali;

(b) Il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa tal-arja fil-kanali li jġorru l-gass għandhom jitkejlu b'mod rappreżentattiv. Il-monitoraġġ ta' sustanzi niġġiesa rilevanti u l-kejl tal-parametri ta' proċess, kif ukoll l-assigurazzjoni tal-kwalità tas-sistemi awtomizzati u l-kejl ta' referenza biex jikkalibra dawk is-sistemi, għandhom jitwettqu skont l-istandards tas-CEN. Jekk l-istandards tas-CEN mhumiex disponibbli, għandhom japplikaw l-istandards tal-ISO, standards nazzjonali jew internazzjonali li se jiżguraw l-għotja ta' dejta ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

5. L-ELVs li ġejjin japplikaw għall-gassijiet ta' skart li fihom sustanzi li jagħmlu ħsara lis-saħħa umana:

(a) 20 $mg/m^3$ (espressi bħala s-somma massa ta' komposti individwali) għall-iskarigi tal-VOCs aloġenati, li huma assenjati l-frażijiet ta' riskju li ġejjin: "suspettati li jikkawżaw il-kanċer" u/jew "suspettati li jikkawżaw id-difetti ġenetiċi", fejn il-fluss tal-massa tas-somma tal-komposti kkunsidrati huwa ikbar minn jew daqs 100g/h; u

(b) 2 $mg/m^3$ (espressi bħala s-somma massa tal-komposti individwali) għall-iskarigi tal-VOCs, li huma assenjati l-frażijiet ta' riskju li ġejjin: "jistgħu jikkawżaw il-kanċer", "jistgħu jikkawżaw difetti ġenetiċi", "jistgħu jikkawżaw il-kanċer permezz tal-inalazzjoni", "jistgħu jagħmlu ħsara lill-fertilità", "jistgħu jagħmlu ħsara lill-fetu", fejn il-fluss tal-massa tas-somma tal-komposti kkunsidrati huwa ikbar minn jew daqs 10 g/h.

6. Għall-kategoriji tas-sors elenkati fil-paragrafi 9 sa 22 fejn jintwera li għal installazzjoni individwali l-konformità mal-valur limit tal-emissjonijiet li jaħarbu (ELVf) mhix teknikament u ekonomikament fattibbli, Parti tista' teżenta dik l-installazzjoni sakemm ir-riskji sinifikanti għas-saħħa umana jew l-ambjent ma jkunux mistennija u li jintużaw l-aħjar tekniki disponibbli.

7. Il-valuri limitu għall-emissjonijiet ta' VOC għall-kategoriji tas-sors definiti fil-paragrafu 3 għandhom ikunu speċifikati fil-paragrafi 8 sa 22 hawn taħt.

8. Ħażna u distribuzzjoni ta' petrol:

(a) L-installazzjonijiet tal-ħżin tal-petrol fit-terminali, meta jkunu iżjed mill-valuri livell limitu msemmija fit-tabella 1, għandhom ikunu:

(i) Tankijiet tas-saqaf fiss, li huma konnessi ma' unità ta' rkupru tal-fwar li tissodisfa l-ELVs ffissatti fit-tabella 1; jew

(ii) Iddiżinjati b'saqaf li jifflowtja, estern jew intern, mgħammar b'siġilli primarji u sekondarji li jissodisfaw l-effiċjenza tat-tnaqqis prevista fit-tabella 1;

(b) Bħala deroga mir-rekwiżiti msemmija hawn fuq, it-tankijiet tas-saqaf fiss, li kienu joperaw qabel l-1 ta' Jannar 1996 u li ma humiex konnessi ma' unità ta' rkupru tal-fwar, għandhom ikunu mgħammra b'siġill primarju li qed jikseb effiċjenza tat-tnaqqis ta' 90 %.

([1]) Il-metodi tal-kalkolu se jkunu riflessi fil-gwida adottata mill-Korp Eżekuttiv.

*Tabella 1*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' VOC mill-ħażna u d-distribuzzjoni tal-petrol, bl-esklużjoni tat-tagħbija tal-vapuri marittimi (stadju I)**

| *Attività* | *Valur tal-livell limitu* | *ELV jew effiċjenza ta' tnaqqis* |
|---|---|---|
| Tagħbija u ħatt ta' kontenituri mobbli fit-terminali | 5 000 $m^3$ volum ta' petrol annwalment | 10g VOC/$m^3$ inkluż il-metan [a] |
| Installazzjonijiet tal-ħażna fit-terminali | Terminali eżistenti jew park tat-tankijiet b'volum ta' petrol ta' 10 000 MG/sena jew iktar | 95 wt-% [b] |
| | Terminali ġodda (mingħajr livelli limiti ħlief għal terminali li jinsabu fuq gżejjer żgħar remoti li għandhom volum ta' inqas minn 5 000 Mg/sena) | |
| Stazzjonijiet tas-servizz | Volum ta' petrol ta' iktar minn 100 $m^3$/sena | 0,01 wt-% tal-volum [c] |

[a] Il-fwar spostat waqt il-mili tat-tankijiet tal-ħażna tal-petrol għandu jiġi spostat f'tankijiet oħrajn tal-ħażna jew f'apparat ta' tnaqqis li jissodisfa l-valuri limitu fit-tabella ta' hawn fuq.

[b] Effiċjenza tat-tnaqqis espressa bħala % meta mqabbla ma' tank tas-saqaf fiss komparabbli mingħajr kontrolli ta' kontenitment tal-fwar, jiġifieri, b'valv tar-rilaxx tal-vakwu/pressjoni biss.

[c] Fwar spostat permezz tat-twassil ta' petrol f'installazzjonijiet tal-ħażna fi stazzjonijiet tas-servizz u f'tankijiet tas-saqaf fiss użati għall-ħażna intermedja tal-fwar għandu jiddaħħal lura permezz ta' linja ta' konnessjoni li minnha ma jnixxix fwar fil-kontenitur mobbli li jwassal il-petrol. L-operazzjonijiet tat-tagħbija m'għandhomx iseħħu sakemm l-arranġamenti ma jkunux f'posthom u jiffunzjonaw sew. Skont dawn il-kundizzjonijiet, mhux meħtieġ monitoraġġ addizzjonali tal-konformità mal-valur limitu.

*Tabella 2*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet tal-VOC għar-refuelling ta' vettura fl-istazzjon tas-servizz (stadju II)**

| *Valuri tal-livell limitu* | *Effiċjenza minima tal-qabda tal-fwar wt- %* [a] |
|---|---|
| Stazzjon tas-servizz ġdid jekk il-volum attwali jew intenzjonat tiegħu huwa iktar minn 500 $m^3$ annwalment | Daqs jew iktar minn 85 % wt-% b'porzjoni ta' fwar/petrol daqs jew iktar minn 0,95 iżda inqas jew daqs 1,05 (v/v). |
| Stazzjon tas-servizz eżistenti jekk il-volum attwali jew intenzjonat tiegħu huwa iktar minn 3 000 $m^3$ annwalment sa mill-2019 | |
| Stazzjon tas-servizz eżistenti jekk il-volum attwali jew intenzjonat tiegħu huwa iktar minn 500 $m^3$ annwalment u li jesperjenza restawr maġġuri. | |

[a] L-effiċjenza tal-qabda tas-sistemi trid tkun ċertifikata mill-manifattur f'konformità mal-istandards tekniċi rilevanti jew il-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip.

9. Adesiv tal-kisi:

*Tabella 3*

**Valuri limitu għall-adesiv tal-kisi**

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Manifattura taż-żraben (konsum tas-solvent > 5 Mg/sena) | 25 [a] g VOC / par żarbun |

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Adesiv tal-kisi ieħor (konsum tas-solvent 5-15 Mg/sena) | ELVc = 50 mg [b] C/m³<br>ELVf = 25 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 1,2 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Adesiv tal-kisi ieħor (konsum tas-solvent 15-200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg [b] C/m³<br>ELVf = 20 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 1 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Adesiv tal-kisi ieħor (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg [c] C/m³<br>ELVf = 15 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,8 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |

[a] It-total tal-ELVs huwa espress fi grammi ta' solvent emessi għal kull par żarbun komplut prodott.
[b] Jekk jintużaw tekniki li jippermettu l-użu mill-ġdid ta' solvent irkuprat, il-valur limitu għandu jkun 150 mg C/m³.
[c] Jekk jintużaw tekniki li jippermettu l-użu mill-ġdid ta' solvent irkuprat, il-valur limitu għandu jkun 100 mg C/m³.

10. Laminazzjoni tal-injam jew tal-plastik:

*Tabella 4*

**Valuri limitu għal-laminazzjoni tal-injam jew plastik**

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (annwalment)* |
|---|---|
| Laminat tal-injam u l-plastik (konsum tas-solvent > 5 Mg/sena) | ELV totali ta' 30 g VOC/m² tal-prodott finali |

11. Attivitajiet ta' kisi (industrija tal-kisi tal-vetturi):

*Tabella 5*

**Valuri limitu għal attivitajiet ta' kisi fl-industrija tal-vetturi**

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC [a] (annwalment għal ELV totali)* |
|---|---|
| Manifattura tal-vetturi (M1, M2) (konsum tas-solvent > 15 Mg/sena u ≤ 5 000 oġġett miksi annwalment jew > 3 500 xaża mibnija) | 90 g VOC/m² jew 1,5 kg/ body + 70 g/m² |
| Manifattura tal-vetturi (M1, M2) (konsum tas-solvent 15–200 Mg/sena u > 5 000 oġġett miksi annwalment) | *Installazzjonijiet eżistenti*: 60g VOC/m² jew 1,9 kg/body + 41 g/m²<br>*Installazzjonijiet ġodda*: 45 g VOC/m² jew 1,3 kg/body + 33 g/m² |
| Manifattura tal-vetturi (M1, M2) (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena u > 5 000 oġġett miksi annwalment) | 35 g VOC/m² jew 1 kg/body + 26 g/m² [b] |
| Manifattura tal-kabini tat-trakkijiet (N1, N2, N3) (konsum tas-solvent > 15 Mg/sena u ≤ 5 000 oġġett miksi annwalment) | *Installazzjonijiet eżistenti*: 85 g VOC/m²<br>*Installazzjonijiet ġodda*: 65 g VOC/m² |

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC* [a] *(annwalment għal ELV totali)* |
|---|---|
| Manifattura ta' kabini tat-trakkijiet (N1, N2, N3) (konsum tas-solvent 15–200 Mg/sena u > 5 000 oġġett miksi annwalment) | *Installazzjonijiet eżistenti:* 75 g VOC/m² |
| | *Installazzjonijiet ġodda:* 55 g VOC/m² |
| Manifattura ta' kabini tat-trakkijiet (N1, N2, N3) (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena u > 5 000 oġġett miksi annwalment) | 55 g VOC/m² |
| Manifattura ta' trakkijiet u vannijiet (konsum tas-solvent > 15 Mg/sena u ≤ 2 500 oġġett miksi annwalment) | *Installazzjonijiet eżistenti*: 120 g VOC/m² |
| | *Installazzjonijiet ġodda*: 90 g VOC/m² |
| Manifattura ta' trakkijiet u vannijiet (konsum tas-solvent 15–200 Mg/sena u > 2 500 oġġett miksi annwalment) | *Installazzjonijiet eżistenti*: 90 g VOC/m² |
| | *Installazzjonijiet ġodda*: 70 g VOC/m² |
| Manifattura ta' trakkijiet u vannijiet (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena u > 2 500 oġġett miksi annwalment) | 50 g VOC/m² |
| Manifattura tax-xarabanks (konsum tas-solvent > 15 Mg/sena u ≤ 2 000 oġġett miksi annwalment) | *Installazzjonijiet eżistenti*: 290 g VOC/m² |
| | *Installazzjonijiet ġodda*: 210 g VOC/m² |
| Manifattura tax-xarabanks (konsum tas-solvent 15–200 Mg/sena u > 2 000 | *Installazzjonijiet eżistenti*: 225 g VOC/m² |
| | *Installazzjonijiet ġodda*: 150 g VOC/m² |
| Manifattura tax-xarabanks (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena u > 2 000 oġġett miksi annwalment) | 150 g VOC/m² |

[a] It-total tal-valuri limitu huwa espress f'termini ta' massa ta' solvent organiku (g) emess f'rabta mal-erja tal-wiċċ tal-prodott (m²). L-erja tal-wiċċ ta' prodott hija definita bħala l-erja tal-wiċċ tal-prodott ikkalkulata mill-erja totali tal-kisi elettroforetiku u l-erja tal-wiċċ ta' kwalunkwe parti li tista' tiżdied f'fażijiet suċċessivi tal-proċess ta' kisi li tkun miksija bl-istess tip ta' kisi. Il-wiċċ tal-erja tal-kisi elettroforetiku huwa kkalkulat permezz tal-formula: (2 × piż totali tal-qoxra ta' produzzjoni)/(ħxuna medja tal-folja tal-metall × densità tal-folja tal-metall). It-total tal-ELVs definit fit-tabella hawn fuq jirreferi għall-istadji kollha tal-proċess imwettqa fl-istess installazzjoni minn kisi elettroforetiku, jew kwalunkwe tip ta' proċess ta' kisi ieħor, mill-illustrar u l-ippolixjar finali tal-kisi ta' fuq inklussiv, kif ukoll bħala solvent użat fit-tindif tat-tagħmir tal-proċess, inkluż kabini tal-isprejjar u tagħmir fiss ieħor, kemm matul kif ukoll barra l-ħin ta' produzzjoni.

[b] Għal impjanti eżistenti li jiksbu dawn il-livelli jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' effetti ta' cross-media, spejjeż kapitali għoljin u perjodi twal ta' pagament lura. Tnaqqis kbir fl-istadji fl-emissjonijiet tal-VOC jeħtieġu bidliet fit-tip ta' sistema ta' żebgħa u/jew is-sistema ta' applikazzjoni taż-żebgħa u/jew is-sistema ta' tnixxif u din normalment tinvolvi installazzjoni ġdida jew restawr komplut ta' ħanut taż-żebgħa u tirrikjedi investiment kapitali sinifikanti.

12. Attivitajiet ta' kisi (kisi ta' uċuħ ta' oġġetti tal-metall, tessut, drapp, rita, plastik, karta u injam):

*Tabella 6*

**Valuri limitu għal attivitajiet ta' kisi f'diversi setturi industrijali**

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Kisi tal-injam (konsum tas-solvent 15–25 Mg/sena) | ELVc = 100 [a] mg C/m³ |
| | ELVf = 25 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent |
| | *Jew* ELV totali ta' 1,6 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Kisi tal-injam (konsum tas-solvent 25-200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg C/m³ għat-tnixxif u 75 mg C/m³ għall-kisi<br>ELVf = 20 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 1 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Kisi tal-injam (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg C/m³ għat-tnixxif u 75 mg C/m³ għall-kisi<br>ELVf = 15 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>Jew ELV totali ta' 0,75 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Kisi ta' metall u plastik (konsum tas-solvent 5-15 Mg/sena) | ELVc = 100 [a b] mg C/m³<br>ELVf = 25 [b] wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,6 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Kisi ieħor, inkluż tessut, drapp, rita u karta (eskluż serigrafija web għat-tessut, ara stampar) (konsum tas-solvent 5-15 Mg/sena) | ELVc = 100 [a b] mg C/m³<br>ELVf = 25 [b] wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 1,6 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Kisi ta' tessut, drapp, rita u karta (eskluż serigrafija web għat-tessut, ara stampar) (konsum tas-solvent > 15 Mg/sena) | ELVc = 50 mg C/m³ għat-tnixxif u 75 mg C/m³ għall-kisi [b c]<br>ELVf = 20 [b] wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 1 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Kisi ta' biċċiet tax-xogħol tal-plastik (konsum tas-solvent 15-200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg C/m³ għat-tnixxif u 75 mg C/m³ għall-kisi [b]<br>ELVf = 20 [b] wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,375 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Kisi ta' biċċiet tax-xogħol tal-plastik (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg C/m³ għat-tnixxif u 75 mg C/m³ għall-kisi [b]<br>ELVf = 20 [b] wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,35 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Kisi ta' uċuħ ta' oġġetti tal-metall (konsum tas-solvent 15-200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg C/m³ għat-tnixxif u 75 mg C/m³ għall-kisi [b]<br>ELVf = 20 [b] wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,375 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| | Eċċezzjoni għall-kisi li jiġi f'kuntatt mal-ikel:<br>ELV totali ta' 0,5825 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Kisi ta' uċuħ ta' oġġetti tal-metall (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg C/m³ għat-tnixxif u 75 mg C/m³ għall-kisi [b]<br>ELVf = 20 [b] wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,33 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu<br>Eċċezzjoni għall-kisi li jiġi f'kuntatt mal-ikel:<br>ELV totali ta' 0,5825 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |

[a] Il-valur limitu japplika għall-applikazzjoni tal-kisi u għall-proċess tat-tnixxif operat taħt kundizzjonijiet kontenuti.
[b] Jekk ma jkunux possibbli kundizzjonijiet tal-kisi kontenuti (kostruzzjoni tad-dgħajjes, kisi tal-inġenji tal-ajru, eċċ.), l-installazzjonijiet jistgħu jiġu eżentati minn dawn il-valuri. Wara trid tintuża l-iskema ta' tnaqqis, sakemm din l-għażla ma tkunx teknikament u ekonomikament fattibbli. F'dan il-każ, tintuża l-aħjar teknika disponibbli.
[c] Jekk, għall-kisi tat-tessut, jintużaw tekniki li jippermettu l-użu mill-ġdid ta' solventi irkuprati, il-valur limitu għandu jkun 150 mg C/m³ għat-tnixxif u l-kisi flimkien.

13. Attivitajiet ta' kisi (kisi tal-ġilda u l-wajer spirali):

*Tabella 7*

**Valuri limitu tal-kisi tal-ġilda u l-wajer spirali**

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (annwalment għal ELV totali)* |
|---|---|
| Kisi tal-ġilda fit-tagħmir domestiku u oġġetti tal-ġilda partikolari użati bħala oġġetti żgħar tal-konsumatur bħall-basktijiet, ċintorini, kartieri, eċċ. (konsum tas-solvent > 10 mg/kull sena) | ELV totali ta' 150 g/m² |
| Kisi ieħor tal-ġilda (konsum tas-solvent 10-25 Mg/sena) | ELV totali ta' 85 g/m² |
| Kisi ieħor tal-ġilda (konsum tas-solvent > 25 Mg/sena) | ELV totali ta' 75 g/m² |
| Kisi tal-wajer spirali (konsum tas-solvent > 5 Mg/sena) | ELV totali ta' 10 g/kg japplika għal installazzjonijiet fejn il-medja tad-dijametru tal-wajer hija ≤ 0,1 mm<br>ELV totali ta' 5 g/kg japplika għall-installazzjonijiet l-oħrajn kollha |

14. Attivitajiet ta' kisi (kisi ta' kojls):

*Tabella 8*

**Valuri limitu għall-kisi tal-kojl**

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Installazzjoni eżistenti (konsum tas-solvent 25-200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg [a] C/m³<br>ELVf = 10 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,45 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Installazzjoni eżistenti (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg [a] C/m³<br>ELVf = 10 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,45 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Installazzjoni ġdida (konsum tas-solvent 25-200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg C/m³ [a]<br>ELVf = 5 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,3 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Installazzjoni ġdida (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena) | ELVc = 50 mg [a] C/m³<br>ELVf = 5 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,3 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |

[a] Jekk jintużaw tekniki li jippermettu l-użu mill-ġdid ta' solvent irkurpat, il-valur limitu għandu jkun 150 mg C/m³.

15. Tindif fix-xott (dry cleaning):

*Tabella 9*

**Valuri limitu għat-tindif fix-xott**

| *Attività* | *ELV għal VOC [a] [b] (annwalment għal ELV totali)* |
|---|---|
| Installazzjonijiet ġodda u eżistenti | ELV totali ta' 20 g VOC/kg |

[a] Valur limitu għall-emissjonijiet totali tal-VOCs ikkalkulat bħala massa ta' VOC emessa għal kull massa ta' prodott imnaddaf u mnixxef.
[b] Dan il-livell tal-emissjoni jista' jinkiseb permezz tal-użu ta' magni ta' mill-inqas tip IV jew oħrajn iktar effiċjenti.

16. Manifattura ta' kisi, vernič, linek u adesivi:

*Tabella 10*

**Valuri limitu mill-manifattura tal-kisi, vernič, linek u adesivi**

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Installazzjonijiet ġodda u eżistenti b'konsum tas-solvent bejn 100 u 1 000 Mg/sena | ELVc = 150 mg C/m³<br>ELVf [a] = 5 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 5 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent |
| Installazzjonijiet ġodda u eżistenti bil-konsum tas-solvent > 1 000 Mg/sena | ELVc = 150 mg C/m³<br>ELVf [a] = 3 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 3 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent |

[a] Il-valur limitu li jaħrab ma jinkludix solventi li jinbiegħu bħala parti minn preparazzjoni f'kontenitur issiġillat.

17. Attivitajiet ta' stampar (flessografija, web offset issettjat bis-sħana, rotokalk tal-pubblikazzjoni, eċċ.):

*Tabella 11*

**Valuri limitu għal attivitajiet tal-istampar**

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Offset issettjat bis-sħana (konsum tas-solvent 15–25 Mg/sena) | ELVc = 100 mg C/m³<br>ELVf = 30 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent [a] |
| Offset issettjat bis-sħana (konsum tas-solvent 25-200 Mg/sena) | Installazzjonijiet ġodda u eżistenti<br>ELVc = 20 mg C/m³<br>ELVf = 30 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent [a] |
| Offset issettjat bis-sħana (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena) | Għal stampaturi ġodda u aġġornati<br>ELV totali = 10 wt-% jew inqas tal-konsum tal-linka [a] |
| | Għal stampaturi eżistenti<br>ELV totali = 15 wt-% jew inqas tal-konsum tal-linka [a] |
| Kalk tal-pubblikazzjoni (konsum tas-solvent 25-200 Mg/sena) | Għal installazzjonijiet ġodda<br>ELVc = 75 mg C/m³<br>ELVf = 10 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,6 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| | Għal installazzjonijiet eżistenti<br>ELVc = 75 mg C/m³<br>ELVf = 15 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 0,8 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Kalk tal-pubblikazzjoni (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena) | Għal installazzjonijiet ġodda<br>ELV totali = 5 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent |
| | Għal installazzjonijiet eżistenti<br>ELV totali = 7 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent |
| Rotokalk tal-imballaġġ u flessografija (konsum tas-solvent 15-25 Mg/sena) | ELVc = 100 mg C/m³<br>ELVf = 25 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 1,2 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Rotokalk tal-imballaġġ u flessografija (konsum tas-solvent 25–200 Mg/sena) u senigrafija rotarja (konsum tas-solvent > 30 Mg/sena) | ELVc = 100 mg C/m$^3$<br>ELVf = 20 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent<br>*Jew* ELV totali ta' 1,0 kg jew inqas ta' VOC/kg ta' input solidu |
| Rotokalk tal-imballaġġ u flessografija (konsum tas-solvent > 200 Mg/sena) | *Għal impjanti bil-magni kollha konnessi mal-ossidazzjoni:*<br>ELV totali = 0,5 kg VOC/kg ta' input solidu<br>*Għal impjanti bil-magni kollha konnessi mal-assorbiment tal-karbonju:*<br>ELV totali = 0,6 kg VOC/kg ta' input solidu<br>*Għal impjani eżistenti mħaltin fejn xi magni eżistenti jistgħu ma jkunux konnessi ma' inċineratur jew rkupru tas-solvent:*<br>L-emissjonijiet *mill-magni konnessi mal-ossidaturi jew l-assorbiment tal-karbonju* huma taħt il-limiti tal-emissjoni ta' 0,5 jew 0,6 kg VOC/kg tal-input solidu rispettivament.<br>*Għal magni li mhumiex konnessi mat-trattament tal-gass*: użu ta' solvent baxx jew prodotti mingħajr solvent, konnessjoni mat-trattament tal-gass ta' skart fejn ikun hemm kapaċità żejda u preferibbilment jaħdmu bl-operat ta' kontenut għoli tas-solvent fuq magni konnessi ma' trattament tal-gass ta' skart.<br>Emissjonijiet totali inqas minn 1,0 kg VOC/kg ta' input solidu |

[a] Solvent residwu fil-prodott lest mhux se jitqies fil-kalkolu tal-emissjoni li taħrab.

18. Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi:

*Tabella 12*

**Valuri limitu għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi**

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Installazzjonijiet ġodda (konsum tas-solvent > 50 Mg/sena) | ELVc = 20 mg C/m$^3$ [a] [b]<br>ELVf = 5 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent [b] |
| Installazzjonijiet eżistenti (konsum tas-solvent > 50 Mg/sena) | ELVc = 20 mg C/m$^3$ [a] [c]<br>ELVf = 15 wt-% jew inqas tal-input tas-solvent [c] |

[a] Jekk jintużaw tekniki li jippermettu l-użu mill-ġdid ta' solventi irkuprati, il-valur limitu għandu jkun 150 mg C/m$^3$.
[b] Valur limitu totali ta' 5 % tal-input tas-solvent jista' jiġi applikat minflok l-applikazzjoni ta' ELVc u ELVf.
[c] Valur limitu totali ta' 15 % tal-input tas-solvent jista' jiġi applikat minflok l-applikazzjoni ta' ELVc u l-ELVf.

19. Konverżjoni ta' gomma naturali jew sintetika:

*Tabella 13*

**Valuri limitu għall-konverżjoni tal-gomma naturali jew sintetika**

| *Attività u livell limitu* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* |
|---|---|
| Installazzjonijiet ġodda u eżistenti: konverżjoni ta' gomma naturali jew sintetika (konsum tas-solvent > 15 Mg/sena) | ELVc = 20 mg C/m³ [a]<br>ELVf = 25 wt-% ta' input tas-solvent [b]<br>*Jew* ELV totali = 25 wt-% ta' input tas-solvent |

[a] Jekk jintużaw tekniki li jippermettu l-użu mill-ġdid ta' solvent irkuprat, il-valur limitu għandu jkun ta' 150 mg C/m³.
[b] Il-limitu li jaħrab ma jinkludix solventi mibjugħa bħala parti minn preparazzjoni ta' kontenitur issiġillat.

20. Tindif ta' wiċċ ta' oġġett:

*Tabella 14*

**Valuri limitu għal tindif ta' wiċċ ta' oġġett**

| *Attività u livell limitu* | *Valur tal-livell limitu għall-konsum tas-solvent (Mg/sena)* | *ELV għal VOC (kuljum għal ELVc u annwalment għal ELVf u ELV totali)* | |
|---|---|---|---|
| Tindif tal-wiċċ ta' oġġet bl-użu ta' sustanzi msemmija fil-paragrafu 3 (z) (i) ta' dan l-Anness | 1–5 | ELVc = 20 mg espressi bħala s-somma massa tal-komposti individwali/m³ | ELVf = 15 wt-% ta' input tas-solvent |
| | > 5 | ELVc = 20 mg espressi bħala s-somma massa tal-komposti individwali/m³ | ELVf = 10 wt-% ta' input tas-solvent |
| Tindif tal-wiċċ ta' oġġett ieħor | 2–10 | ELVc = 75 mg C/m³ [a] | ELVf = 20 wt-% [a] ta' input tas-solvent |
| | > 10 | ELVc = 75 mg C/m³ [a] | ELVf = 15 wt-% [a] ta' input tas-solvent |

[a] L-installazzjonijiet li għalihom il-kontenut medju tas-solvent organiku tal-materjal tat-tindif kollu użat ma jaqbiżx it-30 wt-% huma eżentati mill-applikazzjoni ta' dawn il-valuri.

3. Għall-fini ta' din it-taqsima, "valur limitu tal-emissjoni" (ELV) tfisser il-kwantità ta' trab u/jew TSP li jinsab fil-gassijiet ta' skart minn installazzjoni li ma tistax tinqabeż. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandu jiġi kkalkulat f'termini ta' massa ta' sustanza niġġiesa għal kull volum ta' gassijiet ta' skart (expressi bħala $mg/m^3$), billi jassumi kundizzjonijiet standard għat-temperatura u l-pressjoni għall-gass niexef (volum f'273,15 K, 101,3 kPa). Fir-rigward tal-kontenut tal-ossiġenu tal-gass ta' skart, għandhom japplikaw il-valuri mogħtija fit-tabelli hawn taħt għal kull kategorija tas-sors. Mhix permessa d-dilwizzjoni sabiex jonqsu l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fil-gassijiet ta' skart. Il-bidu u t-tmiem tal-operat u l-manteniment tal-apparat huma esklużi.

4. L-emissjonijiet għandhom jiġu mmonitorjati fil-każijiet kollha permezz ta' kejl jew kalkoli li jiksbu mill-inqas l-istess korrettezza. Il-konformità mal-valuri limitu għandha tiġi vverifikata permezz ta' kejl kontinwu jew mhux kontinwu, l-approvazzjoni tat-tip, jew kwalunkwe metodu stabbli tekniku ieħor inkluż metodi ta' kalkolu verifikati. Fil-każ ta' kejl kontinwu, il-konformità mal-valur limitu tinkiseb jekk il-medja validata tal-emissjonijiet ta' kull xahar ma taqbiżx l-ELV. F'każ ta' kejl mhux kontinwu jew determinazzjoni li tixraq oħra jew metodi ta' kalkolu, il-konformità mal-ELVs tinkiseb jekk il-valur medju bbażat fuq għadd xieraq ta' kejl taħt kundizzjonijiet rappreżentattivi ma jaqbiżx il-valur tal-istandard tal-emissjoni. L-iskorettezza tal-metodi ta' kejl tista' tiġi kkunsidrata għal fini ta' verifika.

5. Il-monitoraġġ ta' sustanzi niġġiesa rilevanti u l-kejl tal-parametri ta' proċess, kif ukoll l-assigurazzjoni tal-kwalità tas-sistemi ta' kejl awtomizzati u l-kejl ta' referenza għall-kalibrazzjoni ta' dawk is-sistemi, għandhom jitwettqu skont l-istandards tas-CEN. Jekk l-istandards tas-CEN mhumiex disponibbli, għandhom japplikaw l-istandards tal-ISO, l-istandards nazzjonali jew internazzjonali li se jiżguraw il-forniment ta' dejta ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

6. Dispożizzjonijiet speċjali għall-impjanti ta' kombustjoni msemmija fil-paragrafu 7:

(a) Parti tista' tidderoga mill-obbligu li tkun konformi mal-ELVs previsti fil-paragrafu 7 fil-każijiet li ġejjin:

(i) Għall-impjanti tal-kombustjoni li normalment jużaw fjuwil gassuż li b'mod eċċezzjonali jridu jużaw fjuwils oħrajn minħabba interruzzjoni f'daqqa fil-provvista tal-gass u għal din ir-raġuni jkunu jeħtieġa li jkunu mgħammra b'faċilità tal-purifikazzjoni tal-gass ta' skart;

(ii) Għal impjanti tal-kombustjoni eżistenti li ma joperawx iktar minn 17 500 siegħa ta' operat, li jibdew mill-1 ta' Jannar 2016 u jispiċċaw mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023.

(b) Fejn impjant tal-kombustjoni jiġi estiż b'mill-inqas 50 MWth, l-ELV speċifikat fil-paragrafu 7 għal installazzjonijiet ġodda għandu japplika għall-parti estiża affettwata mill-bidla. L-ELV huwa kkalkulat bħala medja ppeżata permezz tal-input termali attwali kemm għall-parti eżistenti tal-impjant kif ukoll dik ġdida;

(c) Il-Partijiet għandhom jiżguraw li jsiru dispożizzjonijiet għal proċeduri marbuta mal-funzjonament ħażin jew il-ħsara fl-apparat tat-taffija;

(d) Fil-każ ta' impjant tal-kompustjoni li juża fjuwils differenti li jinvolvu l-użu simultaneju ta' żewġ fjuwils jew iktar, l-ELV għandu jiġi determinat bħala l-medja ppeżata tal-ELVs għall-fjuwils individwali, abbażi tal-input termali mwassal minn kull fjuwil.

7. Impjanti ta' kombustjoni b'input termali rratat li jaqbeż il-50 MWth: [1]

*Tabella 1*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' trab mill-impjanti ta' kombustjoni** [a]

| *Tip ta' fjuwil* | *Input termali (MWth)* | *ELV għat-trab (mg/m³)* [b] |
|---|---|---|
| Fjuwils solidi | 50–100 | Impjanti ġodda: |
| | | 20 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn) |
| | | 20 (bijomassa, pit) |
| | | Impjanti eżistenti: |
| | | 30 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn) |
| | | 30 (bijomassa, pit) |
| | 100–300 | Impjanti ġodda: |
| | | 20 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn) |
| | | 20 (bijomassa, pit) |
| | | Impjanti eżistenti: |
| | | 25 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn) |
| | | 20 (bijomassa, pit) |
| | > 300 | Impjanti ġodda: |
| | | 10 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn) |
| | | 20 (bijomassa, pit) |
| | | Impjanti eżistenti: |
| | | 20 (faħam, linjite u fjuwils solidi oħrajn) |
| | | 20 (bijomassa, pit) |
| Fjuwils likwidi | 50–100 | Impjanti ġodda: |
| | | 20 |
| | | Impjanti eżistenti: |
| | | 30 (inġenerali) |
| | | 50 (għat-tqabbid ta' distillazzjoni u residwi tal-konverżjoni fi ħdan raffineriji mir-raffinament taż-żejt mhux maħdum għall-konsum tagħhom stess fl-impjanti tal-kombustjoni) |
| Fjuwils likwidi | 100–300 | Impjanti ġodda: |
| | | 20 |
| | | Impjanti eżistenti: |
| | | 25 (inġenerali) |
| | | 50 (għat-tqabbid ta' distillazzjoni u residwi tal-konverżjoni fi ħdan raffineriji mir-raffinament taż-żejt mhux maħdum għall-konsum tagħhom stess fl-impjanti tal-kombustjoni) |

[1] L-input termali nominali tal-impjant tal-kombustjoni jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-inputs tal-unitajiet kollha konnessi ma' stack komuni. L-unitajiet individwali inqas minn 15 MWth ma għandhomx jiġu kkunsidrati meta jiġi kkalkulat it-total tal-input termali nominali.

| *Tip ta' fjuwil* | *Input termali (MWth)* | *ELV għat-trab (mg/m³)* [b] |
|---|---|---|
| | > 300 | Impjanti ġodda:<br>10<br><br>Impjanti eżistenti:<br>20 (inġenerali)<br>50 (għat-tqabbid ta' distillazzjoni u residwi tal-konverżjoni fi ħdan raffineriji mir-raffinament taż-żejt mhux maħdum għall-konsum tagħhom stess fl-impjanti tal-kombustjoni) |
| Gass naturali | > 50 | 5 |
| Gassijiet oħra | > 50 | 10<br>30 (għal gassijiet prodotti mill-industrija tal-azzar li jistgħu jintużaw x'imkien ieħor) |

[a] B'mod partikolari, l-ELVs ma għandhomx japplikaw għal:
— Impjanti fejn il-prodotti tal-kombustjoni jintużaw biex isaħħnu direttament, inixxfu, jew kwalunkwe trattament ieħor ta' oġġetti jew materjali;
— Impjanti ta' post-kombustjoni ddiżinjati biex jippurifikaw il-gassijiet ta' skart permezz tal-kombustjoni li mhumiex operati bħala impjanti tal-kombustjoni indipendenti;
— Faċilitajiet għar-riġenerazzjoni ta' katalisti tal-ikkrekkjar katalitiku;
— Faċilitajiet għall-konverżjoni tas-sulfur tal-idroġenu f'kubrit;
— Reatturi użati fl-industrija tal-kimika;
— Fran tal-batterija tal-kok;
— Cowpers;
— Bojlers ta' rkupru fl-installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-polpa;
— Inċineraturi tal-iskart; u
— Impjanti li jaħdmu bil-magni tad-diżil, petrol jew gass jew bit-turbini tal-gass, irrispettivament mill-fjuwil użat.

[b] Il-kontentut ta' referenza tal-$O_2$ huwa ta' 6 % għall-fjuwils solidi u 3 % għall-fjuwils likwidi u gassużi.

8. Raffineriji taż-żejt minerali u l-gass:

*Tabella 2*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet tat-trab rilaxxati mir-raffineriji taż-żejt minerali u l-gass**

| *Sors ta' emissjoni* | *ELV għat-trab (mg/m³)* |
|---|---|
| Riġeneraturi FCC | 50 |

9. Produzzjoni tal-gagazza:

*Tabella 3*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet tat-trab rilaxxati mill-produzzjoni tas-siment** [a]

| | *ELV għat-trab (mg/m³)* |
|---|---|
| Installazzjonijiet tas-siment, kalkari, imtieħen u ta' tkessiħ tal-gagazza | 20 |

[a] Installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-gagazza fil-kalkari rotarji b'kapaċità ta' > 500 Mg/kuljum jew fi fran oħrajn b'kapaċità ta' > 50 Mg/kuljum. Il-kontenut ta' referenza tal-ossiġenu huwa 10 %.

10. Produzzjoni tal-ġir:

*Tabella 4*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet tat-trab rilaxxati mill-produzzjoni tal-ġir** [a]

| | *ELV għat-trab (mg/m³)* |
|---|---|
| Tqabbid tal-kalkara tal-ġir | 20 [b] |

[a] Installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-ġir b'kapaċità ta' 50Mg/kuljum jew iktar. Dan jinkludi l-kalkari tal-ġir integrati fi proċessi industrijali oħra, bl-eċċezzjoni tal-industrija tal-polpa (ara t-Tabella 9). Il-kontenut ta' referenza tal-ossiġenu huwa 11 %.

[b] Fejn ir-reżistività tat-trab hija għolja, l-ELV jista' jkun ogħla, sa 30 mg/m³.

11. Produzzjoni u proċessar tal-metalli:

*Tabella 5*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' trab rilaxxati mill-produzzjoni primarja tal-ħadid u l-azzar**

| *Livell limitu tal-attività u l-kapaċità* | *ELV għat-trab (mg/m³)* |
|---|---|
| Impjanti tas-sinter | 50 |
| Impjanti ta' pelitizzazzjoni | 20 għat-tkissir, tifrik u tnixxif |
| | 15 għall-istadji l-oħrajn kollha tal-proċess |
| Forn tal-blast: Hot stoves (> 2,5 t/siegħa) | 10 |
| Xogħol bażiku tal-azzar u kkastjar bl-ossiġenu (> 2,5 t/siegħa) | 30 |
| Manifattura elettrika tal-azzar u kkastjar (> 2,5 t/siegħa) | 15 (eżistenti) |
| | 5 (ġodda) |

*Tabella 6*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet tat-trab mill-funderiji tal-ħadid**

| *Livell limitu tal-attività u l-kapaċità* | *ELV għat-trab (mg/m³)* |
|---|---|
| Funderiji tal-ħadid (> 20 t/jum): | 20 |
| — il-fran kollha (cupola, tal-induzzjoni, rotarji) | |
| — il-forom kollha (mitlufa, permanenti) | |
| Rolling shun jew kiesaħ | 20 |
| | 50 fejn filtru tal-basket ma jistax jiġi applikat minħabba l-preżenza ta' dħaħen imxarbin |

*Tabella 7*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet ta' trab rilaxxati mill-produzzjoni u l-ipproċessar ta' metalli mhux ferruż**

| | *ELV għat-trab (mg/m³) (kuljum)* |
|---|---|
| Ipproċessar ta' metalli mhux ferruż | 20 |

12. Produzzjoni tal-ħġieġ:

*Tabella 8*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet tat-trab rilaxxati mill-produzzjoni tal-ħġieġ** [a]

| | *ELV għat-trab (mg/m³)* |
|---|---|
| Installazzjonijiet ġodda | 20 |
| Installazzjonijiet eżistenti | 30 |

[a] Installazzzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħġieġ jew fibri tal-ħġieġ b'kapaċità ta' 20 Mg/kuljum jew iktar. Konċentrazzjonijiet tirreferi għall-gassijiet ta' skart nixfin f'8 % ossiġenu skont il-volum (tidwib kontinwu), 13 % ossiġenu skont il-volum (tidwib mhux kontinwu).

13. Produzzjoni tal-polpa:

*Tabella 9*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet tat-trab rilaxxati mill-produzzjoni tal-polpa**

| | *ELV għat-trab (mg/m³) (medja annwali)* |
|---|---|
| Bojler awżiljaru | 40 meta jitqabbdu fjuwils likwidi (f'kontenut tal-ossiġenu ta' 3 %)<br>30 meta jitqabbdu fjuwils solidi (f'kontenut tal-ossiġenui ta' 6 %) |
| Bojler ta' rkupru u kalkara tal-ġir | 50 |

14. Inċinerazzjoni tal-iskart:

*Tabella 10*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet tat-trab mill-inċinerazzjoni tal-iskart**

| | *ELV għat-trab (mg/m³)* |
|---|---|
| Impjanti ta' inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali (> 3 Mg/siegħa) | 10 |
| Inċinerazzjoni tal-iskart perikoluż u mediku (> 1 Mg/siegħa) | 10 |

*Nota*: Referenza tal-ossiġenu: bażi niexfa, 11 %.

15. Produzzjoni tad-dijossidu tat-titanju:

*Tabella 11*

**Valuri limitu għall-emissjonijiet tat-trab rilaxxati mill-produzzjoni tad-dijossidu tat-titanju**

| | *ELV għat-trab (mg/m³)* |
|---|---|
| Proċess tas-sulfat, emissjoni totali | 50 |
| Proċess tal-klorur, emissjoni totali | 50 |

*Nota*: Għal sorsi minuri tal-emissjonijiet f'installazzjoni, jista' jiġi applikat ELV ta' 150 mg/m³.

16. Installazzjonijiet tal-kombustjoni b'input termali rratat ta' < 50 MWth:

Dan il-paragrafu huwa ta' karattru rakkomandat u jiddeskrivi l-miżuri li jistgħu jittieħdu sa fejn Parti tikkusidrahom li huma teknikament u ekonomikament fattibbli għall-kontroll ta' materja partikulata:

(a) Installazzjonijiet tal-kombustjoni residenzjali b'input termali rratat ta' < 500 kWth:

(i) L-emissjonijiet minn stoves u bojlers tal-kombustjoni residenzjali ġodda b' input termali rratat ta' < 500 kWth jistgħu jitnaqqsu permezz tal-applikazzjoni ta':

(aa) Standards tal-prodotti kif deskritt fl-istandards tas-CEN (eż. EN 303-5) u standards tal-prodott ekwivalenti fl-Istati Uniti u l-Kanada. Pajjiżi li japplikaw standards tal-prodott bħal dawn jistgħu jiddefinixxu rekwiżiti nazzjonali addizzjonali filwaqt li jikkunsidraw, b'mod partikolari, il-kontribut tal-emissjonijiet ta' komposti organiċi kondensabbli għall-formazzjoni ta' PM ambjentali; jew

(bb) Ekotikketti li jispeċifikaw il-kriterji tal-prestazzjoni li huma tipikament iktar stretti mir-rekwiżiti tal-effiċjenza minimi tal-istandards tal-prodott EN jew ir-regolamenti nazzjonali.

*Tabella 12*

**Valuri limitu rakkomandati għall-emissjonijiet tat-trab rilaxxati minn installazzjonijiet tal-kombustjoni tal-fjuwil solidu ġodda b'input termali rratat ta' < 500 kWth li għandhom jintużaw mal-istandards tal-prodott**

| | *Trab (mg/m³)* |
|---|---|
| Fuklari miftuħa/magħluqa u stoves li jużaw l-injam | 75 |
| Bojlers li jaħdmu biz-zkuk tal-injam (b'tank tal-ħażna tas-sħana) | 40 |
| Stoves u bojlers tal-gerbub | 50 |
| Stoves u bojlers li jużaw fjuwils solidi oħrajn minbarra l-injam | 50 |
| Installazzjonijiet tal-kombustjoni awtomatika | 50 |

*Nota:* Kontenut ta' referenza ta' $O_2$: 13 %.

(ii) L-emissjonijiet minn stoves u bojlers tal-kombustjoni residenzjali eżistenti jistgħu jitnaqqsu permezz tal-miżuri primarji li ġejjin:

(aa) informazzjoni pubblika u programmi ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward ta':

— L-operat kif suppost tal-istoves u l-bojlers;

— L-użu ta' injam mhux trattat biss;

— Il-mod korrett ta' kif jitnixxef l-injam għall-kontenut ta' indewwa.

(bb) stabbiliment ta' programm għal promozzjoni tat-tibdil tal-bojlers u l-istoves l-iktar qodma eżistenti b'apparat modern; jew

(cc) stabbiliment ta' obbligu li jibdlu jew jaġġornaw l-apparat qadim.

(b) Installazzjonijiet tal-kombustjoni mhux residenzjali b'input termali rratat ta' 100 kWth–1 MWth:

*Tabella 13*

**Valuri limitu rakkomandati għall-emissjonijiet tat-trab rilaxxati mill-bojlers u l-ħiters tal-proċess b'input termali rratat ta' 100 kWth–1 MWth.**

| | | *Trab (mg/m³)* |
|---|---|---|
| Fjuwils solidi 100–500 kWth | Installazzjonijiet ġodda | 50 |
| | Installazzjonijiet eżistenti | 150 |

| | | *Trab (mg/m³)* |
|---|---|---|
| Fjuwils solidi 500 kWth–1 MWth | Installazzjonijiet ġodda | 50 |
| | Installazzjonijiet eżistenti | 150 |

*Nota:* Kontenut ta' referenza ta' $O_2$: injam, bijomassa solida oħra u pit: 13 % faħam, linjite u fjuwils fossili solidi oħrajn: 6 %.

(c) Installazzjonijiet ta' kombustjoni b'input termali rratat ta' > 1–50 MWth:

*Tabella 14*

**Valuri limitu rakkomandati għall-emissjonijiet tat-trab rilaxxati mill-bojlers u l-ħiters tal-proċess b'input termali rratat ta' 1 MWth–50 MWth**

| | | *Trab (mg/m³)* |
|---|---|---|
| Fjuwils solidi > 1–5 MWth | Installazzjonijiet ġodda | 20 |
| | Installazzjonijiet eżistenti | 50 |
| Fjuwils solidi > 5-50 MWth | Installazzjonijiet ġodda | 20 |
| | Installazzjonijiet eżistenti | 30 |
| Fjuwils likwidi > 1–5 MWth | Installazzjonijiet ġodda | 20 |
| | Installazzjonijiet eżistenti | 50 |
| Fjuwils likwidi > 5-50 MWth | Installazzjonijiet ġodda | 20 |
| | Installazzjonijiet eżistenti | 30 |

*Nota:* Kontenut ta' referenza ta' $O_2$: Injam, bijomassa solida oħra u pit: 11 % Faħam, linjite u fjuwils fossili solidi oħrajn: 6 % Fjuwils likwidi, inkluż bijofjwuils likwidi: 3 %.

B. **Il-Kanada**

17. Il-valuri limitu għall-kontroll tal-emissjonijiet ta' PM se jkunu determinati għal sorsi stazzjonarji, kif jixraq, b'konsiderazzjoni tal-informazzjoni dwar it-teknoloġiji ta' kontroll disponibbli, il-valuri limitu applikati f'ġurisdizzjonijiet oħrajn, u d-dokumenti elenkati fis-subparagrafi (a) sa (h) hawn taħt: Il-valuri limitu jistgħu jiġu espressi f'termini ta' PM jew TPM. TPM f'dan il-kuntest tfisser kwalunkwe PM b'dijametru ajrudinamiku ta' inqas minn 100 μm:

(a) Secondary Lead Smelter Release Regulations, SOR/91-155;

(b) Environmental Code of Practice for Base Metals Smelters and Refineries;

(c) New Source Emission Guidelines for Thermal Electricity Generation;

(d) Environmental Code of Practice for Integrated Steel Mills (EPS 1/MM/7);

(e) Environmental Code of Practice for Non-Integrated Steel Mills (EPS 1/MM/8);

(f) Emission Guidelines for Cement Kilns. PN 1284;

(g) Joint Initial Actions to Reduce Pollutant Emissions that Contribute to Particulate Matter and Ground-level Ozone; u

(h) Performance testing of solid-fuel-burning heating appliances, Canadian Standards Association, B415. 1-10.

C. **L-Istati Uniti tal-Amerka**

18. Il-valuri limitu għall-kontroll tal-emissjonijiet ta' PM minn sorsi stazzjonarji fil-kategoriji tas-sorsi stazzjonarji li ġejjin, u s-sorsi li għalihom japplikaw, huma speċifikati fid-dokumenti li ġejjin:

(a) Steel Plants: Electric Arc Furnaces — 40 C.F.R. Part 60, Subpart AA and Subpart AAa;

(b) Small Municipal Waste Combustors — 40 C.F.R. Part 60, Subpart AAAA;

(c) Kraft Pulp Mills — 40 C.F.R. Part 60, Subpart BB;

(d) Glass Manufacturing — 40 C.F.R. Part 60, Subpart CC;

(e) Electric Utility Steam Generating Units — 40 C.F.R. Part 60, Subpart D and Subpart Da;

(f) Industrial-Commercial-Institutional Steam Generating Units — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Db and Subpart Dc;

(g) Grain Elevators — 40 C.F.R. Part 60, Subpart DD;

(h) Municipal Waste Incinerators — 40 C.F.R. Part 60, Subpart E, Subpart Ea and Subpart Eb;

(i) Hospital/Medical/Infectious Waste Incinerators — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Ec;

(j) Portland Cement — 40 C.F.R. Part 60, Subpart F;

(k) Lime Manufacturing — 40 C.F.R. Part 60, Subpart HH;

(l) Hot Mix Asphalt Facilities — 40 C.F.R. Part 60, Subpart I;

(m) Stationary Internal Combustion Engines: Compression Ignition — 40 C.F.R. Part 60, Subpart IIII;

(n) Petroleum Refineries — 40 C.F.R. Part 60, Subpart J and Subpart Ja;

(o) Secondary Lead Smelters — 40 C.F.R. Part 60, Subpart L;

(p) Metallic Minerals Processing — 40 C.F.R. Part 60, Subpart LL;

(q) Secondary Brass and Bronze — 40 C.F.R. Part 60, Subpart M;

(r) Basic Oxygen Process Furnaces — 40 C.F.R. Part 60, Subpart N;

(s) Basic Process Steelmaking Facilities — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Na;

(t) Phosphate Rock Processing — 40 C.F.R. Part 60, Subpart NN;

(u) Sewage Treatment Plant Incineration — 40 C.F.R. Part 60, Subpart O;

(v) Nonmetallic Minerals Processing Plants — 40 C.F.R. Part 60, Subpart OOO;

(w) Primary Copper Smelters — 40 C.F.R. Part 60, Subpart P;

(x) Ammonium Sulfate Manufacturing — 40 C.F.R. Part 60, Subpart PP;

(y) Wool Fiberglass Insulation — 40 C.F.R. Part 60, Subpart PPP;

(z) Primary Zinc Smelters — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Q;

(aa) Primary Lead Smelters — 40 C.F.R. Part 60, Subpart R;

(bb) Primary Aluminum reduction plants — 40 C.F.R. Part 60, Subpart S;

(cc) Phosphate Fertilizer Production — 40 C.F.R. Part 60, Subparts T, U, V, W, X;

(dd) Asphalt Processing and Asphalt Roofing Manufacturing — 40 C.F.R. Part 60, Subpart UU;

(ee) Calciners and Dryers in Mineral Industries — 40 C.F.R. Part 60, Subpart UUU;

(ff) Coal Preparation Plants — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Y;

(gg) Ferroalloy Production Facilities — 40 C.F.R. Part 60, Subpart Z;

(hh) Residential Wood Heaters — 40 C.F.R. Part 60, Subpart AAA;

(ii) Small Municipal Waste Combustors (after 11/30/1999) — 40 C.F.R. Part 60, Subpart AAAA;

(jj) Small Municipal Waste Combustors (before 11/30/1999) — 40 C.F.R. Part 60, Subpart BBBB;

(kk) Other Solid Waste Incineration Units (after 12/9/2004) — 40 C.F.R. Part 60, Subpart EEEE;

(ll) Other Solid Waste Incineration Units (before 12/9/2004) — 40 C.F.R. Part 60, Subpart FFFF;

(mm) Stationary Compression Ignition Internal Combustion Engines — 40 C.F.R. Part 60, Subpart IIII; u

(nn) Lead Acid BatteryManufacturing Plants — 40 C.F.R. Part 60, Subpart KK.

19. Il-valuri limitu għall-kontroll tal-emissjonijiet ta' PM minn sorsi suġġetti għall-Istandards Nazzjonali tal-Emissjoni għal Sustanzi Niġġiesa tal-Arja Perikoluż:

(a) Coke oven batteries — 40 C.F.R. Part 63, Subpart L;

(b) Chrome Electroplating (major and Area sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart N;

(c) Secondary lead smelters — 40 C.F.R. Part 63, Subpart X;

(d) Phosphoric Acid Manufacturing Plants — 40 C.F.R. Part 63, Subpart AA;

(e) Phosphate Fertilizers Production Plants — 40 C.F.R. Part 63, Subpart BB;

(f) Magnetic Tape Manufacturing — 40 C.F.R. Part 63, Subpart EE;

(g) Primary Aluminum— 40 C.F.R. Part 63, Subpart L;

(h) Pulp and paper II (combustion) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart MM;

(i) Mineral wool manufacturing — 40 C.F.R. Part 63, Subpart DDD;

(j) Hazardous waste combustors — 40 C.F.R. Part 63, Subpart EEE;

(k) Portland cement manufacturing — 40 C.F.R. Part 63, Subpart LLL;

(l) Wool fiberglass manufacturing — 40 C.F.R. Part 63, Subpart NNN;

(m) Primary copper — 40 C.F.R. Part 63, Subpart QQQ;

(n) Secondary aluminum — 40 C.F.R. Part 63, Subpart RRR;

(o) Primary lead smelting — 40 C.F.R. Part 63, Subpart TTT;

(p) Petroleum refineries — 40 C.F.R. Part 63, Subpart UUU;

(q) Ferroalloys production — 40 C.F.R. Part 63, Subpart XXX;

(r) Lime manufacturing — 40 C.F.R. Part 63, Subpart AAAAA;

(s) Coke Ovens: Pushing, Quenching, and Battery Stacks — 40 C.F.R. Part 63, Subpart CCCCC;

(t) Iron and steel foundries — 40 C.F.R. Part 63, Subpart EEEEE;

(u) Integrated iron and steel manufacturing — 40 C.F.R. Part 63, Subpart FFFFF;

(v) Site remediation — 40 C.F.R. Part 63, Subpart GGGGG;

(w) Miscellaneous coating manufacturing — 40 C.F.R. Part 63, Subpart HHHHH;

(x) Asphalt Processing and Roofing Manufacturing — 40 C.F.R. Part 63, Subpart LLLLL;

(y) Taconite Iron Ore Processing — 40 C.F.R. Part 63, Subpart RRRRR;

(z) Refractory products manufacturing — 40 C.F.R. Part 63, Subpart SSSSS;

(aa) Primary magnesium refining — 40 C.F.R. Part 63, Subpart TTTTT;

(bb) Electric Arc Furnace Steelmaking Facilities — 40 C.F.R. Part 63, Subpart YYYYY;

(cc) Iron and steel foundries — 40 C.F.R. Part 63, Subpart ZZZZZ;

(dd) Primary Copper Smelting Area Sources — 40 C.F.R. Part 63, Subpart EEEEEE;

(ee) Secondary Copper Smelting Area Sources — 40 C.F.R. Part 63, Subpart FFFFFF;

(ff) Primary Nonferrous Metals Area Sources: Zinc, Cadmium, and Beryllium — 40 C.F.R. Part 63, Subpart GGGGGG;

(gg) Lead Acid Battery Manufacturing (Area sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart PPPPPP;

(hh) Glass manufacturing (area sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart SSSSSS;

(ii) Secondary Nonferrous Metal Smelter (Area Sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart TTTTTT;

(jj) Chemical Manufacturing (Area Sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart VVVVVV;

(kk) Plating and Polishing Operations (Area sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart WWWWWW;

(ll) Area Source Standards for Nine Metal Fabrication and Finishing Source Categories — 40 C.F.R. Part 63, Subpart XXXXXX;

(mm) Ferroalloys Production (Area Sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart YYYYYY;

(nn) Aluminum, Copper, and Nonferrous Foundries (Area Sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart ZZZZZZ;

(oo) Asphalt Processing and Roofing Manufacturing (Area Sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart AAAAAAA;

(pp) Chemical Preparation (Area Sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart BBBBBBB;

(qq) Paints and Allied Products Manufacturing (Area Sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart CCCCCCC;

(rr) Prepared animal feeds manufacturing (Area Sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart DDDDDDD; u

(ss) Gold Mine Ore Processing and Production (Area Sources) — 40 C.F.R. Part 63, Subpart EEEEEEE."

X. **Anness XI**

Jiżdied l-Anness XI ġdid kif ġej:

"*ANNESS XI*

**Valuri limitu għall-kontenut ta' prodotti ta' komposti organiċi volatili**

1. It-taqsima A tapplika għall-Partijiet apparti l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka, it-taqsima B tapplika għall-Kanada u t-taqsima C tapplika għall-Istati Uniti tal-Amerka.

A. **Partijiet oħra apparti l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka**

2. Din it-taqsima tikkonċerna l-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili (VOCs) minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċertu żebgħa u vernić u prodotti ta' refinishing tal-vetturi.

3. Għall-iskop tat-taqsima A tal-Anness preżenti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

(a) "Sustanzi" tfisser kwalunkwe element kimiku u l-komposti tiegħu, kif jinsabu fl-istat naturali jew kif inhuma prodotti mill-industrija, sew fil-forma solida jew likwida jew gassuża;

(b) "Taħlita" tfisser taħlit jew soluzzjonijiet magħmula minn żewġ sustanzi jew aktar;

(c) "Kompost organiku" tfisser kwalunkwe kompost li fih mill-anqas l-element karbonju u wieħed jew aktar tal-idroġenu, ossiġenu, kubrit, fosfru, silikon, nitroġenu jew aloġenu, bl-eċċezzjoni ta' ossidi tal-karbonju u karbonati inorganiċi u bikarbonati;

(d) "Kompost organiku volatili (VOC)" tfisser kwalunkwe kompost organiku li għandu temperatura inizjali ta' tgħolija ta' inqas minn jew daqs 250 °C imkejla fi pressjoni standard ta' 101,3 kPa;

(e) "Kontenut ta' VOC" tfisser il-massa ta' VOCs, espressa fi grammi/litru (g/l), fil-formulazzjoni tal-prodott meta jkun fil-kundizzjoni tiegħu lest għall-użu. Il-massa ta' VOCs fi prodott partikolari li tirreaġixxi kimikament waqt it-tnixxif sabiex tifforma parti mil-kisi ma għandhix titqies bħala parti mill-kontenut ta' VOC;

(f) "Solvent organiku" tfisser kwalunkwe VOC li jintuża waħdu jew flimkien ma' aġenti oħra biex idewwed jew iħallat materja prima, prodotti, jew materjal ta' skart, jew li jintuża bħala aġent tat-tindif biex idewweb l-kontaminanti, jew bħala medja ta' tixrid, jew bħala aġġustatur ta' viskożità, jew bħala aġġustatur tat-tensjoni tal-wiċċ ta' oġġett, jew bħala plastifikant, jew bħala preservattiv;

(g) "Kisi" tfisser kwalunkwe taħlita, inklużi s-solventi organiċi kollha jew taħlita li fiha jinsabu solventi organiċi meħtieġa għall-applikazzjoni korretta tagħhom, li huwa użat biex jipprovdi rita b'effett dekorattiv, protettiv jew xi effett funzjonali ieħor fuq wiċċ ta' oġġett;

(h) "Rita" tfisser saff kontinwu li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' kisja waħda jew aktar fuq substrat;

(i) "Kisi li jinġarr bl-ilma (WB)" tfisser kisi li jkollu l-viskożità tiegħu aġġustata bl-użu tal-ilma;

(j) "Kisi li jinġarr bis-solventi (SB)" tfisser kisi li jkollu l-viskożità tiegħu aġġustata bl-użu ta' solvent organiku;

(k) "Kummerċjalizzazzjoni" tfisser li jsir disponibbli għal Partijiet terzi, kemm jekk fuq skambju ta' pagament jew le. L-importazzjoni lejn it-territorju dogali tal-Partijiet għandha tkun mifmhuma bħala kummerċjalizzazzjoni għall-fini ta' dan l-Anness.

4. "Żebgħa u vernić" tfisser prodotti elenkati fis-subkategoriji hawn taħt, eskluż l-areosoli. Dawn huma tipi ta' kisi applikati fuq il-bini, il-finitura u l-fitting tagħhom, u l-istrutturi assoċjati għal skopijiet dekorattivi, funzjonali u protettivi:

(a) "Kisjiet matti għal ħitan interni u soqfa" tfisser kisjiet iddiżinjati għal applikazzjoni fuq ħitan interni u sofqa bi gloss < 25 @ 60 grad;

(b) "Kisjiet li jleqqu għal ħitan interni u soqfa" tfisser kisjiet iddiżinjati għal applikazzjoni fuq ħitan interni u soqfa bi gloss > 25 @ 60 grad;

(c) "Kisjiet għal ħitan esterni ta' substrat minerali" tfisser kisjiet iddiżinjati għal applikazzjoni fuq ħitan esterni tal-ġebel, briks jew stukko;

(d) "Finitura interna/esterna u żebgħa ta' kopertura għall-injam, metall jew plastik" tfisser kisjiet iddiżinjati għal applikazzjoni fuq finitura u kopertura li jipproduċu rita opaka. Dawn il-kisjiet huma ddiżinjati għal substrat tal-injam, metall jew plastik. Din is-subkategorija tinkludi żebgħa li tintuża għal passata ta' taħt u kisjiet intermedjari;

(e) "Vernić ta' finitura interna/esterna u lwien tal-injam" tfisser kisjiet iddiżinjati għal applikazzjoni fuq finitura li tipproduċi rita trasparenti jew semitrasparenti għal dekorazzjoni u protezzjoni tal-injam, metall u plastik. Din is-subkategorija tinkludi lwien opaki għall-injam. Ilwien opaki għall-injam (wood stain) tfisser kisjiet li jipproduċu rita opaka għad-dekorazzjoni u l-protezzjoni tal-injam, kontra l-ħsara mit-temp, hekk kif definit f'EN 927-1, fil-kategorija semistabbli;

(f) "Ilwien għal injam b'binja minima" tfisser ilwien għall-injam li, skont EN 927-1:1996, għandhom ħxuna medja ta' anqas minn 5 µm meta jiġi ttestjat skont ISO 2808: 1997, metodu 5A;

(g) "Primers" tfisser kisjiet bi proprjetajiet ta' siġillar u/jew imblokkar iddiżinjati għall-użu fuq injam jew ħitan u soqfa;

(h) "Primers li jgħaqqdu" tfisser kisjiet iddiżinjati sabiex jistabillizzaw partiċelli tas-substrat laxki jew għandhom proprjetatiet idrofobiċi u/jew jipproteġu l-injam kontra il-fungus blue stain;

(i) "Kisjiet bi prestazzjoni ta' pakkett wieħed" tfisser kisjiet bi prestazzjoni bbażata fuq materjal li jifforma rita. Dawn huma ddiżinjati għal applikazzjonijiet li jirrikjedu prestazzjoni speċjali, bħal primer u t-topcoat fuq il-plastik, il-kisja primer għal substrati ferruġi, kisja primer għal metalli reattivi bħaż-żingu u l-aluminju, finishes ta' kontra l-korrużjoni, kisjiet tal-art, inkluż art tal-injam u s-siment, reżistenza kontra l-graffiti, ritardant tan-nar, standards tal-iġene fl-industrija tal-ikel u x-xorb jew fis-servizzi tas-saħħa;

(j) "Kisjiet bi prestazzjoni ta' żewġ pakketti" tfisser kisjiet bl-istess użu bħal kisjiet ta' prestazzjoni ta' pakkett wieħed, iżda b'komponent ieħor (eż. ammini terzjarji) miżjud qabel l-applikazzjoni;

(k) "Kisjiet b'ħafna kuluri" tfisser kisjiet iddiżinjati biex jagħtu effett ta' żewġ kuluri jew ta' ħafna kuluri, direttament mal-ewwel applikazzjoni;

(l) "Kisjiet b'effetti dekorattivi" tfisser kisjiet iddiżinjati biex jagħtu effetti estetiċi speċjali fuq substrati jew kisjiet bażi miżbugħin minn qabel ppreparati speċjalment u sussegwentament ittrattati b'diversi għodod matul il-perjodu ta' tnixxif.

5. "Prodotti ta' refinishing ta' vetturi" tfisser prodotti elenkati fis-subkategoriji hawn taħt. Jintużaw għall-kisi ta' vetturi tat-triq, jew partijiet minnhom, imwettqa bħala parti mit-tiswija ta' vettura, konservazzjoni jew dekorazzjoni barra mill-installazzjonijiet ta' manifattura. F'dan ir-rigward "vettura tat-triq" tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, kompluta jew mhix, li jkollha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddiżinjata li taqbeż il-25 km fis-siegħa, u l-karrijiet tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq ir-rails u ta' tratturi agrikoli u tal-forestrija u l-makkinarju mobbli kollu.

(a) "Preparatorju u tindif" tfisser prodotti ddiżinjati biex ineħħu kisjiet qodma u s-sadid, mekanikament jew kemikalment, jew biex jipprovdu qafas għal kisi ġdid:

(i) Prodotti preparatorji jinkludu l-gunwash (prodott iddiżinjat biex inaddaf l-ispray guns u apparat ieħor), apparat li jqaxxar iż-żebgħa, apparat li jisgrassa (inkluż tipi ta' kontra l-istatika għall-plastik) u apparat li jneħħi s-silikon;

(ii) "Inaddaf minn qabel (pre-cleaner)" tfisser prodott tat-tindif iddiżinjat għat-tneħħija ta' kontaminazzjoni fil-wiċċ ta' oġġett waqt il-preparazzjoni għal u qabel l-applikazzjoni ta' materjal tal-kisi.

(b) "Bodyfiller/stopper" tfisser komposti li għandhom massa kbira ddiżinjati biex ikunu applikati biex jimlew imperfezzjonijiet fondi tal-wiċċ ta' oġġett qabel l-applikazzjoni tal-kisi tal-wiċċ ta' oġġett/filler;

(c) "Primer" tfisser kwalunkwe kisi li huwa ddiżinjat għal applikazzjoni fuq metall għeri jew finishes eżistenti sabiex jipprovdi protezzjoni mill-korrużjoni qabel l-applikazzjoni tal-primer għal kisi tal-wiċċ ta' oġġett:

(i) "Kisi tal-wiċċ ta' oġġett/filler" tfisser kisi ddiżinjat għal applikazzjoni eżatt qabel l-applikazzjoni ta' topcoat għall-fini ta' reżistenza kontra l-korrużjoni, biex jiżgura l-adeżjoni ta' topcoat, u biex jippromwovi l-formazzjoni ta' finish tal-wiċċ tal-oġġett uniformi billi jimla l-imperfezzjonijiet żgħar fil-wiċċ tal-oġġett;

(ii) "Primer ġenerali tal-metall" tfisser kisi ddiżinjat għal applikazzjoni bħall-primers, bħalma huma l-promoturi tal-adeżjoni, siġillanti, kisi tal-wiċċ ta' oġġett, undercoats, primers tal-plastik, wet-on-wet, fillers mhux tar-ramel u spray fillers;

(iii) "Wash primer" tfisser kisjiet li fihom mill-anqas 0,5 % bil-piż tal-aċidu fosforiku ddiżinjat biex ikun applikat direttament fuq uċuħ ta' oġġetti tal-metall għerin biex jipprovdi reżistenza kontra l-korrużjoni u adeżjoni; kisjiet użati bħala weldable primers, u soluzzjonijiet mordanti għal uċuħ ta' oġġetti galvanizzati u taż-żingu.

(d) "Topcoat" tfisser kwalunkwe kisi pigmentat li huwa ddiżinjat biex jiġi applikat bħala bażi ta' saff wieħed jew diversi saffi biex jipprovdi l-gloss u d-durabbiltà. Jinkludi l-prodotti kollha involuti bħalma huma kisjiet bażi u kisjiet trasparenti:

(i) "Kisjiet bażi" tfisser kisjiet pigmentati ddiżinjati sabiex jipprovdu kulur u kwalunkwe effett ottiku mixtieq, imma mhux il-gloss jew ir-reżistenza tal-wiċċ ta' oġġett tas-sistema tal-kisi;

(ii) "Kisi trasparenti" tfisser kisi trasparenti ddiżinjat sabiex tipprovdi gloss aħħari u proprjetajiet ta' reżistenza tas-sistema tal-kisi.

(e) "Finishes speċjali" tfisser kisjiet iddiżinjati għal applikazzjoni bħala topcoats li jirrikjedu proprjetajiet speċjali, bħalma huma effetti metalliċi jew tal-perla, f'saff wieħed, kulur solidu ta' prestazzjoni għolja u kisjiet trasparenti (eż. kontra l-brix u kisi trasparenti fluworinat), kisi bażi riflettiv, finsihes tattessut (eż. martellat), kontra ż-żlieq, siġilli under-body, kisjiet kontra t-tixlif, finishes interni; u aerosoli.

6. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-prodotti koperti minn dan l-Anness li jiġu kummerċjalizzati fit-teritorju tagħhom jikkonformaw mal-kontenut massimu tal-VOC kif speċifikat fit-Tabelli 1 u 2. Għall-finijiet ta' restorazzjoni u manutenzjoni ta' bini u vetturi klassiċi li huma innominati mill-awtoritajiet kompetenti bħala li huma ta' valur storiku jew kulturali partikolari, il-Partijiet jistgħu jagħtu liċenzji individwali għal bejgħ u xiri f'kwantitajiet strettament limitati ta' prodotti li ma jikkonformawx mal-valuri limitu ta' VOC hekk kif inhu stipulat f'dan l-Anness. Il-Partijiet jistgħu wkoll jeżentaw milli jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija hawn fuq għal prodotti mibjugħin għal użu ekslussiv f'attività koperta bl-Anness VI u mwettqa f'installazzjoni reġistrata jew awtorizzata li jikkonformaw ma' dak l-Anness.

*Tabella 1*

**Kontenut massimu ta' VOC għaż-żebgħa u l-verniċ**

| *Subkategorija tal-prodott* | *Tip* | *(g/l)* * |
|---|---|---|
| Ħitan u soqfa matti interni (Gloss < 25@60°) | WB | 30 |
| | SB | 30 |
| Ħitan u soqfa jleqqu interni (Gloss > 25@60°) | WB | 100 |
| | SB | 100 |
| Ħitan esterni ta' substrat minerali | WB | 40 |
| | SB | 430 |
| Żebgħa ta' finitura interna/esterna u kopertura għall-injam u l-metall | WB | 130 |
| | SB | 300 |
| Verniċ tal-finitura u l-ilwien tal-injam interni/esterni, inkluż lewn tal-injam opak | WB | 130 |
| | SB | 400 |
| Ilwien tal-injam ta' binja minima interni u esterni | WB | 130 |
| | SB | 700 |
| Primers | WB | 30 |
| | SB | 350 |
| Primers li jagħqdu | WB | 30 |
| | SB | 750 |
| Kisi ta' prestazzjoni f'pakkett wieħed | WB | 140 |
| | SB | 500 |
| Kisi ta' prestazzjoni f'żewġ pakketti għal użu aħħari speċifiku | WB | 140 |
| | SB | 500 |
| Kisjiet b'ħafna kuluri | WB | 100 |
| | SB | 100 |
| Kisjiet b'effetti dekorattivi | WB | 200 |
| | SB | 200 |

* g/l lest biex jintuża.

*Tabella 2*

**Kontenut massimu ta' VOC għal prodotti ta' refinishing ta' vetturi**

| *Subkategorija tal-Prodott* | *Kisjiet* | *VOC (g/l)* * |
|---|---|---|
| Preparatorju u tindif | Preparatorju | 850 |
| | Inaddaf minn qabel | 200 |
| Bodyfiller/stopper | It-tipi kollha | 250 |
| Primer | Kisi tal-wiċċ ta' oġġett/filler u primer ġenerali (metall) | 540 |
| | Wash primer | 780 |
| Topcoat | It-tipi kollha | 420 |
| Vernić speċjali | It-tipi kollha | 840 |

* g/l ta' prodott lest biex jintuża. Ħlief għal 'preparatorju u tindif', kwalunkwe kontenut ta' ilma tal-prodott lest għall-użu għandu jiġi skontat.

B. **Il-Kanada**

7. Il-valuri limitu għall-kontroll tal-emissjonijiet ta' VOCs mill-użu ta' prodotti tal-konsumatur u kummerċjali se jiġu determinati, kif jixraq, b'konsiderazzjoni tal-informazzjoni dwar it-teknoloġiji ta' kontroll disponibbli, it-tekniki u l-kejl, il-valuri limitu applikati f'ġurisdizzjonijiet oħrajn, u d-dokumenti hawn taħt:

(a) VOC Concentration Limits for Architectural Coatings Regulations, SOR/2009-264;

(b) VOC Concentration Limits for Automotive Refinishing Products, SOR/2009-197;

(c) Regulations Amending the Prohibition of Certain Toxic Substances Regulations, 2005 (2-Methoxyethanol, Pentachlorobenzene and Tetrachlorobenzenes), SOR/2006-279;

(d) Federal Halocarbon Regulations, SOR/2003-289;

(e) Prohibition of Certain Toxic Substances Regulations, SOR/2003-99;

(f) Solvent Degreasing Regulations, SOR/2003-283;

(g) Tetrachloroethylene (Use in Dry Cleaning and Reporting Requirements) Regulations, SOR/2003-79;

(h) Order Adding Toxic Substances to Schedule 1 to the Canadian Environmental Protection Act, 1999;

(i) Notice with Respect to Certain Substances on the Domestic Substances List (DSL);

(j) Order Amending Schedule 1 to the Canadian Environmental Protection Act, 1999 (Miscellaneous Program);

(k) Ozone-depleting Substances Regulations, SOR/99-7;

(l) Proposed regulations for VOC Concentrations Limits for Certain Products;

(m) Proposed notice requiring the preparation and implementation of pollution prevention plans in respect of specified substances on Schedule 1 of the Canadian Environmental Protection Act, 1999, related to the resin and synthetic rubber manufacturing sector;

(n) Proposed notice requiring the preparation and implementation of pollution prevention plans in respect of specified substances on Schedule 1 of the Canadian Environmental Protection Act, 1999, implicated in the polyurethane and other foam sector (except polystyrene);

(o) Notice with Respect to Certain Hydrochlorofluorocarbons;

(p) Notice with Respect to Certain Substances on the Domestic Substances List (DSL); u

(q) Environmental Code of Practice for the Reduction of Solvent Emissions from Dry Cleaning Facilities. PN 1053.

C. **L-Istati Uniti tal-Amerka**

8. Valuri limitu għal kontroll tal-emissjonijiet tal-VOCs minn sorsi suġġetti għall-Istandards tal-Emissjoni tal-Komposti Organiċi Volatili Nazzjonali għal Prodotti tal-Konsumaturi u Kummerċjali huma speċifikati fid-dokumenti li ġejjin:

(a) Automobile refinish coatings — 40 C.F.R. Part 59, Subpart B;

(b) Consumer products — 40 C.F.R. Part 59, Subpart C;

(c) Architectural coatings — 40 C.F.R. Part 59, Subpart D; u

(d) Aerosol coatings — 40 C.F.R. Part 59, Subpart E.”